# L-ĦAJJA f'Għawdex

Nru. 882 | LEĦEN L-GĦAWDXIN | Novembru 2006

## Mafkar Xieraq lill-Papa li żarna



ICI

# Dulux

## WORLD of COLOUR



**Ta' Ġamri - Għajnsielem, Gozo.**
**Tel: 2155 1578 Mob: 9942 2341 / 9944 3550**

***Visit us to see our full range of colours for interior and exterior wood, metal, walls and ceilings.***

**For decorative tips call our Interior Decorator on 9987 6932**

# IL-ĦAJJA f'Għawdex

Imwaqqfa f'Ġunju 1945
*Ħarġa nru. 882*
*Novembru 2006*
Maħruġa mid-
Djoċesi ta' Għawdex

*Direzzjoni u Amministrazzjoni:*
Lumen Christi Media Centre
Triq Fortunato Mizzi,
Victoria - Għawdex VCT 111
Tel. 21560496/7 Fax. 21561860
*e-mail:* gozopress@onvol.net
*homepage:*
www.gozodirect.com/lumenchristi

Abbonament: Lm3 Sostenitur: Lm 5

Issettjata u Stampata:
*"Gozo Press" Tel.21551534*

*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.*


## f'din il-ħarġa


Editorjal • 3
Il-Ħajja fid-Djoċesi • 4
Tibdil fid-Direzzjoni • 6
Il-Bord Editorjali Ġdid • 7
X'għadda minn għalina • 8
L-Inawgurazzjoni tal-Monument • 14
Kummentarju (1) • 16
Attwalità • 18
Versi Riflessivi • 19
Riflessjonijiet ta' ACM • 20
Ktieb x'Taqra • 22
**SUPPLIMENT:**
**PELLEGRINAĠĠ FIL-POLONJA**
Għawdex 300 sena ilu (148) • 23
Il-Misteru tal-Ewkaristija (14) • 24
Il-Biedja f'Għawdex (49) • 26
Passiġġata Biblika (20) • 28
Mill-Kunsilli Lokali Għawdxin: Qala • 30
Xhieda Nisranija: P. Ġużepp Portelli (4) • 32
Mill-Knisja fid-Dinja • 33
Għawdxin li għadna niftakru (37) • 34
Kummentarju (2) • 36
L-Istorja tal-Mediċina (8) • 38
Ħolm il-Ħajja • 40
Bejnietna n-Nisa • 41
L-Irħula Għawdxin (8): Il-Qala • 42



**Ritratti:** *Ħajr lil Joe Zammit, George Scerri, Alvin Scicluna, Max Xuereb, John Cordina, Kunsilli Lokali ta' Għawdex u diversi parroċċi Għawdxin għal diversi ritratti li jidhru f'din il-ħarġa.*
*Ritratti tal-Qoxra: Joe Zammit u George Scerri.*





## *Laboratorju tal-Valuri*

*Is-sena skolastika bdiet b'aħbar tajba għall-Għawdxin - l-aħbar li ser tinbena skola sekondarja għas-subien bl-investiment ta' tliet miljun lira. L-investiment fl-edukazzjoni hu dejjem, bħalma jgħidu l-Ingliżi, "money well spent"; iktar u iktar meta tgawdi minnu gżira bħal tagħna fejn l-unika riżorsa hi dik umana.*

*Il-lum id-dinja 'l barra mill-konfini ta' l-iskola tippreżenta lit-tfal u ż-żgħażagħ stimoli li jlellxu u jqanqlu. L-iskola, jekk trid tibqa' interessanti, ma tistax toffri ambjent fiżiku mraqqa' u ta' nofs kedda li jgerrex u jisfratta lill-istudenti minflok jilqagħhom u jħeġġiġhom. Għalhekk f'Għawdex hawn il-ħtieġa ta' skola sekondarja ġdida. Għalkemm, skond id-disinni li dehru fuq il-ġurnali, l-istruttura ta' din l-iskola ġdida tagħti sensazzjoni ta' monotonija, aħna għandna fiduċja fil-kompetenza u l-esperjenza ta' l-esperti tal-Fondazzjoni għall-Iskejjel t'Għada.*

*Madankollu l-ambjent fiżiku ta' skola huwa biss il-lok fejn l-iskola-komunità tissieħeb fil-proċess edukattiv - proċess li għandu bħala għan l-iżvilupp tal-personalità kollha kemm hi, jew fi kliem il-Kurrikulu Minimu Nazzjonali (KMN), "l-iżvilupp ħolistiku". Għalhekk il-KMN ifisser il-prinċipji tiegħu fi tliet oqsma prattiċi : dak tat-tagħrif, dak tal-ħiliet u dak ta' attitudnijiet. Sewwasew l-ewwel għan tal-Kurrikulu (p 47, 48) huwa l-iżvilupp tal-valuri etiċi u morali. U hawn qegħda l-qalba tal-problema. Għax waqt li s-sistema tagħna tal-edukazzjoni fis-sekondarja tenfasizza l-oqsma tat-tagħrif u, sa ċertu punt, tal-ħiliet, ma tħallix biżżejjed wisa' għall-qasam ta' l-attitudnijiet u l-valuri.*

*F'kull skola, l-edukazzjoni tal-valuri għandha sseħħ kemm fit-tfassil tal-pjan ta' żvilupp ta' l-iskola u fit-twettiq tiegħu, u kemm f'kull okkażjoni li tinqala' minn waqt għall-ieħor fil-ħajja ta' kuljum. Skola li tinsa l-għan tagħha li tgħallem il-valuri tkun tażżarda li tgħaddi lill-istudenti valuri negattivi. Kull għażla li student ikun imħajjar jagħmel, kull deċiżjoni li jieħu edukatur fir-relazzjoni tiegħu mat-tfal u ż-żgħażagħ, tittrasmetti valur. Il-valuri għandhom jitqiesu f'kull nifs li tieħu l-iskola. Iżda jista' jagħti l-każ, li skola jiġrilha bħalma jiġrilna aħna li nieħdu n-nifs u ninsew li l-aktar li hu importanti hu l-ossiġnu. Għaldaqstant l-iskola għandha tkun laboratorju tal-valuri.*

*Tabilħaqq li l-iskola tirrifletti s-soċjetà, iżda s-soċjetà ta' għada tirrifletti l-iskejjel tal-lum. Għalhekk wieħed jistaqsi kemm u x'tista' tagħmel l-iskola biex ittaffi l-ħedla fl-impenn pubbliku u komunitarju, in-nuqqas ta' patrijottiżmu, l-indifferenza lejn id-dmirijiet li spiss naraw madwarna. Kemm kriżijiet personali u soċjali huma s-sintomu ta' kriżi tal-valuri?*

*Hija, imbagħad, l-edukazzjoni fil-valuri morali li tagħti lill-ħidma ta' l-għalliem dimensjoni eterna. Għalhekk il-Konċilju Vatikan II, fid-Dikjarazzjoni dwar l-Edukazzjoni Nisranija jisħaq fuq id-dritt tat-tfal u ż-żgħażagħ li jsibu nkoraġġiment biex iqisu l-valuri morali b'kuxjenza retta u biex iħaddnuhom b'għażliet personali.*

**Joseph W. Psaila**

***N.B. Dan huwa l-ewwel editorjal li kitbilna l-Editur Ġdid tar-Rivista tagħna. Minn qalbna nifirħulu u nawgurawlu ħidma fejjieda f'din il-kariga ġdida ġurnalistika b'risq Għawdex u l-Għawdxin . Id-Direzzjoni.***




## Djarju Episkopali ta' Żjarat u Attivitajiet ta' Mons. Isqof Mario Grech f'Ottubru

Ix-xahar ta' Ottubru kien ix-xahar li fih fil-parroċċi tad-djoċesi bdiet is-**sena pastorali** 2006-2007 skond il-pjan pastorali djoċesan *"L-Ispirtu s-Santu u l-missjoni tan-nisrani."* Mons. Isqof żar u attenda għal xi laqgħat li saru: Seminar għall-Katekisti Għawdxin f'Dar Manresa, Jum il-Katekiżmu fl-Oratorju Don Bosco, il-Ġimgħa tal-Familja fil-parroċċa ta' l-Għarb, il-Ġimgħa taż-Żgħażagħ ix-Xewkija, il-Ftuħ tas-Sena Kateketika ġewwa l-Munxar, il-Ftuħ tas-Sena Soċjali fl-Azzjoni Kattolika, ir-Rabat. Nhar it-18 t'Ottubru ltaqa' mal-komunità tal-Lectio Divina tal-parroċċa ta' San Larewnz, filwaqt li fis-26 t'Ottubru iċċelebra l-quddiesa





u ltaqa' ma' xi familji fiż-żona Taċ-Ċawla, Victoria. Tul dawn il-ġimgħat ukoll, Mons. Isqof żar il-Museum tas-Subien tar-Rabat u l-Iskola Post-Sekondarja Sir M. A. Refalo. Nhar il-15 t'Ottubru 2006, ir-Ragħaj Spiritwali ħa sehem fil-pussess ta' Dun Rueben Micallef bħala Arċipriet tal-parroċċa taż-Żebbuġ. Mons. Isqof ma naqasx milli jippresedi l-Liturġija f'xi knejjes li ċċelebraw il-festa titulari tagħhom, fosthom ġewwa l-Knisja tal-Patroċinju, l-Għasri; il-Knisja ta' Ġesù Nażżarenu, ix-Xagħra; u l-Knisja ta' Sant'Antnin l-Imġarr f'għeluq il-100 sena mid-dedikazzjoni tal-Knisja.

Il-**Komunitajiet Reliġjużi u l-Istitut Sekulari** kienu wkoll fl-aġenda ta' l-Isqof għal dan ix-xahar. Fit-Tifkira ta' S. Franġisk t'Assisi nhar l-4 t'Ottubru, Mons. Mario Grech mexxa l-Ewkaristija mal-Patrijiet Franġiskani Konventwali u żar ukoll il-Komunità tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù fil-Casa Madre. It-12 t'Ottubru kien mistieden mill-komunità tas-Sorijiet Klarissi ta' San Ġiljan, Malta fejn uħud mis-sorijiet huma Għawdxin. Hemmhekk għadda mumenti ta' talb magħhom. Fis-17 t'Ottubru żar lil komunità ta' l-Ispigolatriċi ġewwa x-Xagħra fejn iċċelebra l-Ewkaristija.



Minbarra l-impenji ta' natura reliġjuża, Mons. Isqof wassal il-kelma tal-Knisja fid-**dinja tax-xogħol u tal-politika**. Nhar it-3 t'Ottubru Mons. Grech laqa' fil-Kurja uffiċċjali għolja ta' l-Union Ħaddiema Magħqudin fl-okkażjoni ta' l-40 sena mit-twaqqif tagħha. Hawn l-Isqof tkellem dwar id-duttrina soċjali tal-Knisja u dwar il-

possibilitajiet ta' xogħol għall-Għawdxin f'Għawdex stess. Ta' min isemmi wkoll il-laqgħa li saret il-Kurja nhar is-6 t'Ottubru mas-Sur Harry Vasallo, Chairman ta' l-Alternattiva Demokratika u uffiċjali oħra ta' l-istess partit li matulha ġew diskussi materji li jolqtu l-ambjent f'Għawdex.



Tul dan ix-xahar fid-djoċesi saru xi attivitajiet biex isawru dejjem aktar **kuxjenza missjunarja**. Il-Moviment Missjunarju 'Ġesù fil-Proxxmu' tella' wirja ta' Arti fil-Banca Giuratale biex jiġbor fondi għall-bini ta' klinika, skola u knisja fl-Etijopja. Fil-Gym tas-Seminarju ttellgħet il-Maratona Sportiva li l-qligħ tagħha ser imur għall-missjoni ta' dun Manwel Cutajar fl-Albanija. Għal dawn iż-żewġ attivitajiet attenda Mons. Isqof.

Il-Knisja kompliet tara x'inhuma l-**esigenzi pastorali** tad-djoċesi tagħna. Minbarra n-nomini ġodda li saru tul dawn il-ġimgħat (ara *Atti tal-Kurja*), ingħatat attenzjoni lit-Tribunal Ekkleżjastiku Djoċesan. Nhar il-5 t'Ottubru, Mons. Isqof iltaqa' ma' l-Imħallfin u l-Udituri ta' l-isemmi Tribunal biex magħhom iddiskuta programm ta' xogħol għax-xhur li ġejjin sabiex jiġu mgħejjuna dawk il-koppji li ressqu l-każijiet tagħhom lit-Tribunal. Fl-24 t'Ottubru Mons. Isqof ħa sehem fl-ewwel laqgħa organizzata għas-saċerdoti taż-żona tax-Xagħra u n-Nadur ġewwa d-Dar Parrokkjali tax-Xagħra.



gozo press
Offset & Letterpress Printing
Graphic Design Studio
Mġarr Road, Għajnsielem, Gozo - Malta.
Tel: 2155 1534 - Fax: 2156 0857 - Mob: 9982 6350
E-mail: gozopress@onvol.net



# Il-Bord Editorjali Ġdid tar-Rivista Tagħna



## NIFIRĦU U NILQGĦU FOSTNA LILL-EDITUR IL-ĠDID IS-SUR JOSEPH W. PSAILA



Is-Sur Joseph W. Psaila twieled ir-Rabat Għawdex, nhar l-14 ta' Marzu 1943, studja fil-Liċeo ta' Għawdex, fis-*St Michael's Teachers' Training College* (1962-1964) u wara fl-*Istituto Superiore di Educazione Fisica* ta' Ruma (1969-1972).Għal ħafna snin kien għalliem ta' l-Edukazzjoni Fiżika fl-iskejjel u mbagħad Uffiċjal Edukattiv mad-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni. Kien ukoll għal xi żmien Kap tal-*Gozo Sports Complex, Chairman tal-Gozo Sports Board,* membru tal-Kunsill Malti għall-Isport u Segretarju tal-Kunsill Nazzjonali tal-Kurrikulu. Ħadem kemm bħala membru, kif ukoll bħala uffiċjal, f'diversi għaqdiet Kattoliċi. Huwa ppubblika żewġ antoloġiji ta' poeżiji bil-Malti (*Graffiti f'Gerduf* - 1999 u *Xehwat* - 2003). Minbarra l-poeżiji ppubblika, f'diversi rivisti u ġurnali, esejs bil-Malti u bl-Ingliż, xi wħud minnhom jittrattaw l-edukazzjoni u oħrajn l-isport bħala fenomenu soċjali ta' żminijietna. Huwa miżżewweġ lil Mary Jane u għandhom tlitt itfal, Anselm, Ivana u Anna Maria.

***Il-ħidma ta' l-editur tiġbor fiha, minbarra l-kumment editorjali, il-kontenut u t-tfassil tar-rivista, l-evalwazzjoni u l-editjar ta' l-artikli, u r-responsabbiltà ġenerali, legali u morali ta' kull ħarġa.***

## RADD IL-ĦAJR LILL-EX-EDITUR FR. REUBEN



Nixtiequ rroddu ħajr lil **Dun Reuben Micallef** li għal dawn l-aħħar erba' snin kien l-Editur ta' din ir-Rivista. Dun Reuben ġie ordnat saċerdot mill-Isqof Nikol Cauchi nhar it-23 ta' Ġunju 2000 u għal sentejn għamel studji fil-Liturġija, fl-Università ta' Sant' Anselmu f'Ruma. Fl-istess żmien kien ukoll kollaboratur pastorali fil-parroċċa tan-Nativitâ ġewwa Ruma. F'dawn l-aħħar snin huwa kien vigarju parrokkjali fil-parroċċa tal-Kattidral ta' Għawdex. Dun Reuben ġie issa maħtur Arċipriet għall-parroċċa taż-Żebbuġ. Għaldaqstant, filwaqt li rroddulu ħajr għall-ħidma tiegħu fir-rivista "*Il-Ħajja f'Għawdex*", nifirħulu u nawgurawlu għal din il-kariga ġdida. (Ara wkoll paġna 13).




*Aħseb biex iġġedded l-abbonament tiegħek f'*

**IL-ĦAJJA f'Għawdex**

*għas-sena d-dieħla 2007,*

*b'aktar paġni u aktar qari interessanti...*

*għal Lm3 biss!*



# L-Assistent-Editur



**Il-Kav. Joe M. Attard** imwieled fil-Belt Victoria fl-ewwel tas-sena 1946. Hu miżżewweġ lil Maria, bi tlett ulied. Għal żmien twil kien għalliem tal-Malti fil-Liċeo 'Ninu Cremona'. Ġurnalista, xandâr, attur, preżentatur u kittieb ta' bosta poeżiji, esejs u *features*. Kien maħtur Kavallier ta' l-"*Unione Cavalleria Cristiana Internazionale*" (UCCI) fl-1984.

***Fil-ħidma tiegħu, l-Assistent Editur jagħti għajnuna editorjali fil-kitba ta' l-artikli, jżomm kuntatti mal-kittieba regolari u jimmonitorja l-paġni tar-rivista. Jagħmel ukoll proof-reading u xogħol ta' segreterija.***

# L-Amministratur



**Is-Sur Bennie Mercieca** mix-Xewkija, ħadem bħala għalliem tar-Reliġjon, Taljan u Franċiż fil-livell sekondarju għal erbgħin sena. Għal dawn l-aħħar ħamsa u għoxrin sena hu għallem fil-Kumpless Ninu Cremona fejn fl-aħħar ħames snin kien ukoll responsabbli mill-imġiba tajba u dixxiplina. Speċjalizza fit-tagħlim tar-Reliġjon f'*St Michael's College of Education* u fil-lingwi fl-Universitajiet ta' Siena u Perugia fl-Italja u f'dik ta' Grenoble fi Franza. Hu membru attiv tas-Soċjetà tal-M.U.S.E.U.M. fejn ilu jaqdi l-missjoni tiegħu bħala superjur għal wieħed u tletin sena. L-E. T. l-Isqof Nikol Cauchi kien għażlu bħala membru tal-Kummissjoni Kateketika u serva fiha għal ħamsa u għoxrin sena. Kien ukoll l-animatur fil-funzjoni f'Ta' Pinu fiż-żjara f'Għawdex tal-Papa Ġwanni Pawlu II fl-1990. Dan l-aħħar, l-E.T. l-Isqof Mario Grech ħatru wkoll bħala responsabbli tal-*Lumen Christi Media Centre* f'Għawdex u kollaboratur fl-Uffiċċju Kateketiku fl-istess *Media Centre*.

***Bħala amministratur tal-"Ħajja f'Għawdex" jieħu ħsieb l-istabbilità finanzjarja, l-'accounts' u l-abbonamenti, kif ukoll l-promozzjoni tar-rivista, il-pubbliċità u r-reklamar.***



# Il-Pubblikatur

**Dun Anton Sultana** imwieled il-Qala fit-12 t'April 1945. Kien ordnat saċerdot fis-sena 1970 u ħadem pastoralment f'Għawdex, fl-Istati Uniti ta' l-Amerika, fl-Ingilterra u fl-Italja. Kien ukoll Arċipriet tal-Qala bejn l-1983 u l-1991. Għal dawn l-aħħar tnax-il sena ħadem bħala Assistent Direttur tal-*Lumen Christi Media Centre*, direttur tal-*Lumen Christi Publications*, u pubblikatur u amministratur tar-rivista "*Il-Ħajja f'Għawdex*".

Huwa wkoll awtur ta' tliet kotba ta' spiritwalità: *"Niġġeddu fil-Mulej"* (1983), *"Nistrieħu fil-Mulej"* (1984) u *"Ngħixu fil-Mulej"* (2003). Waqqaf diversi rivisti u kien ġurnalista u xandâr ma' diversi ġurnali f'pajjiżna u stazzjonijiet ta' radios lokali, fosthom l-RTK.

***Bħala pubblikatur tar-rivista huwa jissorvelja l-proċess ta' l-istampar, jagħti assistenza teknika lill-editur u lill-assistent editur, u jikkontrolla l-proof-reading u l-produzzjoni inġenerali.***

*Membri oħra fil-Bord Editorjali:* **Mons Salv Grima, Dr. Mario Saliba, u Francis Sultana.**




**SMUGGLER'S CAVE**
**BAR ® RESTAURANT ® PIZZERIA**
**Il-Menqa, Marsalforn, Gozo.**
**Tel: 21 551005 - 21 551983**
**Fax 21 559959**
Full A La Carte Menu, Fresh Fish,
Take Away & Pizza.
**HOME MADE PASTA IS OUR SPECIALITY**



# X'għadda minn għalina



*Kronaka Għawdxija minn Charles Spiteri*

## *Inawgurat il-Proġett ta' Tisbiħ li sar fil-Bajja ta' Marsalforn*





F'ċerimonja li saret nhar il-Ħadd, 24 ta' Settembru, il-Prim Ministru, Dr Lawrence Gonzi inawgura l-proġett ta' tisbiħ li sar mill-Kunsill Lokali taż-Żebbuġ bil-kollaborazzjoni ta' l-Awtorità ta' Malta tat-Turiżmu fil-bajja ta' Marsalforn. Sar xogħol ta' pavimentar ġdid quddiem diversi ħwienet fi Triq il-Port u fil-Menqa, sar kisi bit-tarmak fi Triq il-Port u nbidlet is-sistema ta' dwal tat-triq ma' waħda aktar moderna u effiċjenti.

Fid-diskors tiegħu, is-Sindku Carmelo Saliba tkellem dwar id-diversi xogħlijiet li saru mill-Kunsill Lokali fil-bajja ta' Marsalforn u semma fost l-oħrajn uħud mix-xogħlijiet li l-Kunsill Lokali Żebbuġ qiegħed iwettaq madwar il-lokalità kollha. Il-Prim Ministru Dr Lawrence Gonzi fid-diskors tiegħu faħħar l-inizjattiva li ħa l-Kunsill Lokali Żebbuġ u awgura twettiq ta' proġetti simili oħra. Fi tmiem iċ-ċerimonja, il-Prim Ministru kixef plakka kommemorattiva, li tbierket mill-Arċipriet Dun Ruben Micallef.

Preżenti għaċ-ċerimonja kien hemm l-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati Anton Tabone, il-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono u diversi personalitajiet distinti oħra. Iċ-ċerimonja kienet mżewqa b' talent lokali.

***Fuq:*** *Jidhru mix-xellug għall-lemin is-Sindku Carmelo Saliba, il-Prim Ministru Dr Lawrence Gonzi, il-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono u l-Viċi Sindku Joe Bajada.* ***Taħt:*** *Jidhru mix-xellug għal-lemin il-Prim Ministru Dr Lawrence Gonzi, il-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono, il-Viċi Sindku Joe Bajada, l-Arċipriet Dun Ruben Micallef, il-Kunsillier Harry Debono (il-mara tas-Sindku u t-tifel) u l-Kunsillier Noel Bezzina.*

## *Taħriġ fiż-Żfin f'Ruma minn Żewġ Tfajliet Għawdxin*



*Natalie Sciortino*



*Jennifer Busuttil*

Natalie Sciortino u Jennifer Busuttil, żewġ studenti tal-*YADA Dance Academy Gozo*, ġew lura Għawdex minn ġimgħa ta' taħriġ fiż-żfin ġewwa Ruma. Huma kienu ngħataw '*scholarship*' minn Kledi Kadiu, il-ballerin popolari tal-programm televiżiv "*Amici*". Dan seħħ wara li s-sena l-oħra attendew kors ta' żfin ta' għaxart ijiem mniedi f'Malta bl-inizjattiva tal-*YADA Dance Company*. Ħames għalliema ġew mill-Italja biex imexxu dan il-kors bl-isem ta' "*Amici at the Med*" u dawn kienu Ilir Shakiri, Olti Shakiri, Anbeta Toromani, Leon Cini u Kledi Kadiu.

Jennifer u Natalie ilhom studenti tal-*YADA Dance Academy Gozo* għal dawn l-aħħar ħames snin u bħalissa huma studenti fit-tieni sena tal-*Grade 5 Jazz*. Huma jattendu lezzjonijiet tal-*ballet* fl-istess skola u qed iħejju biex jagħmlu l-eżami fil-livell intermedjarju. Il-kors taż-żfin sar fl-*ACADEMIA DI DANZA* ta' Kledi Kadiu f'Ruma bejn il-Ħadd 24 ta' Settembru u l-Ħadd l-1 ta' Ottubru.

## *Festival tal-Inbid fin-Nadur - b'attendenza rekord!*





Għar-raba' sena konsekuttiva fin-Nadur ittella' l-Festival tal-Inbid minn *Delicata Winery* u l-Kunsill Lokali tan-Nadur. Dan il-festival inżamm fi Ġnien il-Kunsill bejn il-Ġimgħa 1 u l-Ħadd 3 ta' Settembru.

Mijiet ta' Għawdxin, Maltin u turisti attendew għat-tliet serati b' atmosfera mill-isbaħ. Dawk kollha li attendew kellhom l-opportunità li jduqu u jixorbu diversi tipi ta' inbejjed. Infatti kienu offruti xejn inqas minn tnejn u għoxrin kwalità ta' inbid differenti minn numru ta' *stands*.

Barra l-inbejjed differenti ttellgħu ukoll ħmistax-il *stand* tal-ikel li kienu jvarjaw minn *suckling pig* għall-fenek u mill-pasta għal klamari. F' parti minn Ġnien il-Kunsill ukoll kien hemm *restaurant* għal dawk li xtaqu jieklu ikla tajba bilqegħda.

Matul it-tliet serati ttella' wkoll programm varjat fuq il-palk prinċipali li għall-ewwel darba sar fuq in-naħa tal-ġnien li tagħti fuq il-fliegu. Fil-programm ħadu sehem uħud mill-aqwa kantanti u gruppi Maltin u Għawdxin fosthom Ira Losco, Claudette Pace, *Trilogy*, il-gruppi *Spectrum* u *Tramps*, *Body Art Dance Group*, *Annette's Mystic Dancers*, *Mill Room Studio* u oħrajn.

Ir-raba' edizzjoni tal-Festival tal-Inbid fin-Nadur kienet l-aħjar waħda sa issa mill-erba' li saru, b'attendenza rekord. Kulħadd seta' jgawdi l-atmosfera mill-isbaħ b'veduti mill-aqwa tal-fliegu bejn Malta u Għawdex.









***Xellug, minn fuq għal isfel:*** *il-kantant Steve Cole, u l-kantanta magħrufa Claudette Pace fuq il-palk prinċipali waqt il-Festival tal-Inbid.*
***Lemin, minn fuq għal isfel:*** *Uħud minn dawk li marru għall-Festival tal-Inbid; Ylenia u l-Grupp Spectrum juru t-talenti tagħhom waqt il-Festival tal-Inbid; Dehra oħra, din id-darba tal-'Body Art Dance Group' waqt il-Festival tal-Inbid; u Annette's Mystic Dancers fuq il-palk għall-okkażjoni tal-Festival tal-Inbid.*

## *Il-Pellegrinaġġ tar-Roti minn Ta' Pinu sal-Kapuċċini*



Nhar is-Sibt 16 ta' Settembru, bħala parti mill-Festa tal-Madonna tal-Grazzja, li tiġi ċċelebrata mill-komunità tal-Kapuċċini tal-Belt Victoria sar il-Pellegrinaġġ tar- Roti. Dan il-pellegrinaġġ li jaf il-bidu tiegħu fis-sena 2002, is-sena speċjali meta tfakkar il-50 anniversarju ta' l-Inkurunazzjoni tal-Kwadru Titulari, illum sar parti mill-programm tal-festa u li kulħadd ikun qed jistenna. Il-Madonna tal-Grazzja hi l-protettriċi taċ-ċiklisti. Bħal fi snin ta' qabel il-pellegrinaġġ beda mill-pjazza ta' quddiem is-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna Ta' Pinu, biss minħabba li bħalissa għaddej ix-xogħol fit-triq li mill-Belt Victoria tieħu lejn Ta' Pinu, il-pellegrinaġġ għadda mill-irħula ta' l-Għasri u taż-Żebbuġ fi triqtu lejn il-Belt Victoria. Mal-wasla tiegħu quddiem is-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja, il-Gwardjan Patri Joe Libreri O.F.M. Kap. bierek liċ-ċiklisti u qassam ukoll tifkira ta' l-okkażjoni.



***Fuq:*** *Il-preparamenti quddiem is-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna Ta' Pinu qabel it-tluq lejn is-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja.*
***Xellug:*** *Il-Gwardjan, il-Kapuċċin Patri Joe Libreri jidher waqt iċ-ċerimonja tat-tberik taċ-ċiklisti. F'dan ir-ritratt jidher jagħti tifkira ta' l-okkażjoni liċ-ċiklista Antoine Buttigieg.*

## Tberik ta' l-Istatwa tal-Madonna tal-Patroċinju fl-Għasri



*Waqt il-Purċissjoni mill-Knisja ta' Kristu Salvatur għal din tal-Patroċinju, fl-Għasri.*

Nhar is-Sibt 30 ta' Settembru, Mons. Isqof Mario Grech mexxa Konċelebrazzjoni Pontifikali fil-knisja ta' Kristu Salvatur, l-Għasri u wara bierek statwa tal-Madonna tal-Patroċinju, xogħol l-istatwarju Għawdxi Alfred Camilleri Cauchi.

Ħadet sehem l-orkestra *Stella Maris* taħt id-direzzjoni ta' Mro. Carmel Grech.

Wara saret purċissjoni bl-istatwa tal-Madonna lejn il-knisja Bażilika tal-Patroċinju, li tinsab fil-Wied tal-Għasri. Statwa li ser tibqa' f'din il-knisja, magħrufa bħala tal-Patroċinju, għall-qima tad-devoti.

Il-Festa tal-Madonna tal-Patroċinju ġiet iċċelebrata l-Ħadd, 8 t'Ottubru, f'din il-knisja Bażilika tal-Wied tal-Għasri, li bħala Rettur għandha lil Dun Ġużepp Zammit. Matul il-ġurnata, sar ċelebrazzjoni ta' quddies kull siegħa, mis-6.00 ta' filgħodu, waqt li fl-4.30 ta' filgħaxija, Mons. Isqof Mario Grech, mexxa Konċelebrazzjoni Pontifikali u għamel ukoll l-omelija ta' l-okkażjoni. Tkantat l-antifona u wara saret ċelebrazzjoni ewkaristika.



*Waqt it Tberik ta' l Istatwa tal Madonna tal-Patroċinju minn Mons. Isqof Mario Grech. Jidhru wkoll Fr Eddie Zammit, Segretarju Privat ta' Mons. Isqof Grech, (xellug) u Fr Joseph Zammit, Rettur tal-Knisja tal-Patroċinju, (lemin)*



*Lemin: Mons. Isqof Mario Grech jidher ibierek l-istatwa tal-Madonna tal-Patroċinju. Ħdejh jidher ir-Rettur tal-Knisja Bażilika, Dun Ġużepp mill-Għasri.*

## Steve Xuereb jirbaħ 'Il-Ġostra' fix-Xlendi







***Xellug:*** *Paul Galea waqt il-Ġostra u kompetitur ieħor jipprova jitla' mal-ħabel.* ***Fin-nofs:*** *Steve Xuereb iqaċċat il-bandiera u jirbaħ il-Ġostra għall-ewwel darba.* ***Lemin:*** *Ir-Rettur tal-Knisja Dun Ġ.B. Cremona jippreżenta t-trofew lil Steve Xuereb rebbieħ tal-Ġostra*



*L-ewwel post għal Terence Galea fil-kompetizzjoni tal-ħabel*

Steve Xuereb mir-Rabat Għawdex irnexxielu jtemm id-dominju li kellu Paul Galea fil-logħba tal-Ġostra li ta' kull sena tiġi organizzata fil-bajja tax-Xlendi f'Għawdex. Propju l-Ħadd, 3 ta' Settembru, Steve Xuereb rebaħ lic-*champion* renjanti Paul Galea, titlu li kien ilu għandu għal aktar minn għoxrin sena.

Il-logħob fil-baħar reġa' ġibed lejn il-bajja tax-Xlendi numru kbir ta' nies biex jaraw dan l-ispettaklu li hu parti mill-festa tal-Madonna tal-Karmnu. Il-logħob beda fit-tlieta ta' wara nofsinhar bil-kompetizzjoni tal-ħabel. Logħba fejn il-kompetituri jixxabbtu ma' ħabel vertikali minn ġol-baħar u wara jiddendlu ma' ħabel ieħor orizzontali biex jippruvaw jilħqu u jaqtgħu waħda mill-bnadar mwaħħla ma' l-istess ħabel. Dritt wara bdiet il-ġostra fejn 7 parteċipanti ħadu sehem. Flimkien maċ-*champion* renjanti u l-isfidant numru wieħed Paul Galea, ikkompetew ħutu Renzo, George u Peter kif ukoll Steve Xuereb, Joel Portelli u Martin Xuereb. Mill-ewwel deher li l-isfida kienet ser tkun bejn tlieta jiġifieri bejn Paul, Steve u Joel. Wara li l-kompetituri naddfu b'saqajhom u b'idejhom kif setgħu il-griż minn ma' l-arblu bdew aktar joqorbu lejn il-quċċata, fejn tkun mwaħħla l-bandiera. Aktar ma beda jgħaddi l-ħin Paul, Steve u Joel aktar bdew jersqu viċin. Hawn Steve, f'attentat ieħor minn

tiegħu, b'pass sod, dritt u mgħaġġel wasal sa tarf l-arblu u qaċċat il-bandiera fost id-delirju tal-familjari tiegħu kif ukoll dawk kollha preżenti. Hawn ta' min isemmi li minkejja li ma rebaħx hu, Paul Galea wera ġest sportiv fejn applawda u feraħ lil Steve Xuereb li kien għadu kif ġie dikjarat iċ-*champion* il-ġdid tal-ġostra.

Wara kompla l-logħob bit-tiġrijiet tal-għawm, *paddle boats* u *canoes* bil-parteċipazzjoni ta' bosta tfal u żgħażagħ. L-attività ġiet fit-tmiem bil-preżentazzjoni tat-trofej lir-rebbieħa mir-Rettur tal-knisja fix-Xlendi, Dun Ġiovanni B. Cremona, u Louis u Anġlu Attard ta' *Xlendi Pleasure Cruises*.

Il-logħob fil-baħar kien possibbli jsir grazzi għal għajnuna ta' ħafna nies fosthom, il-Grupp Organizzativ, Gordon Grech il-preżentatur, Jason tal-PA system, l-istaff tar-*Red Cross*, Louis Attard tax-*Xlendi Pleasure Cruises* u r-Rettur tal-Knisja Madonna tal-Karmnu tax-Xlendi.

***Xellug:*** *Paddle Boats tat-tfal mirbuħa mill-koppja Miriana Xuereb u Noella Galea.* ***Fin-nofs:*** *Terence Galea jirċievi t-trofew ta' l-ewwel post fil-kompetizzjoni tal-ħabel.* ***Lemin:*** *Tiġrija tal-canoes tat-tfajliet.*









## *Erba' Abbatini Għawdxin għal servizz fil-Vatikan*



*Andrew Borg (lemin) jidher iżomm id il-Papa Benedittu XVI waqt l-udjenza li nżammet fis-Sala Papa Pawlu VI. Jidher ukoll Keith Vella (fin-nofs)*

Andrew Borg u Keith Vella minn Victoria, Michael Tabone mill-Qala u Michael Bezzina mix-Xagħra, irritornaw lejn Għawdex wara esperjenza f'Ruma fejn taw is-servizz tagħhom bħala abbatini fil-Bażilika ta' San Pietru fil-Vatikan. Huma kienu jiffurmaw parti minn grupp ta' 19-il abbati minn Malta u Għawdex li bejn l-10 u l-24 ta' Awissu servew bħala abbatini f'San Pietru matul il-quddies li jsir kuljum fil-għodu kif ukoll fil-konċelebrazzjonijiet u fil-vespri tal-Festa ta' Santa Marija u tal-Ħdud.

Barra mis-servizz liturġiku li taw, dawn l-abbatini kellhom l-opportunità li jżuru diversi postijiet storiċi u kulturali li għalihom Ruma hija famuża, fosthom il-Mużew Vatikan u l-Kappella Sistina, il-Bażiliċi prinċipali ta' Ruma, Fontana di Trevi, Pjazza Navona, il-Kolossew, Villa d'Este f'Tivoli, Villa Borghese. Il-familjari ta' dawn l-abbatini akkumpanjaw lill-abbatini f'Ruma bejn l-14 u l-21 ta' Awissu.



*Mix-xellug għal-lemin: Dun Roberto Gauci, Michael Bezzina, Michael Tabone, Keith Vella, Andrew Borg u s-seminarista Daniel Grech. L-erba' abbatini flimkien ma' Dun Roberto Gauci u s-seminarista Daniel Grech wara ċ-ċelebrazzjoni tal-vestizzjoni fil-Cappella del Coro ġewwa San Pietru.*

Però minn daqshekk okkażjonijiet li kellhom, tnejn partikolari kienu l-qofol tal-mawra tagħhom f'Ruma. L-ewwel waħda kienet iċ-ċerimonja tal-vestizzjoni ta' l-abbatini mill-Arċisqof Vittorio Lanzani fil-*Cappella del Coro* fil-preżenza tal-familjari tagħhom. L-oħra kienet waqt l-udjenza tal-Papa fis-Sala Papa Pawlu VI nhar it-23 ta' Awissu, fejn l-abbatini kellhom ix-xorti jiltaqgħu mill-viċin mal-Papa Benedittu XVI. Din bla dubju kienet esperjenza li żgur ma tintesa qatt minn dawn l-abbatini.

## *L-Editur ta' "The Maltese Herald" f'Għawdex*

L-editur tal-ġurnal tal-Maltin fl-Awstralja, *The Maltese Herald*, Lino Vella, nhar it-Tlieta 10 t'Ottubru għamel żjara ta' korteżija lill-Mons. Isqof Mario Grech, fil-Kurja Djoċesana, fir-Rabat, Għawdex.

Mons. Isqof Grech wera interess kbir fil-gazzetta *The Maltese Herald* u deher li japprezza ħafna t-tagħrif u l-ispazju li din kull nhar ta' Tlieta tagħti lill-Gżira Għawdxija. Mons. Isqof ħa l-opportunità sabiex jirringrazzja lid-diriġenti ta' *The Maltese Herald* ta' l-għajnuna li issa ilhom jagħtu lill-komunità inġenerali għal dawn l-aħħar 45 sena, ħolqa bejn l-emigranti sa mill-1961.



*Lino Vella flimkien ma' Mons. Isqof Mario Grech, fil-Kurja Djoċesana.*

Għall-mistoqsija li saret lill-Mons. Isqof Grech, issa li kien mar l-Istati Uniti, meta kien beħsiebu jżur l-emigranti fl-Awstralja, ir-risposta kienet li din iż-żjara li hi tant għal qalbu qiegħda fil-ħsieb tiegħu u ssir ma' l-ewwel opportunità li jkollu, possibbilment fis-snin 2007/08.

Żjara oħra kienet dik lill-i*Speaker* tal-Kamra tal-Parlament Malti, Anton Tabone, fejn bidlu l-veduti tagħhom ta' meta s-Sur Tabone kien żar l-Awstralja, meta dak iż-żmien l-i*Speaker* ġa kellu l-ideja li jitwaqqaf f'Malta Uffiċċju għall-Emigranti ta' barra, iżda għalkemm saru xi attentati ma sar xejn konkret. B'dana kollu hija xewqa ta' l-i*Speaker* illi jitwaqqaf dan l-uffiċċju u possibbilment fl-aħjar interessi ta' kulħadd jkun taħt l-Uffiċċju tal-President ta' Malta, uffiċċju fejn ikun hemm persuna responsabbli li tieħu ħsieb l-interessi ta' l-emigranti Għawdxin.



*Lino Vella ma' l-iSpeaker tal-Kamra tar-Rappreżentanti, is-Sur Anton Tabone.*

## *Qala International Folk Festival 2006 - inizjattiva oriġinali!*

Bejn il-5 u it-8 ta' Ottubru, ġiet organizzata l-ewwel edizzjoni tal-*Qala International Folk Festival*, mill-Kunsill Lokali Qala bil-kollaborazzjoni tal-*Menhir Qala Folk Group* u kumitat organizzattiv mwaqqaf apposta. Il-ftuħ ta' din l-ewwel edizzjoni tal-*Qala International Folk Festival* kien nhar il-Ħamis 5 ta' Ottubru, fir-raħal tal-Qala, bil-*Menhir Qala Folk Group* jippreżenta lill-pubbliku ż-żifna 'Il-Ballata tal-Bjut' u spettaklu mill-*Astra Folk Group* tal-Belt Victoria, *Mnarja Folk Group* tan-Nadur, u l-*Folklorno Drustvo VAL Piran* tas-Slovenja. Is-Sindku tal-Qala u *Chairman* tal-Kumitat Organizzattiv, Paul Buttigieg għamel diskors tal-okkażjoni bis-sehem tal-*comperes* s-Sinjorina Mary Xuereb u s-Sur Lelio Spiteri.



*Il-Gruppi folkloristiċi skjerati fuq iz-zuntier tal-Knisja Arċipretali tal-Qala.*

L-għada l-Ġimgħa s-serata bdiet ukoll fis-7.30 ta' filgħaxija, bis-sehem tal-Għaqda Folkloristika tal-Qiegħa tal-Għarb, il-*Folklorno Drustvo VAL Piran* tas-Slovenja u tal-*Menhir Qala Folk Group* tal-Qala. Hawn il-*compere* kien is-Sur Josef Abela. Ta' min isemmi li dawn iż-żewġ esibizzjonijiet kellhom isiru fis-sala taċ-Ċentru Ċiviku tal-Qala minħabba x-xita u temp ikraħ.

Is-Sibt 7 ta' Ottubru kienet ġurnata ddedikata għal Malta fejn ingħataw spettakli ġewwa l-Belt Valletta fil-għodu, organizzat mill-Kunsill Malti tal-Kultura u l-Arti bil-*compere* s-Sur Noel D'Amato, u f'San Ġiljan fil-għaxija, mill-Kunsill Lokali San Ġiljan bil-gruppi folkloristiċi l-*Astra Folk Group* tal-Belt Victoria, *Folklorno Drustvo VAL Piran* tas-Slovenja u dak tal-*Menhir Qala Folk Group* tal-Qala; imexxi s-serata kien is-Sur Charles Saliba. Fi tmiem is-serata s-Sindku ta' San Ġiljan is-Sur Peter Bonello qassam tifkiriet lill-gruppi folkloristiċi preżenti.

Fl-aħħar ġurnata nhar il-Ħadd fil-għodu saret esibizzjoni oħra fil-Belt Victoria fi Pjazza t-Tokk mill-gruppi *Folklorno Drustvo VAL Piran* tas-Slovenja u mill-*Menhir Qala Folk Group* tal-Qala. Wara nofsinhar fl-4.00, ttellgħet wirja ta' l-artiġanat fil-Pjazza San Ġużepp fil-Qala fejn ġie esibit xogħol ta' bizzilla, rakkmu, pittura, ganutell, *cross stitch*, *stained glass*, eċċ b'akkumpanjament mill-mużiċisti u ż-żeffiena tal-*Menhir Qala Folk Group*.



*Waqt waħda miż-żifniet mill-Grupp Folkoloristiku 'Folklorno Drustvo VAL Piran' tas-Slovenja.*

Fl-għaxija għall-aħħar serata ta' l-għeluq ta' din l-ewwel edizzjoni tal-*Qala International Folk Festival* kien hemm imexxi s-Sur John D'Emanuele, serata li bdiet ukoll fis-7.30 ta' filgħaxija, fl-istess Pjazza San Ġużepp bl-isfond tal-Knisja Arċipretali tal-Qala, b'effetti ta' dwal speċjali u z-zuntier bħala

*stage,* bil-parteċipazzjoni tal-gruppi kollha folkloristiċi li diġà ħadu sehem fil-ġranet ta' qabel. Magħhom ingħaqdu dawk tal-*Aurora Folk Group* tal-Belt Victoria u *Ta' Cangura Folk Group*, San Lawrenz. Fl-aħħar, il-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono, tat tifkira ta' dan l-avveniment lill-gruppi folkloristiċi kollha, Parroċċa Arċipretali tal-Qala, Ministeru tat-Turiżmu u Kultura, Kunsill Lokali Qala, Kunsill Lokali San Ġiljan, il-Kunsill tal-Kultura għal Għawdex, u l-Kunsill Malti għall-Kultura u l-Arti. Wara s-Sindku tal-Qala s-Sur Paul Buttigieg ippreżenta tifkira lill-Ministru għal Għawdex.

F'kelmtejn ta' l-okkażjoni s-Sindku Buttigieg saħaq dwar l-importanza li wieħed jippromwovi l-kultura, t-tradizzjonijiet, u l-folklor tal-gżejjer Maltin. Żied jgħid illi dan il-festival kien laħaq l-iskop li għalih ġie organizzat u hu mistenni li dan il-festival jibqa' jsir ta' kull sena. Fl-aħħar is-Sur Buttigieg irringrazzja lil kull min għen kemm finanzjarjament kif ukoll fl-organizzazzjoni sabiex seta' jittella' dan l-ewwel *Qala International Folk Festival*.

F'diskors ta' l-okkażjoni l-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono faħħret l-inizjattiva tal-Kunsill Lokali Qala għall-organizzazzjoni ta' dan il-festival u ħeġġet lill-Kunsilli oħrajn sabiex jorganizzaw avvenimenti kulturali simili. Hi saħqet dwar l-importanza li lkoll flimkien naħdmu sabiex it-tradizzjonijiet tal-gżira għawdxija nippromovuhom mhux biss bejnietna l-Maltin u l-Għawdxin imma mat-turisti li jżuru pajjiżna kif ukoll mar-residenti barranin li jgħixu f'Għawdex.

Kif il-membri tal-gruppi folkloristiċi li ħadu sehem kienu kollha skjerati fuq iz-zuntier tal-Knisja Arċipretali tal-Qala, tkanta '*live*' l-Innu Malti mill-mużiċisti u l-kantanta tal-*Menhir Qala Folk Group*, is-sopran Ruth Portelli.

## *Bidu tal-Ministeru Pastorali ta' Fr. Ruben fiż-Żebbuġ*



Nhar il-Ħadd 15 t'Ottubru, Dun Ruben Micallef, ex-Editur tar-rivista tagħna, ta bidu għall-Ministeru Pastorali ġdid tiegħu bħala Arċipriet tal-Parroċċa ta' Santa Marija, iż-Żebbuġ, Għawdex.

Fit-3.30p.m. Dun Ruben għamel viżta qasira fil-knisja parrokkjali tar-raħal tiegħu ta' Kerċem. Wara żar il-Knisja Katidrali fiċ-Ċittadella, fejn kien iservi għal dawn l-aħħar erba' snin. Imbagħad baqa' sejjer lejn ir-raħal taż-Żebbuġ, fejn ħdejn il-Każin tal-Banda Santa Marija sab jistennieh il-poplu Żebbuġi, li flimkien mal-Banda Santa Marija u l-Banda San Girgor, akkumpanjawh sa fuq iz-zuntier tal-knisja. Hawnhekk, f'isem iż-Żebbuġin, sar indirizz ta' merħba mis-Sindku tal-Lokalità, is-Sur Charlie Saliba. Fr Ruben imbagħad intlaqa' ħdejn il-bieb tal-knisja parrokkjali minn Mons. Isqof Mario Grech u mill-ex-Arċipriet, Kan. Noel Saliba.





Aktar tard Mons. Isqof Grech mexxa Konċelebrazzjoni Sollenni li fiha fada t-tmexxija tal-Parroċċa lill-Arċipriet Dun Ruben Micallef. Fi tmiem iċ-ċelebrazzjoni, l-Arċipriet il-ġdid kellem lill-ġemgħa miġbura dwar il-missjoni tiegħu fosthom.



Ħadet sehem l-orkestra tal parroċċa flimkien maż-żewġ korijiet "Santa Marija" u "Regina Angelorum".



Wara fi Pjazza l-Assunta sar riċeviment għal kull min kien preżenti u bis-sehem ukoll ta' Mons. Isqof Mario Grech.

# INAWGURAT IL-MONUMENT F'ĠIEH IL-PAPA ĠWANNI PAWLU II

*Rapport Speċjali mill-Kav. Joe M. Attard*



**Nhar is-Sibt tard fil-għaxija, 14 ta' Ottubru 2006, il-President ta' Malta, l-E.T. Dr Edward Fenech Adami kixef il-Monument tal-bronż *(life-size)* f'ġieħ il-Papa Ġwanni Pawlu t-Tieni, xogħol l-iskultur u statwarju Għawdxi l-Kav Alfred Camilleri Cauchi u maħdum fil-Fonderija Chiurazzi ta' Napli fl-Italja. Il-Monument jinsab fil-bidu tat-Triq Papa Ġwanni Pawlu t-Tieni, Victoria, hekk kif tibda t-triq li twasslek lejn is-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu fejn fl-1990 dan il-Papa Kbir kien qaddes fil-pjazza ta' quddiem il-knisja, fost folol kbar ta' Għawdxin.**

F'diskors li għamlet Dr Monica Vella, *Chairperson* tal-Kumitat li għal dawn l-aħħar sena u nofs ħadem fuq dan il-proġett, hija elenkat il-problemi li ltaqgħu magħhom sakemm raw il-ħolma tagħhom isseħħ u raddet ħajr lil dawk kollha li taw sehemhom u appellat biex l-Għawdxin ikomplu jagħtu d-donazzjonijiet tagħhom biex tingabar l-ispiża kollha.

Qabel għadda biex jikxef il-monument, li wara tbierek mill-E.T. Mons Isqof Mario Grech, il-President tar-Repubblika tkellem dwar il-kwalitajiet sbieħ u kbar li kellu dan il-Papa u l-esperjenzi tiegħu fil-laqgħat li kellu miegħu, kif ukoll dwar l-impressjonijiet tiegħu waqt li kien jinsab Ruma għall-funeral kbir tiegħu. Il-President Fenech Adami tkellem ukoll dwar it-tagħlim kbir li nsibu fl-enċikliċi u l-kotba li ħarġu mill-pinna tal-Papa Ġwanni Pawlu t-Tieni.

Iktar kmieni, fis-Santwarju Ta' Pinu, ġie ppreżentat il-*premiere* bit-Taljan ta' l-Oratorio "*Il Cuore di Cristo*" , kitba ta' Mons Isqof Nikol Cauchi u mużika ta' Mro John Galea li dderieġa l-Orkestra Nazzjonali flimkien mal-*Chorus Urbanus* u s-solisti.

Iktar kmieni matul il-ġurnata, il-monument ittieħed minn fuq iz-zuntier tal-knisja ta' San Ġakbu fi Pjazza Indipendenza għall-post fejn kellu jitqiegħed iktar tard wara nofs inhar, akkumpanjat mill-"*Fanfara dei Bersaglieri*" ta' l-Italja magħrufin għall-ġirja tipika tagħhom li huma għamlu matul Triq ir-Repubblika. Kif il-monument wasal fil-post, saru diskorsi minn Dr Monica Vella u l-Ministru għal Għawdex li t-tnejn li huma rringrazzjaw lil dawk kollha li taw sehemhom biex illum Għawdex għandu dan il-Mafkar hekk sabiħ u li jixraq lill-Papa li kien żarna.

L-għada l-Ħadd fil-għodu, Mons Isqof Nikol Cauchi, li fl-imgħoddi ta l-appoġġ sħiħ tiegħu b'risq din l-inizjattiva, qaddes quddiesa ta' radd il-ħajr fis-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna ta' Pinu. Fl-omelija ta' l-okkażjoni huwa tkellem fit-tul dwar il-Papa Ġwanni Pawlu t-Tieni u l-ħtieġa u l-

importanza li aħna nimxu fuq it-tagħlim tiegħu u nqiegħduh fil-prattika. Kien Papa kbir li ħalla l-impatt tiegħu f'kull pajjiż li żar anke fost dawk li ma jħaddnux l-istess twemmin nisrani tagħna, tenna l-Isqof Emeritus. Mons Isqof tkellem ukoll dwar il-Polonja, pajjiż il-Papa, u qal li ma' kull pass li tmidd f'din l-art, tilmaħ xbihat u figuri tiegħu fil-pjazez u t-toroq.

Fil-quddiesa ħadet sehem is-sopran Rosabelle Pavia akkumpanjata fuq l-orgni minn Mro Stephen Attard. Fi tmiem il-quddiesa Dr Monica Vella ppreżentat plakka ta' tifkira bix-xbieha tal-Papa Pollakk lill-Isqof Cauchi, lir-Rettur tal-Knisja tal-Madonna ta' Pinu kif ukoll liż-żewġ solisti li animaw il-quddiesa.

Fil-għaxija, għadd ta' Sindki Għawdxin qegħdu kuruni tal-ward fi ħdan il-monument waqt li s-Sindku Noel Formosa, għan-nom ta' sħabu, tkellem dwar l-esperjenza sabiħa tiegħu waqt laqgħa li kellu mal-Papa Pollakk.

Dawn l-attivitajiet kollha ġew fi tmiemhom it-Tnejn fil-għaxija, 16 ta' Ottubru, għeluq it-28 sena mill-ħatra tal-Papa Ġwanni Pawlu t-Tieni fuq il-katedra ta' Pietru. F'din l-okkażjoni sar kunċert mużikali mill-Kwintet



*Island Brass* waqt li Anton F. Attard u l-Kav Joe M. Attard qraw poeżiji dwar dan il-Papa. Is-serata għalqet b'diskors qasir miċ-*chairperson* tal-Kumitat Monument Nazzjonali Papa Ġwanni Pawlu t-Tieni, Dr Monica Vella, li raddet ħajr lil kull min ta s-sehem tiegħu biex dawn l-attivitajiet kollha setgħu jintemmu b'wiċċ il-ġid.






HILITE

HARDWARE STORE

**FRANCO - BELGE FIRE PLACES**

*Importers of*
Copper Pipes & Fittings
Lava Solar Heaters
Adensa Space Heaters
and Fire Places

113, St. Bert Street, Xewkija, Gozo
Tel: 2155 5736 • Fax: 2155 5525
Mob: 9947 8884

The Photoshop
Max Xuereb

1hr Photos
135 - APS - Digital

Prints from floppy, zip, CD, memory stick, smart/compact flash card, SD/XD cards, etc...

Fortunato Mizzi Street, Victoria, Gozo - Malta.

Tel: (+356) 21557555, 21563403
Fax: (+356) 21560141
Mob: (+356) 99490588
Email: kaiser@maltanet.net

www.photoshopmalta.com

*Kummentarju (1)*

# Iċ-Ċensiment tal-Quddies ta' Sena Ilu





# Safejn iwassal il-messaġġ?

*minn MONS. SALV GRIMA*

**Ir-riżultat kien ilu mistenni sakemm tħabbar wara nofs Awissu, u propju kien bħal sajjetta fil-bnazzi. Kemm kemm ma kienx laħaq intesa u allura b'xi mod konna għaddejjin b'moħħna mistrieħ. Allavolja fl-eqqel tas-sajf għamel ħoss qawwi, anki fost dawk li l-inqas jipprattikaw għax interessaw ruħhom huma wkoll. F'pajjiż kattoliku bħal tagħna, ma tiskantax għala aħbar bħal din qajmet għagħa sħiħ...**

Niftakar f'kummenti li kien għamel Dun Benny Tonna lill-kleru Għawdxi f'laqgħa wara ċ-ċensiment li kien mexxa fl-1995. Kien qed jipprevedi tendenza ta' nuqqas ta' 11% fl-attendenza għall-ġejjieni, kif fil-fatt ġara, u allura konna diġa' ġejna avżati u msejħa biex neżaminaw is-sitwazzjoni bil-għan li nilqgħu minn qabel.

Meta nħarsu ftit lura lejn l-aħħar 10 snin, it-tmexxija fid-djoċesi ma baqgħetx lura milli torganizza għadd ta' seminars, *rallies* jew kungressi, fosthom b'temi marbuta mal-liturġija. Ir-riżoluzzjonijiet u direttivi oħra, stampati għall-attenzjoni ta' kulħadd u biex jitwettqu fil-prattika, kienu ħafna. Minnhom wieħed seta' jittama riżultat spiritwali ikbar, li anki jirrifletti b'xi mod fl-għadd ta' dawk li jmorru għall-quddiesa tal-Ħadd.



Fl-istess żmien il-Knisja kollha kienet medhija fiċ-ċelebrazzjonijiet tal-Ġublew il-Kbir tas-sena 2000, b'rabta mal-misteru ta' Kristu u bi tħejjija mtawla anki dwar il-misteru ta' l-Ewkaristija. Iktar qrib tagħna kellna wkoll is-sena ta' l-Ewkaristija mnedija mill-Papa Ġwanni Pawlu II, li propju ntemmet ftit ġranet qabel iċ-ċensiment li sar f'pajjiżna.

Dan kollu kien żmien providenzjali bi programmi ewkaristiċi, ċelebrazzjonijiet, pubblikazzjonijiet b'ilsien art twelidna u ħidmiet oħra permezz tal-mezzi tax-xandir.

Jekk dan ma kienx żmien moħli, xorta tibqa' l-mistoqsija: Imma x'inhu jiġri? Faċli nwaħħlu f'oħrajn u nitfgħu t-tort fuq ħaddieħor. U iktar diffiċli li wieħed iħares lejh innifsu u jammetti li l-ħtija hija tiegħu wkoll, qabel ta' ħaddieħor. Iktar milli nintilfu fl-iskużi u fl-akkużi, hemm iktar lok għal eżami personali.

Iċ-ċensiment ikkonċentra prinċipalment dwar l-attendenza għall-Quddiesa tal-Ħadd, għalhekk marbut mal-misteri qaddisa tal-fidi nisranija. Din hija diġà realtà profonda għal kull min jieħu sehem fihom, mhux esklużi minn ta' quddiem l-istess ministri ordnati li jippresiedu ċ-ċelebrazzjoni qaddisa.

Kull saċerdot jitħejja b'formazzjoni akkademika u anki pastorali, iżda qabel kollox huwa msejjaħ bħala l-bniedem t'Alla. Din is-sejħa ma tissarrafx f'termini ta' attiviżmu ta' xi forma jew oħra, anki jekk biex jingħata lil ħutu bnedmin f'attivitajiet fihom infushom tajba. Il-Papa Benedittu XVI iwissi spiss dwar din il-mentalità,

kemm fil-kotba tiegħu kif ukoll fil-messaġġi li jagħmel lill-kleru, għax is-saċerdot hu qabel kollox strument f'rabta fidila ma' Kristu.

Fid-dawl ta' dan, fih ħafna x'tifhem kumment li ngħad dwar is-saċerdot u l-omelija. Meta din bdiet issir, is-saċerdot kellu bħala għajnuna xi skema jew ktieb, imma llum qed ifittex li jinqeda bl-*internet* u faċli jinsa li l-aqwa tħejjija tinkiseb f'riġlejn l-Ewkaristija, għajn ta' ispirazzjoni ewlenija biex tasal aħjar il-Kelma t'Alla. Minn hawn ukoll jitnissel id-dekor meħtieġ biex tingħeleb kull xorta ta' indifferenza li tħalli impatt fuq dawk li jattendu l-quddiesa.

Iż-żmien u l-progress jaħkmu fuq kulħadd. Iġibu magħhom tibdil xejn inqas fuq in-nisrani wkoll. L-għaġla tal-ħajja qed twassal lil ħafna biex iħossuhom li m'għandhom ħin għal xejn. Mhix ħaġa kbira li lanqas għal Alla! Min-naħa l-oħra ironikament kemm qed jinstab ħin għal komunikazzjoni u kuntatti bit-telefonija moderna. Il-bniedem intrikeb minn din it-tensjoni. Tgħid għalhekk mhux jibqagħlu moħħ ta' ġabra fil-knisja, waqt il-quddiesa jew waqt l-omelija? Għandna idea ta' dawk li ma kenux jissaportu fil-knisja għax ma jistgħux ipejpu! Oħrajn għax 3 kwarti twal wisq!

Ir-relazzjonijiet ġodda li mhux qed iħallu l-bniedem miġbur u fil-kalma ħadu post l-aqwa relazzjoni m'Alla, kemm fil-ġranet tal-ġimgħa u xejn inqas f'Jum il-Mulej, meta l-istedina titlob att ta' fidi f'Dak li wettaq magħna l-aqwa ġid. Għall-kuntrarju, xogħol il-bniedem qed jitqies bħala ġid ogħla u dak li kapaċi jipproduċi bil-ħila tiegħu sar l-għan ewlieni ta' ħajtu. Flok lejn Alla Kreatur, li lilu għandu jrodd l-aqwa ħajr u ġieħ, qed jitfa' ħarstu fuq il-kreazzjoni: l-idolu ta' żmienna. Jintilef is-sens tal-Ħadd li Alla jislifna biex nagħrfuh bħala l-Ħallieq tagħna għal kulma għamel u jibqa' jagħmel għalina...

Ħafna jitkellmu mill-ħtieġa ta' xi stil ta' festa. Iċ-ċelebrazzjoni ladarba qaddisa hija diġà festa, imma f'kuntest ta' fidi. Waqt li jibqa' lok għal suġġerimenti u għal iktar lajċi li jikkontribwixxu b'sehem attiv fil-misteri qaddisa, bl-ebda mod m'għandna nifhmu li nħalltu l-quddiesa ma' xi *entertaining activity*. Mhix is-soluzzjoni la għall-kategorija żagħżugħa u lanqas għal ħadd. Minn dawn l-attivitajiet jeżistu kemm irridu, u jbiddlu l-postijiet ukoll, u frattant l-iskop tagħhom xejn m'għandu x'jaqsam mal-valur u n-natura tal-quddiesa.

It-tisħib f'kull quddiesa mhux għajr espressjoni ta' fidi nisranija li titlob li tkun waħda awtentika, iktar milli kemm ikollok ċirkostanzi mżewqin. Hija don t'Alla li la trid tibred u lanqas ma tinbidel f'xi forma ta' gosti, għax Kristu fil-quddiesa għandu dejjem il-kelma tiegħu x'iwasslilna. F'wieħed mill-kummenti tiegħu l-Papa Benedittu XVI appella ċar u tond: *"Oftentimes the popular Jesus is not the Jesus of Christianity. The popular Jesus makes no demands and never challenges us. But the Jesus of the Gospels is quite different, demanding and bold. The Jesus who makes everything OK for everyone is a dream, not a real figure".*

## GRAZZI LILL-BENEFATTURI TAR-RIVISTA TAGĦNA

***Minn qalbna rridu nirringrazzjaw lil 152 fost l-abbonati qarrejja regolari tagħna li wieġbu għall-appell ta' offerti liberi b'suffraġju għall-mejtin tagħhom f'novembru li għadda. Id-donazzjonijiet li waslulna telgħu b'kollox is-somma sabiħa ta' Lm873, li minnha ħallasna Ġimgħa Quddies għall-Mejtin miktubin fil-listi; dan il-quddies sar fil-Knisja Ta' Savina, Victoria mit-13 sad-19 ta' Novembru, kif ukoll tliet ijiem Adorazzjoni Ewkaristika fl-istess knisja għall-bżonnijiet tad-donaturi u benefatturi tagħna. Tħallsu wkoll mill-istess somma l-ispejjeż ta' din il-ħarġa ta' Novembru tar-rivista tagħna.***

***Waqt li napprezzaw kull għajnuna li tagħtuna, inħeġġukom biex iġeddu l-abbonament tagħkom għas-sena 2007. Nixtequlkom wkoll il-Festi t-Tajba u kull barka u ġid mis-Sema.***

**Dun Anton Sultana, Ex-Amministratur**


# Imperial Eagle

**DAILY (from Monday to Friday)**
**Transport of goods between**
**Gozo & Malta and Malta & Gozo.**




Contact: **Joseph Spiteri**
"Villa Loreto" Bishop Buttigieg Str.,
Qala, Gozo.
**Tel: 2155 4929 - 2137 6193 - 9944 6521**

ATTWALITÀ mill-Kav. Joe M. Attard

# MARATONA SPORTIVA B'RISQ L-ALBANIJA



"Għin biex Trebbaħna" kienet l-Maratona Sportiva li saret fis-Seminarju bil-għan li tgħin finanzjarjament lill-Missjoni Madonna ta' Pinu fdata f'idejn is-saċerdot Lawrenzjan Dun Manwel Cutajar fl-Albanija. Matul dawn is-36 siegħa ta' attività kontinwa ta' sports u talent, il-pubbliku inġenerli żar il-*Gym* tas-Seminarju waqt li ddeverta, ikkontribwixxa dik ix-xi ħaġa li tista' tant tagħmel differenza fil-ħajja ta' ħutna fl-Albanija. Żgur li l-ftit tal-ħafna jgħin lil dan is-saċerdot Għawdxi biex ikompli sejjer bil-ħidma tiegħu f'dan il-pajjiż li għal tant żmien kien taħt il-ħakma komunista.

Il-Missjoni "Madonna ta' Pinu" f'Mammuras hija l-missjoni li qegħda taħdem ma' l-ifqar fost il-fqar fl-Albanija fejn bħalissa qed isiru t-tħejjijiet għall-bidu tal-proġett ta' ċentru soċjo-pastorali li sa jkun jinkludi knisja ddedikata lill-Madonna ta' Pinu. Diġà beda x-xogħol fuq iz-zona sportiva li tinkludi *ground* tal-*football* biex iż-żgħażagħ ma jibqgħux jiġru fit-triqat. Din il-Maratona Sportiva tas-Seminarju qed tkompli tgħin f'dan il-proġett u fil-Missjoni ta' Dun Manwel Cutajar li ħalla lil raħal twelidu San Lawrenz biex jagħmel ftit tal-ġid f'pajjiż barrani bi problemi mhux żgħar li jinbtu ma' kull jum li jgħaddi.

Jekk tħoss li l-Mulej ipprovdielek iktar milli għandek bżonn, daħħal idek fil-but u ibgħat il-kontribuzzjoni tiegħek lil ***HSBC Account No: 071-131-106-001***. Għadek fil-ħin!

# L-ORATORJU DON BOSCO JERĠA' JIFTAĦ IL-BIBIEN TIEGĦU: *"ŻVILUPP TA' TALENTI U BINI TA' KARATTRU"*



Dan huwa l-motto li bih l-Oratorju Don Bosco, Victoria qed jerġa' għal darb'oħra jagħti bidu għas-sena soċjali tiegħu 2006-2007.

Għat-tfal sal-Form 1, l-Oratorju qed joffri tagħlim tal-Kant, tad-Drama, laqgħat għall-abbatini, tagħlim tal-kitarra u anke taż-żfin. Għall-adolexxenti, jiġifieri tfal li jattendu t- Tieni u t-Tielet klassi fis-Sekondarji, sa jsiru laqgħat kemm għas-subien kif ukoll għall-bniet matul il-jiem tal-ġimgħa apparti li dawn jistgħu wkoll jingħaqdu ma' tfal oħra tal-kategoriji li diġà semmejna. L-Oratorju jieħu ħsieb jagħmel ukoll laqgħat ta' formazzjoni u diskussjoni għal ġuvintur u tfajliet flimkien li jattendu r-raba' u l-ħames klassi tas-sekondarja. Għall-istudenti l-kbar, dawk li jiffrekwentaw l-MCAST u l-Università, sa jsiru *Prayer Groups* li jkunu jinkludu wkoll il-quddiesa ta' kull l-Ewwel Ġimgħa tax-xahar fit-8.30pm.Għall-koppji żgħażagħ issir laqgħa kull l-Ewwel Sibt tax-xahar li tibda bl-adorazzjoni u wara, quddiesa. Nhar ta' Sibt kull ħmistax, issirilhom ukoll laqgħa ta' formazzjoni u diskussjoni.

Ta' kull nhar ta' Ħadd wara nofsinhar, l-Oratorju Don Bosco joffri film għall-familja kollha u t-tombla lanqas ma tonqos.

Bħalissa qed isir xogħol ta' struttura w għalhekk kulħadd huwa mħeġġeġ li jgħin mill-aħjar li jista'. Dan huwa ċentru għall-familja kollha u lkoll aħna fid-dmir li ngħinuh mill-aħjar li nistgħu - dan wara kollox, għall-ġid ta' uliedna stess.

## VERSI RIFLESSIVI

### *Fl-okkażjoni tal-kxif tal-Monument Nazzjonali f'ġieħ il-Papa Ġwanni Pawlu t-Tieni - ir-Rabat, Għawdex - 14-10-2006*

# "ADDIO CAROL"

Mill-qalb ħarġet dit-tislima
Is-Sibt tard fit-tnejn t'April
Ġie bla ħniena l-bieb iħabbat
Il-minġell tal-mewt qalil.

U f'Ruma il-Belt qaddisa
Ħasad lill-Papa Pollakk –
Ruħu sab għand is-Setgħani
Biex minnu dlonk jagħmel ħaqq!

Iżda Ġwanni Pawlu t-Tieni
Minn hawn mar b'idejh mimlija;
Dar id-dinja jagħti xhieda
B'kelma soda u qawwija.

Ma ħalliex il-Pinna rieqda
U il-Pulptu ħaddem sħiħ,
Lill-Imgħallem xandar, perreċ
Ma' tad-dinja l-erba' rjieħ.

Ma kienx xi bniedem imkabbar
Kellu kelma għal kulħadd;
Tbissima dejjem fuq fommu
U l-bibien m'għalaq f'wiċċ ħadd.

Għamel ħiltu biex iqarreb
Lil tant popli lejn xulxin;
Dejjem uża l-kelma t-tajba
Biex jarahom magħqudin.

Matul ħajtu s-Sema mela
B'tant beati w qaddisin;
Tinsewx illi fost dawn daħlu
Tlieta minn ħutna Maltin!

Jekk itridu sserrħu raskom
Kemm dal-Papa kien maħbub –
"*Santo Subito*" kienet l-għajta
Ta' eluf w eluf ta' qlub

Illi ħonqu l-Belt Eterna
Meta sarlu l-funeral
Li għalih kienu preżenti
Għonja, fqar, żgħażagħ u tfal.

Ġwanni Pawlu mar, ħalliena,
Issa jinsab fis-Smewwiet
Fejn hemmhekk hu mar jingħaqad
Ma' sħabu kollha l-Papiet.

Ilkoll naqblu li dal-Papa
Għadda ħajja ta' tbatija;
Safa orfni, sparaw fuqu,
Fl-isptar għadda kemm-il siegħa.

Ħadem anke ġo barriera
U bata taħt in-Nażiżmu;
Biex jistudja ried jinħeba
'Mma farrak lill-Komuniżmu.

Ħbieb ejjew lejh issa nduru
Nitolbuħ għall-Knisja tagħna
Sabiex postu dlonk jimtela
Waqt li jibqa' dejjem magħna.

O Mulej, ilqa' fi ħdanek
Dal-qaddej umli w ħanin,
Agħtih il-premju ta' dejjem
Għalkemm għad itulu s-snin.

U lilna li għadna hawn isfel,
O Mulej, la titlaqniex;
Aħna fraġli, ta' spiss nogħtru
U allura, tinsiniex!

**Kav. Joe M. Attard**

---

## LILL-ARĊIPRIET SAVER CASSAR

*(Mexxej tal-Għawdxin fi żmien il-Franċiżi)*

Is-sliem għalik, Cassar, mexxej qalbieni,
li qalbek xejn ma qtajt fi żmien il-ġarab[1],
għonqok meddejt għax-xogħol għax kont ewlieni
biex tmexxi 'l ġensek fuq min lilu darab[2].

U 'l niesek ridtha li nazzjon tkun hieni
wara snin kbar li tulhom ġiddna[3] karab;
li jkollhom isqof ħsibt minn żmien hekk kmieni,
meta ħaddieħor nesa, inkella ħarab.

U fuq l-egħdewwa qawwijin Franċiżi
b'ħidmitek sfiqa inti ħriġt rebbieħ
u kien jixraqlek l-aqwa ħajr u ġieħ.

'Mma l-ebda wiċċ ma tawk il-ħajna[4] Ingliżi,
u aktar u aktar insewk ukoll l-Għawdxin,
nies li ma' ħuthom huma wisq berdin[5].

**Anton F. Attard**

**NOTI:**

[1] ***fi żmien il-ġarab,*** *fis-siegħa tal-prova.*
[2] ***fuq min lilu darab,*** *kontra minn weġġgħu għax ħabat għalih.*
[3] ***ġiddna,*** *razzitna.*
[4] ***ħajna,*** *ħżiena, makakki, brikkuni.*
[5] ***berdin,*** *l-Għawdxin ma tantx huma rikonoxxenti lejn nies kbar li għexu Għawdex, hekk li minkejja dak kollu li għamel għal gżirithom, għal mijiet ta' snin l-Arċipriet Cassar baqa' minsi u abbandunat.*

## TISLIMA LIL ĠWANNI PAWLU II

Ħajr irroddulek b'qalb mimlija ħrara,
Missier qaddis u mera tat-tjubija,
Għax int fit-triq tas-Sewwa lill-Insara
Mexxejt b'tagħlimek, b'għaqal u qlubija.

Rawk ħafna ġnus fejn għoġbok tagħmel żjara,
Ġejt fostna wkoll, hawnhekk, f'din l-art Maltija
Għal darba tnejn u tas-smewwiet l-għamara
Żejjint bi Tliet Beati fil-qdusija*.

U bħalma meta żortna għalenija
Merħba tajniek fuq fommna bi tbissima,
Erġajna ltqajna llum fil-Gżira Għawdxija.

U kif bix-xieraq, biex ma tkunx minsija
Din imħabbitna lejk, b'kull ġieħ u qima
Dal-mafkar noffru b'xhieda dejjemija.

**Anton F. Attard**

**Il-Beatu Ġorġ Preca*
*Il-Beatu Nazju Falzon*
*Il-Beata Adeodata Pisani*

*Bi tħejjija għall-Festa ta' Kristu Sultan u l-bidu ta' l-Avvent*

# MIN HU KRISTU GĦALIK?...

## 1. L-AKBAR PERSUNAĠĠ?

Arnold Toynbee kien storiku kbir. Ried jikteb il-bijografija ta' l-iktar 500 persunaġġ importanti fl-istorja tad-Dinja.

Meta ppubblika l-ktieb wieħed ġurnalist staqsih: X'kienet l-opinjoni tiegħu?

Hu wieġeb hekk:

"Meta bdejt din il-biċċa xogħol rajt quddiemi ruxxmata persunaġġi. Iżda bil-mod il-mod, kollha bdew jaqgħu, wieħed wieħed. Żmienhom kien għadda. Għemilhom kważi ntesa.

**BARRA WIEĦED!**

Dan donnu ż-żmien aktar isaħħu u jkabbru!"

Il-ġurnalist staqsih "Għal min qed tirriferi?"

Toynbee wieġbu: "Għal Ġesù Kristu!
Hu biss
- la jeqdiem,
- la jintemm,
- u lanqas jintesa!"

## 2. L-ISBAĦ ISPIRAZZJONI?

1. SOCRATE għallem għal 40 sena.
PLATO għal 50 sena.
ARISTOTILE għal 40 oħra...

**ĠESÙ KRISTU** ppriedka biss għal 3 snin. Iżda t-tliet snin tiegħu ħallew effett akbar mill-130 sena ta' l-aqwa għorrief tal-qedem.

2. **ĠESÙ** ma pitter l-ebda pittura.
Iżda l-aqwa artisti u ġenji bħalma huma Raffaello, Michelangelo u Leonardo da Vinci ħadu l-ispirazzjoni għall-kapulavuri tagħhom minn Kristu.

3. **ĠESÙ** ma kiteb l-ebda poeżija.
Iżda Dante u Milton u l-aqwa poeti tad-dinja ġew ispirati minn Kristu.

4. **ĠESÙ** ma kkompona l-ebda mużika.
Iżda l-aqwa kompożituri, Hydn, Handel, Beethoven, Bach u Mendelssohn laħqu quċċata u milja tal-perfezzjoni tal-ġenju tagħhom fil-melodiji li ħolqu fl-innijiet, fis-sinfoniji u fl-oratorji li kkomponew f'ġieħu.

5. Kull qasam tal-għerf tal-bniedem stagħna bil-kbir bl-ispirazzjoni għolja u divina ta' dak il-mastrudaxxa umli, **ĠESÙ TA' NAZARET.**



## 3. L-AQWA BENEFATTUR?

Il-vanġeli jippreżentawlna lil Kristu bħala:

1. **"THE HEALER"**: It-tabib li jfejjaq (25% tal-Vanġeli jippreżentawh bħala dak li jfejjaq mill-mard).
2. **"THE TEACHER"**: l-imgħallem ta' Israel, kif sejjaħlu Nikodemu.
3. **"THE FRIEND"**: Il-ħabib, kif narawh fil-ġrajja tal-qawmien ta' Lażżru.
4. **"THE LORD"**: Il-Mulej. Hekk sejjaħlu Tumas: "Mulej tiegħi u Alla tiegħi."

*Riflessjonijiet miġbura minn A.C.M.*

# BAMBIN ĦELU BISS?

## 4. O ĠESÙ, KEMM INT SABIĦ!

*Talba ta' Padre Antoine Chevrier*

O KRISTU, KEMM INT **SABIĦ,** KEMM INT **KBIR**.

Agħmel li jiena, nagħrfek, u nħobbok.
**O SBUĦIJA INFINITA**, agħmel li jiena nagħtik qalbi kollha.
**O DAWL**, itfa r-raġġi tad-dinja tiegħek fir-ruħ tiegħi, biex nista' nagħrfek u nħobbok. Almenu agħtini ċans li nitfa' ħarsti lejk.
**O SĦUBIJA** Infinita

Iftaħ **widnejja** bies nisma' kliemek.
Iftaħ lil **moħħi** biex nifhem tagħlimek.
Iftaħ lil **qalbi** biex niggustak.

O Kristu, Int il-Mulej tiegħi, Int l-Imgħallem waħdieni tiegħi. Tkellem o Ġesù, jien irrid nisma' kliemek u nipprattikah għax naf li Kliemek ġej mis-Sema, għal kull wieħed minna, għal kull ġens u ċiviltà.

Għax
- INTI... il-Feddej tagħna!
- INTI... il-Ħellies tagħna!
- INTI... kollox għalina!
  - biex inkunu bnedmin denji u veri!

Irrid Nisma' l-Kelma tiegħek, nimmeditaha, u nipprattikaha.
Għax Biss fi kliemek hemm il-**ĦAJJA**, il-**FERĦ**, il-**PAĊI** il-**ĦENA**.
Tkellem. Int biss il-Mulej u l-Imgħallem tiegħi.
Lil **ħadd ma rrid nisma'**, ħlief **LILEK BISS, MULEJ**.

## 5. O ĠESÙ, INTI KOLLOX!

*Talba tal-Papa Pawlu VI*

Ġesù Kristu, Mulej u Feddej tagħna,
- Int il-Bidu u TMIEM ta' kollox, l-Alfa u l-Omega.
- Int il-Ħajja fil-milja tagħha.
- Int is-Sigriet ta' l-istorja.
- Int il-muftieħ tad-destin tagħna.
- Int il-Medjatur, il-Pont bejn is-sema u l-art.
- Int per eċċellenza Bin il-Bniedem, għax Int l-Iben t'Alla, etern u infinit. Int l-Iben ta' Marija, l-omm naturali tiegħek.

Irrid inxandrek ma' kullimkien!
Irrid nsebbħek o Ġesù, mhux biss għal dak li Int fik innifsek.
Irrid inkabbrek u nħobbok għal dak li Int għalina, għal kull wieħed minna, għal kull ġens u ċiviltà.

Għax
- INTI... il-Feddej tagħna!
- INTI... il-Ħellies tagħna!
- INTI... kollox għalina!
  - biex inkunu bnedmin denji u veri!




## 6. L-AĦĦAR KELMA?

Fl-awtobiofrafija tiegħu "*Treasure in Clay*", l-Arċisqof Fulton Sheen għandu kwotazzjoni li tgħid hekk:

***"Jekk taf lil Kristu***
***- ma jimpurtax li ma tafx ħwejjeġ oħra.***

***Iżda jekk ma tafx lil Kristu***
***- xejn ma jiswa li tkun taf il-ħwejjeġ l-oħra."***

KTIEB X'TAQRA

# "IL-ĦAJJA LITURĠIKA TAN-NISRANI"

## Katekesi Liturġika-Sagramentali

### Kitba ta' l-E.T. Mons Nikol, Cauchi, Isqof Emeritus

Minn żmien għall-ieħor ma waqafniex ingawdu mill-frott marbut mal-kelma miktuba ta' l-**E.T. Mons Nikol Cauchi**, Isqof Emeritu, bħalma dan l-aħħar għoġbu jgħaddilna f'idejna ktieb ieħor permezz tal-*Lumen Christi Publications* fis-sensiela "Riflessi Liturġiċi", bl-isem **"IL-ĦAJJA LITURĠIKA TAN-NISRANI"**.

Fid-daħla u permezz ta' introduzzjoni ġenerali għall-ħidma liturġika tal-Knisja, Mons. Cauchi jorjenta lill-qarrej qabel xejn lejn dak li hu ċ-ċentru u l-għajn tal-ħajja tal-komunità nisranija, li għandha l-qofol tagħha fil-Misteru ta' l-Għid.

Hija ċ-ċelebrazzjoni ewkaristika li qed tkun trattata fl-ewwel parti tal-ktieb u li tinkludi l-valur nisrani tas-sagrifiċċju kif preparat fl-Antik Testment u kif twettaq fil-milja tiegħu fil-Ġdid Testment. Il-qarrej isib tifsira sempliċi u fil-qosor ta' kull parti tal-quddiesa. Is-sagramenti l-oħra huma mfissra bl-istess mod waqt li għal kull wieħed hemm żieda ta' għadd ta' kummenti pastorali prattiċi li jappellaw lil kull min jipparteċipa fiċ-ċelebrazzjoni. Mons. Cauchi jispjega iktar fit-tul l-Ordni Sagri billi jdaħħal l-ordinazzjoni ta' l-isqfijiet, tal-presbiteri u tad-djakni.

Ma jonqsux aspetti oħra marbuta, b'mod jew ieħor, mal-ħajja liturġika, bħalma huma s-sagramentali, is-sena liturġika, il-pjetà popolari u l-imġieba fil-knisja, ilkoll trattati fl-aħħar parti tal-ktieb.

Din il-pubblikazzjoni, b'ritratt fuq quddiem tal-Papa Benedittu XVI f'okkażjoni ta' benedizzjoni ewkaristika, għandha valur kateketiku għax twassal it-tagħlim kattoliku b'riferenza għall-Konċilju Vatikan II u għal dokumenti oħra reċenti tal-Maġisteru tal-Knisja, fosthom il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika. Hija ta' għajnuna kbira mhux biss għaċ-ċelebrant li jippresiedi l-atti liturġiċi, imma għall-insara kollha li ħafna drabi jkollhom okkażjoni jieħdu sehem fl-




amministrazzjoni tas-sagramenti, barra sintendi mill-istess quddiesa.

Dan il-ktieb huwa għodda prattika u sussidju li jkompli ma' dak li ġie studjat u ppubblikat dwar il-liturġija fid-dokumenti sinodali ta' żewġ djoċesijiet. Iservi wkoll ta' gwida għan-nisrani li jrid jagħraf aħjar il-liturġija bħala valur ewlieni fil-ħajja personali u parrokkjali u biex tingħata l-prijorità meħtieġa fost l-attivitajiet l-oħra li jifformaw is-sejħa nisranija. Ma jonqosx li jkun ta' dawl biex jitwarrab tagħlim żbaljat jew superstizzjuż jew li jħawwad ħaġa m'oħra f'dak li għandu x'jaqsam mal-liturġija.

Kopji ta' dan il-ktieb (135 paġna) jistgħu jinkisbu mil-*Lumen Christi Media Centre*, Victoria, Għawdex, jew mill-ħwienet ewlenin tal-kotba reliġjużi bil-prezz ta' Lm2.50.

**Mons. Salv Grima**


Pellegrinaġġ Marjan
fil-Polonja

*Rapport minn* ***Dun Renato Borg***
*Ritratti meħuda minn* ***Dun Ġwann Sultana***




F'dawn l-aħħar snin l-Isqof Nikol Cauchi kemm-il darba kien wera x-xewqa tiegħu li jagħmel pellegrinaġġ Marjan lejn dik l-art li tatna lill-Papa Gwanni Pawlu II, il-Polonja. Din ix-xewqa ta' Mons Isqof ikkonkretizzat ruħha bil-pellegrinaġġ li organizza Dun Ġwann Sultana bejn is-26 ta' Settembru u l-4 t'Ottubru ta' din is-sena, u li fih ħadu sehem kemm saċerdoti u kemm lajċi Għawdxin kif ukoll Maltin. Il-qofol tal-pellegrinaġġ tagħna kienu ż-żjajjar li għamilna lis-santwarji Marjani kif ukoll dawk il-postijiet marbuta mill-qrib mal-Papa Gwanni Pawlu II. Matul il-jiem tagħna fil-Polonja kellna akkomodazzjoni f'żewġ lukandi; l-ewwel jiem konna f'residenza li tagħmel parti mill-kumpless tas-Santwarju tal-Ħniena Divina ta' Alla u l-aħħar ġranet konna f'lukanda f'Czestochowa ftit metri bogħod mis-Santwarju ta' Jasna Gora. Peress li ż-żewġ postijiet kienu qrib ħafna taż-żewġ santwarji li semmejna, ilkoll kemm aħna, minn mument għall-ieħor stajna' nżuruhom. Dan kompla jgħin dejjem iktar fil-ġabra u l-atmosfera ta' talb mitluba propju min-natura ta' pellegrinaġġ reliġjuż.

### *Żjara f'raħal twelid Carol Wojtyla*

Mhux il-bogħod ħafna mis-Santwarju tal-Ħniena Divina ta' Alla hemm ir-raħal ta' Wadowice, il-post fejn twieled u għex it-tfulija tiegħu Carol Wojtyla qabel ma mar joqgħod flimkien ma' missieru fi Krakowja. F'dan ir-raħal żorna id-dar fejn kienet tgħix il-familja Wojtyla kif ukoll il-knisja parrokkjali fejn tgħammed u għal xi żmien ħa sehem mill-qrib u attiv it-tfajjel Carol. Id-dar li fiha għex it-tfulija dak li kellu jkun il-Papa Ġwanni Pawlu II kienet ftit il-bogħod mill-knisja parrokkjali, dar żgħira bi ftit kmamar iżda b'dak kollu meħtieġ għat-trobbija tal-familja. Ftit huma l-affarijiet li għadhom miż-żmien it-tfulija taċ-ċkejken Carol, iżda l-kmamar huma mimlija b'oġġetti li jfakkru l-ħajja tal-Papa Ġwanni Pawlu II, kemm bħala saċerdot, imbagħad Isqof, Kardinal u Papa. Għal min qara l-ħajja tal-Papa Ġwanni Pawlu II jaf li din id-dar ma kelliex ix-xorti tgawdi l-preżenza fit-tul tal-membri tagħha; dan għaliex omm Carol mietet meta hu kellu biss disa' snin u ħuh Edmundo miet meta hu kellu tnax-il sena. Tassew li t-toroq ta' Alla m'humiex it-toroq tagħna l-bnedmin.

Matul il-ġranet li għamilna fil-Polonja kellna x-xorti wkoll inżuru ċ-ċimiterju militari fejn hemm midfuna l-familja kollha ta' Carol Wojtyla, kif ukoll xi wħud miz-zijiet tiegħu. Kif tidħol dan iċ-ċimiterju ssib monument tal-Papa Ġwanni Pawlu II għarkupptejh u taħtu id-dati



*Il-grupp f'Wadowice, raħal twelid Carol Wojtyla*



Il-grupp tal-pellegrinaġġ Marjan qrib l-qabar tal-familja Woytyla fiċ-ċimiterju militari

ta' kull darba li żar dan il-post bħala Papa biex jagħti tislima u jitlob għall-għeżież tiegħu.

Kif tidħol fil-knisja parrokkjali fuq in-naħa tax-xellug hemm miżmum b'għożża kbira l-fonti tal-magħmudija li fih kien mgħammed Carol kif ukoll kopja tal-paġna meħuda mill-ktieb tar-reġistrazzjoni tal-magħmudija li tixhed din il-ġrajja hekk importanti fil-ħajja ta' kull nisrani. L-aħħar xogħol li sar f'din il-knisja kienet il-pittura tas-saqaf. Is-suġġetti impittra huma t-temi li ttratta l-Papa Ġwanni Pawlu II fl-enċikliki li kiteb.

***Il-Katidral ta' Wawel - l-identità ta' Nazzjon***

Il-Katidral ta' Wawel jinsab fuq l-għolja żgħira ta' Wawel. Biex wieħed ikun jista' jifhem l-importanza ta' dan il-katidral wieħed irid ikun jaf xi ftit l-istorja tal-Polonja. F'dan il-katidral hemm midfuna ħafna mir-rejjiet u rġejjen li għal żmien twil kienu jmexxu lill-Polonja, kif ukoll ħafna mill-Isqfijiet li servew id-djoċesi



Quddiem il-Katidral ta' Wawel

ta' Krakowja. F'nofs dan il-katidral hemm l-altar u r-relikwiji ta' San Stanislaus, Isqof u martri, il-Patrun tal-Polonja. Fuq in-naħa tal-lemin hemm xemgħa votiva mogħtija mill-Papa Ġwanni Pawlu II li fis-6 ta' Gunju 1979 kien mexxa quddiesa fl-okkażjoni tal-900 sena mill-anniversarju tal-martirju ta' l-isqof San Stanislaus. Kien f'dan il-Katidral li s-saċerdot Carol Woytjla kien ġie ikkonsagrat Isqof u kien hawnhekk ukoll li fil-kripta ta' San Leonardu, fit-2 ta' Novembru Dun Carol kien għamel l-ewwel quddiesa solenni tiegħu. F'dan il-katidral ukoll hemm midfuna r-reġina qaddisa San Jadwiga li hija tant maħbuba mill-Polakki għall-imħabba u l-karità li kellha lejn il-poplu Pollakk. Dan il-katidral matul in-nisġa taż-żmien kien sejħa kontinwa biex il-poplu Pollakk iħares l-identità tiegħu. Nafu li saħansitra għal xi żmien il-Polonja kienet imneħħiha mill-karta ġeografika, jiġifieri ma kinietx għadha teżisti bħala nazzjon, iżda minkejja it-taqlib u t-tbatijiet li għadda minnhom in-nazzjon Pollak hu baqa' dejjem iżomm l-identità tiegħu ta' poplu billi ħares il-fidi, il-kultura u l-lingwa tiegħu.

***Is-Santwarju tal-Ħniena Divina ta' Alla***

Dan is-Santwarju wkoll għandu rabta mill-qrib mal-Papa Gwanni Pawlu II. Meta kien għadu żagħżugħ u għamel xi żmien jaħdem fil-minjiera u kien jgħaddi propju minn quddiem din il-knisja huwa kien jidħol jagħmel vista. Fil-fatt meta kkonsagra is-Santwarju ġdid u kbir tal-Ħniena Divina ta' Alla, il-Papa osserva "min qatt kellu jgħidli li propju f'dak il-post fejn jien kont nidħol nagħmel vista, kien sejjer jinbena Santwarju kbir u li kelli x-xorti nikkonsagrah jien bħala Papa."

Barra dan is-Santwarju kbir li semmejna, li huwa binja ta' l-aħħar snin, hemm knisja żgħira fejn hemm espost il-kwadru tal-Ħniena Divina ta' Alla u fejn hemm il-fdalijiet tal-qaddisa Suor Fawstina Kowalska. F'din il-knisja is-sorijiet ta' kull fil-għodu jkantaw is-salmi u wara jkun hemm quddiesa bil-parteċipazzjoni ta' dawn is-sorrijiet. Kull min ikollu x-xorti jassisti għal xi wieħed minn dawn il-mumenti barra mill-gost li jieħu jisma' l-kant ta' dawn


Is-Santwarju ta' Jasna Gora


Is-Santwarju Marjan ta' Piekary Slaskie

is-sorijiet, josserva wkoll kemm għandhom vokazzjonijiet ta' tfajliet żgħażagħ għal ħajja reliġjuża.

Barra dawn iż-żewġ Santwarji hemm ukoll kappella żgħira tas-Sagrament li tkun miftuħa l-ħin kollu. Anke hawn wieħed jibqa' mmeraviljat bil-preżenza ta' ħafna żgħażagħ u għarajjes li jifrekwentaw din il-kappella u li jgħaddu xi ħin quddiem il-preżenza ta' Gesù Sagramentat.

### *Is-Santwarju ta' Jasna Gora - il-qalb ta' nazzjon*

Fis-Santwarju ta' Jasra Gora hemm il-kwadru mirakoluż tal-Madonna s-Sewda, Omm Alla. Il-pittura tal-kwadru li hemm il-lum mhix dik oriġinali peress li dik oriġinali bdiet tinqala' u tispiċċa. Il-patrijiet ħasbu li jagħmlu restawr sħiħ billi jpittru mill-ġdid x-xbieha fuq ix-xbieha li kien hemm qabel. It-tradizzjoni tatribwixxi din ix-xbieha lill-Evanġelista San Luqa.

Il-Madonna ta' Jasna Gora hija r-Reġina tal-Polonja, titlu li kien taha l-istess Re tal-Polonja u għalhekk ta' kull fil-għodu għadha ssir iċ-ċerimonja kommoventi li fiha titħabbar il-miġja ta' din ir-Reġina billi jindaqqu diversi strumenti u jitneħħa minn quddiem il-kwadru il-velu tal-fidda li jkun jgħattiha. Fuq wieħed mill-ġnub fejn hemm imqiegħed dan il-kwadru hemm il-warda tad-deheb li ta l-Papa Gwanni Pawlu II lil dan is-Santwarju. Dan huwa simbolu ta' l-ogħla ġieħ li jista' jingħata Santwarju Marjan. Fuq in-naħa l-oħra hemm il-faxxa li kien liebes il-Papa Gwanni Palwu II ma' qaddu meta kien sar l-attentat fuq ħajtu fi pjazza San Pietru. It-terħa tidher imċappsa bid-demm.

Mas-santwarju hemm ukoll mużew fejn hemm miżmuma r-rigali prezzjużi li ħafna Papiet, slaten u mexxejja ta' stati u nies oħra magħrufa u m'humiex għamlu lir-Reġina tas-sema u ta' l-art. Meta wieħed iżur dan is-Santwarju ma jistax ma jibqax impressjonat bid-devozzjoni kbira li l-Pollakki għandhom lejn il-Verġni Marija.

### *Il-Kalvarja Zebrzydowska*

Dan huwa post ta' devozzjoni kbira imfittex mill-Pollakki kollha b'mod partikolari matul iż-żmien tar-Randan u b'mod partikolari fil-Ġimgħa l-Kbira kif ukoll matul il-jiem tal-festa ta' l-Assunta. Dan il-post huwa msejjaħ "Kalvarja" għaliex fih insibu replika fiċ-ċokon ta' dawk il-knejjes li jinsabu fl-Art Imqaddsa. Fil-fatt dan kien inbena peress li ma kienx possibbli għal ħafna li jagħmlu vjaġġ fl-Art Imqaddsa kemm minħabba il-periklu li kien hemm, kif ukoll minħabba raġuni ta' finanzi.

Marbutin ma' dan il-post hemm żewġ ġrajjiet ħelwien mill-ħajja tal-Papa Ġwanni Pawlu II. Meta ta' disa' snin Carol tilef lil ommu, missier kien ħadu f'wieħed mill-artali tal-ġenb tal-Knisja prinċipali, resqu quddiem kwadru tal-Madonna u qallu: "Mil-lum 'il quddiem din hi Ommok!" Il-ġrajja l-oħra hija marbuta ukoll mat-tfulija ta' Carol. Matul il-Ġimgħa Kbira f'dan il-post jagħmlu l-*pageant* tal-passjoni ta' Kristu. Carol kien baqa' ħafna impressjonat bir-reċitazzjoni tal-persunaġġ ta' Kristu. Iżda wara ftit ħin l-istess Carol kien baqa' skandalizzat għax waqt li kien ħiereġ ra lill-attur li ħadem ta' Kristu f'ħanut jixrob il-birra. Dar fuq missieru u qallu: "Pa, mela Kristu jixrob il-birra." Kemm tassew irridu noqogħdu attenti biex ma nagħtux skandlu liċ-ċkejknin.

Żorna santwarji oħra Marjani bħal dak ta' Piekary Slaskie kif ukoll postijiet oħra marbuta mill-qrib mal-ħajja tal-Papa Ġwanni Pawlu II fosthom il-belt tal-Krakowja.

Kienet esperjenza profonda meta żorna l-kamp tal-konċentrament ta' Auschwitz Birkenau, fejn ġie matul il-Qaddis Martri Patri Massimiliano Kolbe. Wieħed jista' jmiss b'idejh l-atroċitajiet li wettqu n-Nazisti. Veru li meta wieħed jidħol u jara kif id-dinjità umana kienet hekk imkasbra u mirfusa jista' b'għaġeb kbir josserva "fejn kien Alla meta kien qed iseħħ dan kollu?" Iżda quddiem il-miżerji kollha li wettaq il-bniedem ħassejtni li tassew għandi għax nosserva "Fejn jista' jasal il-bniedem mingħajr Alla!"


Waqt iż-żjara fil-kamp tal-konċentrament ta' Auschwitz

# Il-Legat taż-Żwieġ tal-Fqar

Id-dokument numru mija tmienja u erbgħin li qegħdin nippublikaw f'din is-sensiela ta' paġni mill-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex hu dwar l-amministrazzjoni tal-legat taż-żwieġ magħruf bħala *tal-fqar* għas-sena 1706-1707. Jinsab reġistrata fid-disa' volum ta' l-*Acta* ta' l-*Universitas Gaudisii,* il-Gvern Reġjunali ta' Għawdex fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann (1530–1798), manetta (1706–1707), folju 8r (NAG, UG, *Acta,* 9/1706–1707, f. 8r).



Dan il-legat *tal-fqar* ġa ktibna fuqu darbtejn oħra f'din is-sensiela (ara numri 117 u 118). Kien amministrat u reġistrat b'mod l-iktar preċiż minn sena għall-oħra u dan juri li l-Università kienet tagħtih ċerta importanza. Jissejjaħ *tal-fqar* għax kien jingħata lil xi xebba fqira li ma kellhiex dota biex tiżżewweġ. U x-xebbiet fqar, tliet mit sena ilu, kienu l-maġġoranza.

Ix-xebba kienet tintgħażel *per ballotte,* bix-xorti, u kienet tittella' xebba fqira darba fis-sena. Min jaf dawk il-fqar xewqana għaż-żwieġ kemm wegħdi kienu jagħmlu lill-qaddisin biex ix-xorti tmiss lilhom.

Il-fondi ta' dan il-legat *tal-fqar* kien ġej minn ħames sorsi. Din hi t-traskrizzjoni tad-dokument bil-lista tas-sorsi:

**Entrate che l'Università da ogni anno per il maritaggio di povera zitella, che per ballotte gli haveva trovata la sorte dovute dalli infrascritte persone, cioè –**

**• Alessandro Farrugia di Giulio per conto enfiteutico della clausura Ta' Siech e targa: scudi quattortici**

**• Antonio Stellini deve per censo enfiteutico delle terre ta' Sannat: Scudi sei, e tarì sei**

**• La moglie di Mastro Domenico Galia successore di GioMaria Bonnici deve per censo enfiteutico di una casa nel Rabato; Scudi uno, e tarì otto**

**• GioMaria Xerri di Stefano in luoco di Domenico Attard per una casa nel Rabbato: tarì tre**

**• Paolo Camilleri di Domenico per censo Bullale di Scudi venti cinque capitale a tarì otto per cento, deve: Scudi due.**

L-ikbar dħul, erbatax-il skud, kienu minn ċens fuq biċċa raba' msejħa ta' Sieq it-Tarġa. Dan ir-raba' jiġi 'l isfel mill-knisja tal-Madonna tal-Patroċinju, limiti ta' Wied il-Għasri. Tliet mit sena ilu, dan ir-raba' kien f'idejn Xandru Farrugia.

Dħul ieħor ta' sitt skudi u sitt irbiegħi kien minn ċens fuq biċċa raba' msejħa Ta' Sannat. Dak iż-żmien kien f'idejn Toni Stellini.

Skud u tmien irbgħajja kien dħul minn ċens fuq dar ir-Rabat, Għawdex. Iċ-ċens kienet tħallsu l-mara ta' Mastru Dumink Galia, bħala werrieta ta' Ġannmarija Bonnici.

Ir-raba' dħul ta' tliet irbgħajja kien minn ċens fuq dar oħra r-Rabat. Dan kien iħallsu Ġannmarija Xerri. Ta' min jinnota li fid-dokument, ir-Rabat hi darba miktuba b'*b* waħda, u darba bi tnejn.

L-aħħar dħul kien ta' żewġ skudi fuq somma mislufa lil Karlu Camilleri bin Dumink.

It-total tad-dħul kien jitla' għal 24 skud u ħamest irbgħajja (qrib _5). Dak iż-żmien paga ta' sittin skud fis-sena kien ikkunsidrat dħul tajjeb. Din id-dota għalhekk kienet toqrob lejn paga ta' madwar ħames xhur.

HOME STYLE
• Ceramics • Chandeliers • Appliances
• Furniture • Carpets
Ġużepp Labre Str., Pjazza Kennedy, Victoria, Gozo
Tel: 21 552099 Fax: 21 561438 Mob: 9942 0520
Web Site: www.homestylegozo.tk

TIFSIR FUQ IT-TAGĦLIM TAT-TWEMMIN NISRANI (49)



# IL-MISTERU TA' L-EWKARISTIJA

KITBA TA' MONS. ISQOF NIKOL Ġ. CAUCHI

*(L-ERBATAX-IL PARTI)*

## IL-KULT TA' L-EWKARISTIJA

Dan il-kult li tagħti l-Knisja jikkonsisti qabel xejn u fuq kollox, fl-adorazzjoni ta' Kristu, l-Iben t'Alla ħaj, preżenti fl-Ewkaristija. "Il-Knisja – jgħidilna l-Papa Piju XII, fl-enċiklika "*Mediator Dei*" - sa mill-oriġini tagħha, adurat il-Ġisem ta' Kristu, taħt l-ispeċi ewkaristiċi li fihom verament, realment u sustanzjalment il-Ġisem u d-Demm, flimkien mar-ruħ u d-divinità tas-Sinjur tagħna Ġesù Kristu."

Fl-enċiklika "*Mysterium Fidei*", tal-Papa Pawlu VI, n. 56 naqraw "Il-Knisja Kattolika dejjem tat u tibqa' tagħti l-kult tal-adorazzjoni, li għandu jingħata lill-Ewkaristija, mhux biss waqt il-quddiesa, iżda wkoll barra miċ-ċelebrazzjoni tagħha, billi tħares b'għożża kbira l-ostji kkonsagrati, meta tippreżentahom lill-insara biex b'sollennità kbira jivvenerawhom u toħroġ bihom f'purċissjoni."

Il-Knisja Kattolika tgħallem li l-Ewkaristija għandha tingħata l-ogħla għamla ta' qima jiġifieri l-qima ta' adorazzjoni jew "*latria*" li hija dik il-għamla ta' qima li tmiss lil Alla waħdu. Dan it-tagħlim tal-Knisja u d-drawwa, li kellha sa mill-bidu tagħha li tadura l-Ewkaristija huma l-konsegwenza ta' żewġ veritajiet rivelati: (i) li Ġesù Kristu, għad li huwa bniedem, imma huwa wkoll Persuna Divina, u għalhekk jistħoqqlu l-qima li tingħata lil Alla; (ii) li Ġesù Kristu huwa realment preżenti fl-Ewkaristija, hekk li nistgħu ngħidu li l-Ewkaristija hija Kristu.

### *L-adorazzjoni ewkaristika*

Fil-Kredu tal-Papa Pawlu VI, nistqarru li: "huwa dmir tassew ħelu għalina, li nagħtu ġieħ u nqimu fl-Ostja Mqaddsa, li jaraw għajnejna, il-Verb Inkarnat innifsu li għajnejna ma jistgħux jaraw, u li bla ma jħalli s-Sema, sar preżenti quddiemna".

Fl-ittra appostolika tiegħu "*Mane nobiscum Domine*", tas-7 t'Ottubru 2004, il-Papa Ġwanni Pawlu II (n.18) dwar l-adorazzjoni ewkaristika jikteb: "Ejjew nibqgħu fit-tul għarkubbtejna quddiem Ġesù preżenti fl-Ewkaristija, fil-waqt li npattu permezz tal-fidi u l-imħabba tagħna għat-traskuraġni, għan-nuqqas ta' ħsieb u saħansitra għall-offiżi li jsiru lis-Salvatur tagħna, f'ħafna partijiet tad-dinja. Ejjew indaħħlu aktar fl-adorazzjoni, il-kontemplazzjoni personali u komunitarja tagħna, billi ninqdew ukoll b'sussidji ta' talb, dejjem mibnija fuq il-Kelma t'Alla u mżewqa bl-esperjenza ta' tant bnedmin mistiċi kemm ta' l-imgħoddi kif ukoll moderni."

L-adorazzjoni mogħtija lil Alla hija wieħed mill-atti ewlienin tar-Reliġjon Nisranija. Kristu stess jgħallimna dan id-dmir, u l-mod kif għandna nwettquh: "Hemm miktub, lill-Mulej Alla tiegħek għandek tadura u lilu biss taqdi" (*Mt*.4,10); "Alla huwa spirtu u dawk li jadurawh, għandhom jadurawh fl-ispirtu u l-verità" (*Ġw*.4,24).

Din l-adorazzjoni għandha ssir, qabel xejn, bil-ħeġġa kollha li jqanqal fina l-Ispirtu t'Alla, kif jgħidilna San Pawl: "Nitlob bl-ispirtu, imma nitlob b'moħħi wkoll, inkanta s-salmi bl-ispirtu, imma nkanta b'moħħi wkoll" (*1 Kor*.14,15). Din l-adorazzjoni għandha sseħħ ukoll fil-verità, jiġifieri tkun imsieħba mal-fidi, għaliex ix-xewqat spiritwali ftit jiswew quddiem Alla, jekk ma jkunx hemm vera fidi, "Min jitlob – jgħidilna l-Appostlu San Ġakbu – ħa jitlob bil-fidi, mingħajr ma jitħasseb xejn, għax min jitħasseb ikun jixbah lill-mewġ tal-baħar imqalleb mir-riħ" (*Ġk*.1.6). Jeħtieġ fuq kollox, li l-adorazzjoni tkun sinċiera, jiġifieri mhux qima minn barra biss, iżda tkun ġejja mir-rieda li nagħrfu 'l Alla, bħala Sid tas-Smewwiet u l-art u li nagħmlu ħilitna biex inwettqu r-Rieda tiegħu. Sidna Ġesù, wissiena dwar dan meta qalilna, "Meta titolbu tkunux bħal ta' wiċċ b'iehor, għax dawn iħobbu joqogħdu jitolbu fis-sinagogi u f'salib it-toroq, biex jidhru quddiem in-nies" (*Mt*.6.5).

Fl-Ewkaristija aħna naduraw lil Kristu, l-Iben t'Alla li sar bniedem biex jifdina, li filwaqt li qiegħed bil-ġisem



glorjuż tiegħu fis-sebħ tal-Missier fis-smewwiet, jinsab ukoll preżenti kollu kemm hu fl-Ostja Mqaddsa. Din il-verità ma naslux għaliha bir-raġuni tagħna u l-anqas insibuha f'ebda ktieb tax-xjenza, iżda tgħallimhielna l-Fidi Kattolika u min irid jibqa' fil-għaqda mal-Knisja, jeħtieġ li jemminha u jistqarrha. Hija fidi mibnija fuq il-kelma ta' Kristu, kif inkantaw fil-għanja ta' San Tumas d'Aquino:

*"L-għajn, l-idejn, it-togħma, lilek ma jħossux*
*Iżda biss b'li smajna għala ma nemmnux.*
*Nemmen li qalilna l-Iben tal-Mulej*
*Xejn m' hu iżjed minnu, minn kliem il-Feddej.*

Fis-Sema, Kristu jingħata "t-tifħir u l-ġieħ, u l-glorja u l-ħakma għal dejjem ta' dejjem" (*Apok.*5,13) mill-anġli u mill-erwieħ tal-qaddisin. Fuq din l-art, l-Iben t'Alla moħbi fl-Ewkaristija, jirċievi l-qima ta' l-insara li jemmnu fih u li jħobbuh. L-adorazzjoni ewkaristika, għalhekk hija mhux biss att ta' qima lejn Kristu, iżda wkoll att ta' mħabba dovuta lejh, għax kif jgħallimna Missierna San Pawl, "Min ma jħobbx lil Kristu, ikun misħut" (*I Kor.*16,22).

Din l-adorazzjoni hija fl-aħħarnet att ta' tpattija għal dawk li fi Kristu ma jemmnux, jew dawk li għad li jemmnu fih, iżda fil-ħajja tagħhom jagħtu biss importanza żgħira Lilu u lit-tagħlim Tiegħu, u agħar ukoll dawk li jaslu saħansitra sabiex joffenduh bid-dagħa tagħhom.

Mill-kult tal-adorazzjoni mal-mixja taż-żmien, tnisslu u kibru fost l-insara għamliet varji ta' qima lejn l-Ewkaristija barra mill-quddiesa, bħal ma huma l-qima lil Ġesù fit-tabernaklu, il-vizta lil Ġesù Sagramentat, l-espożizzjoni sollenni, il-barka bis-Santissmu Sagrament, il-proċessjonijiet ewkaristiċi, l-kungressi ewkarsitiċi eċċ. Dawn huma drawwiet qaddisa, ta' min ifaħħarhom u jieħu sehem fihom.

Kif ifakkarna l-Papa Ġwanni Pawlu II, fl-enċiklika "*Ecclesia de Eucharistia*" (n.10) "l-adorazzjoni tas-Santissmu Sagrament għandha sehem mill-iktar importanti fil-ħajja ta' kuljum ta' l-insara u ssir għalihom għajn ta' qdusija li ma taqta' qatt."

L-adorazzjoni ewkarsitika, skond it-tradizzjoni tal-Knisja tesprimi ruħha b'diversi modi, fosthom:

(a) il-viżta sempliċi lis-Santissmu Sagrament mqiegħed fit-tabernaklu; f'laqgħa qasira ma' Kristu li tieħu għamla ta' talba fis-skiet, ispirata mill-fidi fil-preżenza tiegħu;
(a) l-adorazzjoni quddiem is-Santissmu Sagrament espost, skond in-normi tal-Liturġija, fl-ostensorju jew fil-pissidi, u din l-adorazzjoni tista tkun mtawla jew anki għal żmien qasir;
(b) l-adorazzjoni perpetwa, bħal dik tal-Kwaranturi u f'forom oħra, hekk li tħaddan il-komunità sħiħa reliġjuża, assoċjazzjoni jew komunità parrokkjali. Din hija okkażjoni mill-aħjar għall-espressjoni tal-pjetà ewkaristika ("*Anno dell'Eucaristia*", Direttivi maħruġa mill-Kongregazzjoni tal-Kult Divin u tad-dixxiplina tas-sagramenti fil-15 t'Ottubru 2004, n.13).

## *Qima lil Ġesù fit-tabernaklu*

Kienet teżisti fil-Knisja, sa miż-żminijiet l-iktar antiki, id-drawwa li wara l-quddiesa, l-Ewkaristija tinżamm fit-tabernaklu, bil-għan li jkunu jistgħu jiġu mqarbna l-morda speċjalment dawk li jkunu waslu għall-mewt. Din id-drawwa għadha mħarsa sallum, u dan wassal għall-kult ta' l-adorazzjoni ta' Kristu, preżenti taħt ix-xbihat ewkaristiċi. Bl-adorazzjoni ewkaristika quddiem it-tabernaklu, l-insara jixhdu u jistqarru apertament il-fidi tal-Knisja, li temmen li l-istess Kristu, l-Iben t'Alla magħmul bniedem, l-istess wieħed li hu iben Marija Verġni, u li bata għall-fidwa tagħna fuq is-salib, huwa preżenti wkoll, għad li moħbi fl-Ewkaristija.

Kemm fil-Knisja Kattolika, kif ukoll fil-Knejjes Orjentali, anki dawk tal-Ortodossi, l-Ewkaristija tinżamm merfugħa fit-tabernaklu, li ġie li jkun fuq pilastru u jkollu għamla ta' tron. Ħafna drabi t-tabernaklu jkun mwaħħal f'nofs l-artal. Fil-knejjes orjentali, it-tabernaklu jkollu aktarx forma ta' ħamiema mdendla fuq ir-riħ ta' l-artal. It-tron ewkaristiku jfisser il-qawwa li tagħti l-Ewkaristija, fil-waqt li l-ħamiema hija simbolu tas-safa u l-innoċenza li dan is-sagrament jitlob minna.

*(jissokta)*




# IL-BIEDJA F'GĦAWDEX

*(Id-Disgħa u Erbgħin Parti )*

*(jaqbad mal-ħarġa ta' qabel)*

## *ĦALIB U ĠBEJNIET (A)*

Meta wieħed isemmi l-ġbejniet, mill-ewwel tiġih f'moħħu l-gżira ta' Għawdex. Il-ġbejniet fil-fatt huma speċjalità ta' Għawdex u dari ma kienx hawn familja tal-bdiewa li ma kenitx tagħmel minnhom, kemm għall-użu tagħha, kif ukoll biex iż-żejda tbigħhom lil dawk il-ftit li ma kellhomx fejn irabbu l-annimali.

Iżda l-ġbejniet kienu, u fil-fatt għadhom, isiru f'Malta wkoll. Dari kien hemm differenza kbira bejn il-ġbejniet ta' Għawdex u dawk ta' Malta. F'Għawdex il-ġbejniet isiru mill-ħalib tan-nagħaġ u l-qaleb kien ikun kbir. Ta' Malta aktarx li kienu jsiru mill-ħalib tal-mogħża u l-qaleb kien ikun żgħir. Il-ġbejniet tan-nagħġa jkollhom lewnhom jagħti fl-isfar, waqt li dawk tal-mogħża jkunu bojod lewn il-ġir. Id-differenza fid-daqs u fil-lewn kienet xi ħaġa li tispikka ħafna u tagħmel il-ġbejniet ta' Għawdex fi klassi għalihom.

Il-ġbejniet huma ikel sustanzjuż u delizzjuż għall-aħħar u, apparti mill-fatt li jistgħu jittieklu friski, jintużaw l-aktar bħala "ħaxu" jew mili fit-torti jew torot, qassatat jew qsaset, ftajjar, pastizzi, ravjul, tiġieġ u ħusjien jew inkella jintefgħu sħaħ fil-minestra, kawlata, toqlija, stuffat u ikel ieħor.

Hawnhekk tajjeb li wieħed joqgħod attent li ma jħallatx il-ġbejniet ma' l-irkotta li hi ħaġa oħra. L-irkotta ma kenitx issir minn kulħadd, imma minn nies speċjalizzati fix-xogħol tagħha u tal-ġobon tan-nagħaġ.

Fit-tisjir il-ġbejniet ma fihom ebda periklu għax ebda mikrobu ma jirreżisti n-nar. Terġa', il-mikrobu tad-deni rqiq hu iżjed assoċjat mal-mogħża milli man-nagħġa. B'danakollu kull ikel nej fih ċertu riskju. Qabel ma nitkellmu fuq kif isiru l-ġbejniet, se nsemmi xi ismijiet antiki li għandhom x'jaqsmu ma' dan ix-xogħol.

1. **Il-ħallieba**. Biex wieħed ikun jista' jaħleb il-ħalib ikollu bżonn xi reċipjent fejn jaħleb. Għalhekk, il-bidwi kien ikollu l-ħallieba li kienet bħal pagna kbira u xi ftit aktar fonda, tal-fuħħar, bix-xfar milwija 'l ġewwa biex il-ħalib ma jixxerridx u b'żennuna biex il-ħalib jitbattal ġo xi reċipjent ieħor ikbar. Fiż-żennuna ġie li kienu jagħmlu xi fergħa tas-sagħtar biex il-ħalib jissaffa minn xi suf jew tiben li jista' jaqa' fih. Wara l-ħallieba bdew jintużaw il-barmil tal-ħalib u l-brajma, u dawn jintużaw għal dan ix-xogħol biss.

2. **It-tames**. It-*tames* ifisser l-istonku ta' ħaruf ta' xi tliet ġimgħat li qatt ma jkun ħa ikel ħlief ħalib. It-tames jintrabat sewwa bi spaga miż-żewġt itruf tiegħu. (Ma ninsewx li l-istonku jkollu żewġ toqbiet, waħda minfejn jidħol l-ikel u l-oħra minfejn joħroġ). L-ispaga sservi bħala għalaq minfejn wieħed jaqbad it-tames meta jkun irid jużah.

3. **Il-qtar**. Il-*qtar* isir hekk: poġġi tames ġdid għal xi jiem fil-melħ biex ma jeħżienx. Wara dan, ixħet it-tames fix-xorrox, skond kemm ikollok bżonn; per eżempju mimli flixkun, u ħallih għal xi tlett ijiem jew erbgħa. Mbagħad, neħħi t-tames u erġa' ordmu fil-melħ, u x-xorrox ikun sar qtar. Erfa' l-qtar ġo flixkun biex tużah skond il-bżonn.

4. **Ix-xorrox.** Meta l-ħalib titfagħlu l-qtar, jibda jagħqad u jsir *baqta*. L-ilma li jkun hemm fil-ħalib jintgħażel għalih u joqgħod fil-qiegħ. Dan ikollu lewn isfar u jissejjaħ *xorrox*. Għalhekk flok 'nagħmel il-ġobon' jew 'nagħmel il-ġbejniet' hawn min igħid *nagħsar il-ġobon*, *nagħsar il-ġbejniet*. Ix-xorrox li joħroġ mill-baqta qabel ma jiżdied il-melħ, jissejjaħ *xorrox ta' l-ewwel għasra*, u dak li joħroġ wara li l-ġbejniet jiżdidilhom il-melħ jissejjaħ *xorrox tat-tieni għasra*. Ix-xorrox, għalhekk, jitbattal darbtejn jew iżjed.

5. **Il-baqta.** Wara li titfa' l-qtar fil-ħalib, dan jagħqad u jerħi x-xorrox. Il-ħalib magħqud frisk jissejjaħ *baqta*.

6. **Il-qwieleb.** Il-*qaleb* hu dak ir-reċipjent fejn tinxteħet il-baqta biex issir ġbejna. Kif diġa' rajna, il-baqta hija l-ħalib magħqud qabel ma jitqassam fil-*qwieleb*.

## Il-Qwieleb

Dari l-qwieleb kienu jsiru tas-simar u jagħmluhom hawn Għawdex stess. Bejn wieħed u ieħor id-daqsijiet kienu skond dawn il-qisien: Għoli, 3 pulzieri u nofs, dijametru ta' fuq, 2 pulzieri u nofs, dijametru tal-qiegħ 2 pulzieri. Il-qaleb ikollu għamla ta' barmil żgħir ħafna. Dawn il-qisien ivarjaw. Il-qwieleb tas-simar kienu jsiru x-Xewkija fejn kien hemm familja sħiħa taħdem minnhom. Illum hawn qwieleb tal-plastik li jesgħu inqas minn dawk tas-simar.

## Bhejjem tal-ħalib

Il-bhejjem jagħtu l-ħalib wara li jwelldu: il-mogħoż, in-ngħaġ u l-baqar, kollha jagħtu l-ħalib, iżda l-aħjar ħalib għall-ġbejniet hu dak tan-ngħaġ, warajh jiġi dak tal-baqra, u fl-aħħar tal-mogħża li hu ħafif ħafna mill-krema u għalhekk jintuża iżjed biex jinxtorob waqt il-mard. Hawnhekk irridu nfissru wkoll li annimali oħra, per eżempju l-barrija m'hix tajba għall-ħalib, għax din tagħti biss kemm tgħajjex il-frieħ tagħha, mhux bħall-baqra. L-ewwel ħalib ikun ħażin u qares. Dan ma jintuża għal xejn u jintrema. Imbagħad jibda ġej il-ħalib it-tajjeb.

Hawn tajjeb li ngħidu wkoll xi ħaġa dwar iż-żmien li fih wieħed jista' jaħleb u jagħmel il-ġbejniet. Ir-regola hi li x-xhur li fihom l-erre huma kollha tajbin. Eżempju: Settembru, Ottubru, Novembru, Diċembru, Jannar, Frar, Marzu, u April. Ix-xhur ta' bla erre huma ħżiena. Eżempju: Mejju, Ġunju, Lulju u Awissu. Innutaw sewwa li dawn ta' l-aħħar huma x-xhur tas-sajf.

In-ngħaġ u l-mogħoż iwelldu f'żewġ iżmna - fil-ħarifa, jew ta' żmien il-Milied, u fir-rebbiegħa, jew ta' żmien il-Għid il-Kbir. Dawk ta' żmien il-ħarifa jissejħu 'ħrief bikrin' (ta' kmieni) għax ix-xitwa tkun għadha dieħla. Dawn tar-rebbiegħa jissejħu 'mwaħħrin' (fit-tard), għax ix-xitwa tkun għaddiet. F'Għawdex u f'Malta l-aħjar ħalib jittieħed min-ngħaġ li jwelldu fil-ħarifa u l-bhejjem idumu jaħilbu iżjed għax isibu ħafna ħaxix x'jieklu. Il-bhejjem li jwelldu fir-rebbiegħa jkunu nofs kedda u malajr jinxfu, jiġifieri ma jdumux jaħilbu wisq.

### Kif tagħmel il-ġbejniet

Agħmel il-ħalib ġol-brajma, borma, barmil jew xi reċipjent ieħor użat għal hekk.

Kif il-ħalib ikun għadu sħun, *tammas* billi titfa' nofs imgħarfa jew imgħarfa *qtar* ħalli mbagħad il-ħalib jagħqad u jsir *baqta*. Qis li meta ttammas il-ħalib tħawdu sewwa ħalli l-qtar jitħallat sewwa mal-ħalib.

Jekk wara li taħleb iddum ma ttammas, tajjeb li terġa' ssaħħan kemm kemm il-ħalib biex jaqgħad malajr iżjed, iżda m'hemmx għalfejn issaħħnu ħafna. Dwar il-qtar trid toqgħod attent li titfa' kemm ikollok bżonn skond il-kwantità tal-ħalib li jkollok u skond kemm ikun tajjeb il-qtar. Qtar ta' tames qadim ma jkunx tajjeb daqs ta' wieħed ġdid. Qtar ġdid jgħaqqad malajr, ismu miegħu, ftit taqtiriet huma biżżejjed.

Wara ftit tal-ħin li tkun tammast il-ħalib, dan, kif għidna, jagħqad u jsir baqta. Ħallih joqgħod ftit biex jagħqad sewwa u jissaffa għall-ewwel darba mix-*xorrox*.

Meta l-baqta tkun saret sewwa, ġib il-qwieleb. Dawn għandek tpoġġihom f'dixx ħalli jilqa' x-xorrox. Qassam il-baqta fil-qwieleb b'imgħarfa u qis li l-qwieleb timliehom sewwa, bl-imburġat. Wara dan ħallihom joqogħdu ħalli jkomplu jissaffew mix-xorrox.

Meta l-baqta tkun qagħdet sewwa fil-qaleb, jasal il-waqt biex tiġi mqallba għall-ewwel darba. Fil-fatt "qaleb" ifisser oġġett fejn tinqaleb il-baqta jew fejn wieħed iqallibha. Hemm żewġ modi kif isir dan.

Għall-ewwel darba tajjeb li tuża dan il-metodu. Aqbad il-qaleb u battal il-baqta fuq il-pala ta' idek ix-xellugija. Poġġi l-qaleb vojt f'postu u aqleb il-baqta minn fuq idek ix-xellugija għal fuq il-pala ta' idek il-leminija. Aqbad il-qaleb b'idek ix-xellugija u erġa' itfa' l-baqta, din id-darba bil-maqlub, ġewwa l-qaleb. Issa l-ġbejna tieħu l-forma tagħha skod il-għamla tal-qaleb.

It-tieni metodu hu aktar tqil billi trid tqalleb il-baqta ġol-qaleb stess mingħajr ma tmissha b'idek jew toħroġha mill-qaleb. Biex tagħmel din il-biċċa xogħol irid ikollok ix-xeħta u l-esperjenza.

Meta l-baqta tkun qallibtha darba fil-qaleb, din tibda tissejjaħ "ġbejna tal-qaleb". Tista' titħalla bla melħ għal dawk li għalihom il-melħ m'hux tajjeb. Iżda, normalment, wara li toqgħod ftit, iroxxulha ftit melħ.

Għal dawk li jkunu jridu iżjed melħ, kif ukoll biex il-ġbejna titħalla għan-niexef, din terġa' titqalleb u jitfgħulha l-melħ fuq in-naħa l-oħra wkoll. Biex il-ġbejna titqalleb għat-tieni darba wieħed jista' faċilment juża t-tieni metodu li semmejna, jiġifieri li wieħed jiskossja l-ġbejna fil-qaleb sakemm tinqaleb bla ma jkun hemm il-ħtieġa li toħroġha mill-qaleb.

Fl-aħħarnett, tajjeb wieħed jinnota li l-ġbejniet tal-qaleb jaslu għand il-konsumatur bil-qaleb b'kollox. Dan jiġi ritornat lura lil tal-ħanut jew lill-bidwi.

## Ġbejniet friski

Il-ġbejniet friski jsiru l-istess bħal dawk "tal-qaleb", imma jitqallbu tliet darbiet. Fl-aħħar żewġ taqlibiet jinxteħet il-melħ fuq iż-żewġ naħat tal-ġbejna, minn taħt u minn fuq kif għidna qabel. Imbagħad jitħallew joqogħdu ftit. Wara dan, jinħarġu mill-qaleb u jitpoġġew f'xi dixx jew platt u jaslu għand il-konsumatur mingħajr qaleb. Ix-xorrox tal-ġbejniet jista' jintuża biex isir il-qtar bih. Tajjeb jingħad li biex dawn il-ġbejniet ikunu jistgħu jintużaw fl-ikel, bħal torti, pastizzi, ravjul, u hekk, tajjeb li jitħallew joqogħdu sewwa biex jixxuttaw aktar mix-xorrox. F'Malta l-ġbejniet friski jgħidulhom "ġbejniet ta' l-ilma" għax meta jkunu jinbiegħu jkunu fix-xorrox.

*(jissokta)*

**Passiġġata Biblika - 20**

*"U beda minn Mosè u l-profeti kollha jfissrilhom kull ma kien hemm fl-Iskrittura fuqu."* (Lq 24:27)

# IL-KANONI TAL-ISKRITTURA MQADDSA

minn Fr. Charles Buttigieg

## Xi tfisser il-kelma 'Kanoni'?

Il-kelma 'kanoni' ġejja mill-kelma griega '*kanon*' u mil-Lhudi '*qaneh*' li jfissru 'qasba', 'qasba li tkejjel', jew 'lista dritta'. L-insara, fit-tieni seklu W.K. bdew jużaw il-kelma 'kanoni' għal-lista li 'tirregola' l-kotba tal-Bibbja li l-Knisja aċċettat bħala ispirati. Il-Knisja ddikjarat il-kanoni b'mod sollenni, fir-raba' sezzjoni tal-Konċilju ta' Trentu li saret fis-sena 1546 fid-*Decretum de Canonicis Scripturis*. Din il-lista definita tinsab f'konċilji oħra li saru ħafna snin qabel, bħal dak tal-Konċilju ta' Laodiċeja tas-sena 360, id-digriet tal-Papa Damasu tas-sena 382, il-Konċilju ta' Ippona fis-sena 393, fit-tielet u r-raba' Konċilji ta' Kartaġni fis-sena 397 u fis-sena 419 rispettivament u dak ta' Firenze fis-sena 1441. Din id-dikjarazzjoni ġiet ripetuta mill-Konċilju Vatikan II, fil-Kostituzzjoni Dommatika dwar ir-Rivelazzjoni Divina tal-1965, id-'*Dei Verbum*'.

## Ħarsa Ġenerali lejn il-Formazzjoni tal-Kanoni

Fil-bidu l-kotba kienu jiġu kkwotati mill-padri appostoliċi li ġew wara l-appostli u mill-apoloġisti, jiġifieri dawk li kitbu biex jiddefendu r-reliġjon nisranija. Insemmu lil San Klement ta' Ruma fis-sena 96 W.K., San Ġustinu u l-Pastor Hermas fis-sena 150 u diversi listi oħra tal-kotba tal-bibbja. Insibu l-Framment ta' Muratori tat-tieni seklu, misjub minn Ludovico Antonio Muratori fil-Biblijoteka Ambrosjana ta' Milan fis-sena 1740, li jħaddan kważi l-kotba kollha tat-G.T. li kienu jinqraw fil-liturġija. Fit-tielet seklu għandna l-lista ta' Origene. Minbarra l-listi ta' Ewsebju u San Atanasju nsibu ukoll dawk ta' San Ċirillu ta' Ġerusalemm, Epifanju, San Ġwann Krizostmu, San Girgor Nażjanżenu, Amfilokju ta' Ikonju u San Ġirolmu.

San Atanasju fost l-iktar xhieda antika, jgħidilna li fil-G.T. insibu 27 ktieb. Kemm hu, kif ukoll San Ġirolmu jgħidulna li hemm 22 ktieb fil-Bibbja Lhudija u li kienu jikkorrispondu man-numru tal-ittri tal-alfabet lhudi li huma 22. San Ġirolmu li għex għal 25 sena f'ambjent lhudi fil-Palestina fejn ma kenux jilqgħu bħala sagri l-kotba dewtero-kanoniċi, warrab hu ukoll dawn il-kotba. Uħud mill-Padri tal-Knisja mxew fuq l-awtorità ta' San Ġirolmu, kif għamlu mbagħad wara l-protestanti. Eżattament it-22 ktieb kienu jikkorrispondu ma' 39 ktieb (il-proto-kanoniċi) fil-Bibbja kattolika, għaliex it-12-il ktieb tal-profeti ż-żgħar kienu meqjusin bħala ktieb wieħed, u l-kotba: l-1 u t-2 Samwel; l-1 u t-2 Slaten; l-1 u t-2 Kronaki; Esdra u Neħemija; Ġeremija u Lamentazzjonijiet; kienu meqjusa bħala ktieb kull wieħed. Anke l-ktieb ta' Rut kien magħqud ma' dak tal-Imħallfin.

Il-Papa Innoċenzju I, fis-sena 405 kien approva li hemm 46 ktieb fl-A.T., u 27 ktieb fil-G.T. Din it-tradizzjoni ta' 73 ktieb kienet imnizzla fil-bolla '*Cantate Domino*' tal-Konċilju ta' Firenze fl-1442 bil-qbil mal-insara tal-knisja kopta. Il-Konċilju ta' Trentu approva ukoll il-lista ta' 73 ktieb, inklużi s-seba' kotba dewtero-kanoniċi tal-A.T., u qal li huma sagri u kanoniċi b'kull parti li fihom.

## Kif ġie ffurmat il-Kanoni tal-Antik Testment?

Il-Lhud kienu jżommu li l-kotba kanoniċi tal-A.T. kienu ġew miġburin minn Eżra (madwar is-sena 400 Q.K.). Fost l-ewwel kitbiet (jew aħjar poeżiji) insibu l-għanja ta' Mirjam (Ez 15:1-18) u l-għanja ta' Deborah (Imħ 5) li probabbilment imorru għat-12-il seklu Q.K. Fost l-aktar kotba riċenti nsibu l-kotba ta' Danjel u Ester li huma tat-tieni seklu Q.K., u ż-żewg kotba tal-Makkabin u dak tal-Għerf li nkitbu 100 Q.K.

L-A.T. tal-Lhud, jinqasam fi tliet partijiet: il-Liġi, il-Profeti u l-kotba Storiċi. Il-Liġi (*Torah*) tiġbor fiha l-ewwel ħames Kotba tal-Bibbja: il-Ġenesi, l-Eżodu, Levitiku, Numri u Dewteronomju magħrufin bħala l-Pentatewku (mill-grieg '*penta*' li tfisser 'ħamsa' u '*teukoi*' li tfisser 'volumi'). Il-Kotba tal-Profeti (*Nebihim*) huma maqsumin fi tnejn: dawk tal-profeti kbar: Ġożwè, Imħallfin (li kellu miegħu l-ktieb ta' Rut), Samwel u Slaten, Isaija, Ġeremija/Lamentazzjonjiet, Eżekjel u t-tnax il-profeti żgħar (għalihom huma ktieb wieħed): Hosegħa, Ġoel, Għamos, Għabdija, Ġona, Mikeja, Nahum, Habakkuk, Sofonija, Haggaj, Żakkarija u Malakija. Hemm mbagħad il-kitbiet Storiċi (*Ketubim*) li jiġbor fih disa' kotba li huma ġabriet diversi: Salmi, Proverbji, Ġob, Għanja tal-Għanjiet, Qohelet, Ester,

Danjel, Esdra/Neħemija u Kronaki b'total ta' 22 li jikkorrispondu kif għedna qabel għal 39 ktieb minn 46 tal-A.T. tal-kattoliċi.

Il-Kanoni tal-Lhud kienu ġew magħluqa fis-sinodu kontroversjali ta' Jamnija (belt qrib il-Mediterran, fil-punent ta' Ġerusalemm) fis-snin 90–100 W.K. F'din il-kongregazzjoni, Gamaljel II flimkien ma' Elejazar bin Azarijah għalqu l-kanoni tal-Lhud u kienu taw il-lista ta' dawk il-kotba li l-Lhud kellhom iħaddnu u li riedu jqisuhom bħala kotba ispirati.

Il-Lhud kellhom żewġ tipi ta' kanoni. Dak il-qasir, il-Palestinjan, u dak twil (grieg) ta' Lixandra, li tinkludi ukoll il-kotba dewtero-kanoniċi, li ġie użat mbagħad mill-ewwel nsara. Kien inħass il-bżonn li dawn il-kotba kellhom jiġu tradotti għall-Grieg għal-Lhud li kienu jgħixu fid-djaspora. Hemm leġġenda li tgħid li dawn kienu ġew tradotti minn sebgħin anzjan, f'sebgħin ġurnata u għalhekk meqjusa bħala, il-lista tas-Sebgħin (LXX).

Fil-kanoni tal-A.T. tal-Knisja Kattolika hemm 46 ktieb u jinqasmu fil-Pentatewku (ħames kotba), il-kotba storiċi (li huma sittax), il-kotba sapjenzali (seba' kotba) u l-kotba profetiċi (li huma tmintax).

## Kif ġie ffurmat il-Kanoni tal-Ġdid Testment?

Illum, il-Knisja Kattolika, l-Ortodossi u l-Protestanti jaċċettaw li bħala kotba kanoni fil-Ġ.T. hemm 27 ktieb. Biex ġew aċċettati dawn il-kotba, ma kienx hemm daqstant dubji peress li kienu ġew aċċettati kważi kollha kemm huma mill-Knisja tal-bidu. Inħolqu però wara xi dubji dwar xi partijiet, mill-protestanti.

Il-kotba tal-Ġ.T., li kienu minn ta' żmien l-appostli kienu ġew miktuba bl-akbar awtorità. Il-kitbiet li kellhom x'jaqsmu mal-fidi kienu ġew aċċettati bħala kanoniċi. Dawk il-kitbiet li ma kellhomx xi regola tal-fidi, kienu meqjusa bħala apokrifi. Ix-xogħlijiet kollha li nsibu fil-Ġ.T. kienu probabbilment miktuba qabel is-sena 100 W.K.

Il-vanġeli kanoniċi kienu miktubin bejn is-snin 65-100 W.K. Il-Vanġelu ta' San Mark, huwa l-ewwel wieħed li nkiteb fis-snin 65-70. Bejn is-snin 70-80 inkitbu l-Vanġelu ta' San Mattew (miktub bil-Grieg, għax dak miktub qabel bl-Aramajk, huwa mitluf) u ta' San Luqa. Il-Vanġelu ta' San Ġwann, inkiteb fis-snin 90. L-Atti tal-Appostli li huwa miktub minn San Luqa nistgħu ngħidu li nkiteb fl-istess żmien meta l-awtur kiteb il-vanġelu.

Ħafna mill-ittri li kiteb San Pawl, kienu ittri ta' inkoraġġiment lill-insara li huwa stess kien żar. Dawn il-kitbiet ta' San Pawl kienu miktubin hekk: fis-snin 50, inkitbu 1 u 2 Tessalonkin, Galatin, 1 u 2 Korintin u Rumani u magħhom hemm min iżid dik lill-Filippin. Fil-bidu tas-snin 60, inkitbu dawk l-ittri ta' meta huwa kien fil-ħabs, li huma l-ittri lil Filemon, lill-Kolossin u lill-Efesin. L-Ittri Pastorali li kiteb San Pawl f'nofs is-snin 60, ftit qabel miet, huma ż-żewġ ittri lil Timotju u oħra lil Titu. Fit-tieni ittra ta' San Pietru (ara 3:15), insibu li xi kitbiet minn ta' San Pawl kienu ġa bdew jinqraw bħala kitbiet sagri li kellhom l-insara. L-Ittra lill-Lhud, x'aktarx ġiet miktuba minn Lhudi kkonvertit, li kien tgħallem fil Greċja u li kien sema' lil San Pawl jippriedka. Oriġene jaċċettaha din l-ittra għalkemm għandu d-dubju jekk hix ta' San Pawl.

L-Apokalissi ta' San Ġwann, inkiteb lejn is-snin 90-100. F'nofs it-tieni seklu dan il-ktieb kien milqugħ mill-Knisja tal-Punent, fil-kanoni Muratorjan u minn Tertuljanu. Dan il-ktieb ma kienx ġie milqugħ mill-Knisja tal-Lvant. Għandna ukoll l-ittri kattoliċi li huma: Ġakbu; 1 u 2 Pietru; 1, 2 u 3 Ġwanni u Ġuda. L-ittra ta' San Ġakbu nkitbet lejn is-snin 70-80 u dik ta' Ġuda lejn is-snin 70-90.

Il-Knejjes tas-Sirja qatt ma aċċettaw l-Ittri Kattoliċi. Fil-Ġ.T. tal-Kopti nsibu ukoll l-1 u t-2 ittra ta' San Klement u l-Knejjes tal-Etjopja kellhom saħansitra 35 ktieb fil-lista tal-Ġ.T.

## Konklużjoni

F'dan l-istudju rajna mela li ktieb fil-kanoni huwa dak il-ktieb li l-Knisja tpoġġih mal-lista tal-Bibbja u li dan huwa ispirat minn Alla u huwa tassew il-Kelma t'Alla u li għandu valur kemm ta' fidi u morali: "Ommna l-Knisja Mqaddsa, b'fidi ġejja mill-Appostli, iżżomm bħala sagri u kanoniċi l-kotba kollha sħaħ sew tat-Testment il-Qadim kemm tat-Testment il-Ġdid, bil-partijiet kollha tagħhom, għaliex, miktubin bl-ispirazzjoni ta' l-Ispirtu s-Santu." (Dei Verbum, nru. 11).

***Biblijografija***


ALETT, J.-N., "*Le Canon des Écritures. Le Nouveau Testament*", in *Études* 349 (1978) 102-124.

CHILDS, B.S., *Introduction to the Old Testament as Scripture*, Philadelphia 1979.

CHILDS, B.S., *The New Testament as Canon*, Philadelphia 1985.

FRANK, J., *Der Sinn der Kanonbildung*, Freiburg 1971.

METZGER, B.M., *The Canon of the New Testament*, Oxford 1987.



**John Portelli Enterprises Ltd.**
**IATA ACCREDITED AGENT**

The Agent for all your Travel Needs!!

7, INDEPENDENCE SQUARE, VICTORIA VCT103, GOZO, MALTA
TEL: (356) 21561212 / 21561213 FAX: (356) 2156 0133
e-mail: tokk@johnportelli.travel.com.mt
108. ST. JOHN STREET, VALLETTA VLT10, MALTA
TEL: (356) 2124 7016 / 2123 5772 FAX: (356) 2124 7536
e-mail: sangwann@johnportelli.travel.com.mt

# MILL-KUNSILLI LOKALI TA' GħAWDEX

*Informazzjoni u Rapporti miġbura mis-Sindki tad-diversi Kunsilli Għawdxin*

# Ċentru Ċiviku fil-Qala - L-ewwel wieħed f'Għawdex

**Jikteb Paul Buttigieg, Sindku tal-Qala**

**Dik li darba kienet proposta, dak li darba kien suġġeriment, nhar it-18 ta' Novembru 2006 sar realtà. Kien ilu jinħass il-bżonn li nsibu post alternattiv sabiex iservi t'uffiċini tal-Kunsill Lokali. Mhux għax il-post li konna nużaw fil-Pjazza ma kienx sew! Altru li le. Biss ġejna mitluba sabiex insibu post li jkun aċċessibli għall-persuni b'diżabilità u peress li aħna entità governattiva l-aċċessibiltà kellha tkun prijorità.**

Iddiskutejniha kemm il-darba, ippruvajna naraw jekk insibux postijiet aċċessibli għall-anzjani u persuni b'diżabilità. Fl-aħħar ħarġet idea – għax ma nippruvawx nieħdu parti mill-iskola.

Tkellimt mal-perit tal-Kunsill Lokali s-Sur Edward Scerri, identifikajna l-parti t'isfel ta' l-iskola, tkellimt mal-Kunsill Skolastiku ta' l-iskola Primarja tal-Qala u dawn qablu ma' l-idea tagħna. Ktibna lid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni li wkoll taw l-approvazzjoni tagħhom sabiex il-parti ta' l-iskola tiġi f'idejn il-Kunsill Lokali.

Il-perit għamel l-ewwel pjanti, rajna li kien hemm ħafna wisa. Issuġġerejna li ndaħħlu l-Għassa tal-Pulizija, nirranġaw il-Berġa u nkabbru l-librerija tal-Komunità. U issa allura flok uffiċini tal-Kunsill Lokali l-proġett bdejna nsejħulu Ċentru Ċiviku, l-ewwel tax-xorta tiegħu f'Għawdex. Hawnhekk involvejna lill-Pulizija fejn offrejnilhom parti mill-area sabiex tintuża bħala Għassa tal-Pulizija. Iddiskutejna l-pjanti magħhom u bi qbil ġie deċiż li l-Għassa tal-Pulizija tiġi parti miċ-Ċentru Ċiviku.

Wara xhur sħaħ ta' diffikultajiet u problemi mal-MEPA nħarġu l-permessi neċessarji. Kien baqa pass ieħor. Ridna nitolbu lid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni jgħaddi l-area nvoluta lill-Kunsill Lokali. Erġajna sibna ftit intoppi oħra imma fl-aħħar wasalna u l-area ġiet devoluta lill-Kunsill Lokali Qala.

### *Ix-Xogħol*

Bdejna x-xogħol madwar sena ilu. It-*tender* tax-xogħol inħadmet kważi kollha kemm hi minn kuntratturi u





ħaddiema Qalin. Kull ħmistax, tlett gimgħat kont niltaqa' mal-Perit u l-kuntrattur: – f'għaxar xhur tridu tlestu x-xogħol rikjest u neċessarju.

Għamilna skeda u mxejna magħha. Il-problemi konna nanticipawhom. Ix-xogħol mexa u propju kif konna pprogrammajna fl-aħħar ta' Ġunju x-xogħol tlesta u l-uffiċini tal-Kunsill Lokali ġew trasferiti minn Pjazza San Ġużepp għal ħdejn l-iskola Primarja Qala.

It-trasferiment ta' l-Uffiċini kien jirrikjedi ħafna xogħol. Hawnhekk nixtieq nirringrazzja lis-segretarja tal-Kunsill Lokali Mrs. Marcia Borg għax-xogħol imwettaq sabiex irranġajna l-Uffiċini bl-aħjar mod possibli. Grazzi wkoll tmur għall-iskrivana tal-Kunsill Lokali Ms. Jennifer Theuma u l-ħaddiema tal-Kunsill Lokali.

## *Mini-pitch sintetiku*

Nhar il-Ġimgħa 1 ta' Settembru 2006, il-Kunsill Lokali Qala, inawgura proġett ta' *mini-pitch* bis-*synthetic turf* li sar fil-*ground* tal-*football* fl-*area* magħrufa Ta' Grunju viċin Ġnien il-Familja.

L-idea li jsir il-*mini-pitch* bis-*synthetic turf* nibtet propju f'Jannar ta' din is-sena fejn il-Qala St. Joseph F.C. bi ftehim mal-Kunsill Lokali Qala ffirmat kuntratt mal-Malta Football Association fejn ningħataw *sponsor* mill-UEFA u jiġi nstallat hekk imsejjaħ *Mini Jubilee mini-pitch*. Din l-inizjattiva tal-UEFA ġiet meħuda f'għeluq il-ħamsin sena mit-twaqqif tagħha u propju l-Qala għalkemm lokalità żgħira messitna x-xorti li ningħataw wieħed mid-diversi *mini-pitches* li ġew installati madwar l-Ewropa.

Nista' ngħid li l-Kunsill Lokali Qala qatt ma għaddielu minn moħħu li matul din is-sena kien ser jidħol għall-proġett simili. U x'ħin ġie l-Kumitat tal-Qala St. Joseph F.C. ikellimna dwar din il-proposta għalkemm mill-ewwel għoġbitna ridna naraw kif u minn fejn ser inġibu l-flus.

Nista' ngħid li apparti l-isponsor tal-UEFA sabiex ġie installat il-*Jubilee Mini-pitch* ridna noħorġu somma sostanzjali. Għamilna ftit revizjoni tal-*Budget* tal-Kunsill Lokali, tkellimna wkoll mal-Ministeru għal Għawdex u finalment sibna l-flus neċessarji sabiex il-*pitch* jiġi nstallat.

Ix-xogħol preliminari kif ukoll l-installazzjoni saret f'xahrejn. Hawnhekk ta' min wieħed jirringrazzja lill-ħaddiema tal-Kunsill Lokali tal-ħidma mwettqa sabiex dan il-proġett bżonjuż u utli għat-tfal, żgħażagħ u adulti jkun lest u jibda jintuża.



**STEDINA LIS-SINDKI KOLLHA TAL-KUNSILLI LOKALI F'GĦAWDEX**

Nilqgħu artikli u rapporti bir-ritratti fuq xi attivitajiet li saru jew proġetti ġodda li se jsiru fil-lokalità tagħkom. Ibagħtu r-rapporti *word processed* flimkien mar-ritratti fuq diskette jew CD lid-Direzzjoni tar-Rivista sa' l-aħħar tax-xahar jew bl-email lill-Gozo Press.


# RAYMOND CEFAI
## *TAL-KELBA LTD.*

- **BUILDING CONTRACTOR**
- **CRANE & GENERATOR HIRE**



**"RayRita", Triq it-Tempju, Qala, Gozo.**
**Tel: 2155 7847, 2156 2532 Mob: 9949 3169**

## XHIEDA NISRANIJA FL-ISTORJA TAL-KNISJA GĦAWDXIJA



# *Patri Ġużepp Portelli S.J. (1904-1986)*

## *4. Spirtu tassew missjunarju*

Li tkun missjunarju ma jfissirx li tmur minn post għall-ieħor iżda li timtela b'ħeġġa biex Kristu jiġi magħruf u maħbub. Anki Santa Tereża tal-Bambin Ġesù, mill-ħitan tal-kunvent saret il-patruna tal-missjonijiet.

F'Mejju ta' 1975 waqt li kien qiegħed fi żjara Malta mar iżur is-sitt neputijiet li kellu Toronto. Wara għamel riflessjoni fuq din l-esperjenza li fiha wera l-ispirtu missjunarju tiegħu. Kiteb: "Imdorri kemm fl għaks u l faqar u naħdem bħala Missjunarju fost nies foqra, kont inħossni bħal imdejjaq meta nara dik il-*high standard* tal-ħajja, dak il-ġid u dik il-prosperità bil-materjaliżmu li jġibu magħhom u dik il-ħela kbira li hemm kuljum ta' l-ikel u ta' ħwejjeġ oħra. Meta kienu jeħduni bil-karozza minn dawk it-triqat wisgħin u dritti u kollha mixgħulin meta tinżel ix-xemx qisha bħal jum ta' xi festa kbira hawn, kont nistħajjel nara u nisma' lil Kristu Sidna bħal wieħed fqajjar – kollu pjagi jurina lill-fqar ta' l-Indja u tad-dinja kollha u jgħidli f'qalbi: 'la tismax minn dak li jgħidulek niesek, qrabatek u ħbiebek biex tibqa' hawn jew ġo Malta għax issa ħdimt biżżejjed, imma mur u kompli l-missjoni tiegħek li jien kont fdajtlek u kompli għin dawk l-imsejkna nies li spiss lanqas għandhom x'jieklu u x'jilbsu sewwa' " (Lil Ħbiebna, Ottubru 1975, p.145).

Lejn l-aħħar żmien ta' ħajtu ħafna nies kienu tawh il-parir minħabba l-età biex jirtira f'Malta. Iżda huwa baqa' jinsisti li kellu jmur kif fil-fatt għamel. Lil dawk li tawh dan il-parir kien jgħidilhom: "Irid ma jkunx hemm post fl-ajruplan biex ma mmurx hemm". Kiteb fuq il-qawwa tal-preżenza tal-missjunarju: "Wara kollox anki meta wieħed missjunarju jkun inkapaċitat jew marid f'qiegħ ta' sodda, tkun biżżejjed il-preżenza tiegħu fost in-nies fejn il-Mulej kien bagħtu biex ikompli x-xogħol missjunarju li hu kien fdalu f'idejh" (Lil Ħbiebna, Diċembru 1975, p.185).

Dan juri kemm tassew kien kuntent bit-triq li kien qabad u li kemm kien tah sodisfazzjon minkejja li kellu jagħmel sagrifiċċji. Jesprimi din l-esperjenza: "Kieku kelli nerġa' nibda mill-ġdid ix-xogħol missjunarju tiegħi nindaħal għalih bla tlaqliq u b'ħeġġa akbar minn qabel u b'mezzi aħjar għax min jagħmel il-ġid lill-oħrajn, iħoss ruħu dejjem ferħan" (Lil Ħbiebna Ottubru, 1975, p.146).

Patri Ġużepp Portelli ma żammx l-ispirtu missjunarju għalih. Ried li aktar persuni speċjalment iż-żgħażagħ iħaddnu l-ideal missjunarju anki jekk ikunu lajċi.



Kiteb: "Ma nixtieq xejn iżjed issa ħlief li nara iktar u iktar żgħażagħ jiddedikaw ruħhom għas-servizz ta' l-Imgħallem Divin". Kien dejjem favur li persuni lajċi jagħmlu xogħol missjunarju almenu għall-ftit taż-żmien. Bħala superjur tal-missjoni kellu pjan li xi lajċi jmorru l-Indja biex jagħmlu xi xogħol ta' fejda. Iżda dan ma kienx irnexxa peress li ma kienx faċli li taqla' l-permess għall-viża.

L-eżempju ta' Patri Ġużepp Portelli għandu jgħinna biex kull fejn inkunu nrawmu kuxjenza missjunarju. Hemm kamp ta' ħidma barra mir-raħal tagħna u pajjiżna. Hawn persuni bla għadd li għadhom ma semgħux bi Kristu u li għandhom dritt ikunu jafu bil-Feddej tagħhom.

***Angelo Xuereb***

DM

# David's Bakery Caterers

**Il-Kwalità l-ewwel!**

Tixtieq li jkollok ikla jew *party* mill-aqwa? Tixtieq li jkollok tieġ li tibqa' tiftakar? Afda fl-esperjenza ta' **David Mercieca**! ĦOBŻ - PANINI - QAGĦAQ - PIZZA - PASTIZZI - KRUSTINI - PASTI - ĦELU. Tel: 2155 5655/9000 Mobile: 9945 8131




***Għat-Turkija***

Benedittu XVI se jżur it-Turkija mit-28 ta' Novembru sa l-1 ta' Diċembru li ġej, bi tweġiba għall-invit tal-President tar-Repubblika Turka, Ahmet Necdet Sezer. Iż-żjara tista' sservi ta' okkażjoni għal djalogu ċar u seren fir-rapporti bejn l-Islam u l-Kristjaneżmu. Il-Papa se jżur Smirne, Efesu (fejn għex San Pawl kif ukoll San Ġwann l-Evanġelista, akkumpanjat skond it-tradizzjoni mill-Madonna) u Istanbul, li hi l-antika Kostantinopli, fejn se jibqa' sa l-1 ta' Diċembru. B'dan il-mod, Benedittu XVI jilħaq l-iskop oriġinarju tal-vjaġġ: li jwieġeb għall-invit tal-Patrijarka ekumeniku Bartilmew I li jipparteċipa fil-festa ta' Sant'Andrija, il-patrun tal-Patrijarkat, li tiġi ċċelebrata fit-30 ta' Novembru. It-Turkija hi repubblika demokratika, lajka u kostituzzjonali, li s-sistema politika tagħha giet stabbilita fl-1923. B'aktar minn 70 miljun ruħ, 99% huma musulmani, il-biċċa l-kbira Sunniti. Il-Kattoliċi huma 0.05%.

***Sinodu ta' l-Isqfijiet***

L-ewwel Sinodu ta' l-Isqfijiet imsejjaħ minn Benedittu XVI se jsir fil-Vatikan mill-5 sas-26 ta' Ottubru 2008 bis-suġġett: "Il-Kelma ta' Alla fil-ħajja u fil-missjoni tal-Knisja". Is-Sinodu ta' l-Isqfijiet hu istituzzjoni permanenti deċiża mill-Papa Pawlu VI fil-15 ta' Settembru 1965 bi tweġiba għax-xewqa tal-Padri tal-Konċilju Vatikan II biex jinżamm ħaj l-ispirtu ġenwin ta' l-esperjenza tal-Konċilju.

***Ċelebrazzjonijiet kbar fl-2008***

Kien meħtieġ post li jista' jilqa' u jippermetti mobbiltà biżżejjed għal 600,000 persuna u ġiet magħżula r-*racecourse* ta' Randwick, f'Sydney, l-Awstralja biex tospita l-ġrajjiet li jwasslu fil-qofol tiegħu l-Jum Dinji taż-Żgħażagħ fl-2008 – il-laqgħa kbira ta' fidi u ta' festa tal-Papa maż-żgħażagħ tad-dinja kollha. Dan se jkun it-23 Jum Dinji taż-Żgħażagħ li se jiġi ċċelebrat għall-għaxar darba barra l-Italja. Il-motto magħżul hu: "Se jkollkom qawwa mill-Ispirtu S-Santu li se jinżel fuqkom u se tkunu xhieda għalija" (Atti 1,8). Il-qofol ta' l-appuntament se jkun il-velja ta' bil-lejl u l-quddiesa ta' l-għeluq li se jiċċelebra Benedittu XVI. Ir-*racecourse* ta' Randwick u s-*Centennial Park* fil-viċin (l-akbar tal-belt) huma l-ewwel postijiet ikkonfermati għaċ-ċelebrazzjoni tal-Jum Dinji li se jsir mill-15 sal-20 ta' Lulju 2008. Aktar informazzjoni fuq il-paġna uffiċjali http://www.wyd2008.org.

***Diffikultajiet fil-Pakistan***

Suor Pilar Vilasanjuán, missjunarja Spanjola f'Lahore (Pakistan) b'diffikulatjiet kbar, affermat li għall-minoranza nisranija "hu diffiċli tgħix". Is-soru talbet biex fil-Jum Missjunarju li sar, jingħabar fuq kollox "talb", li hu dak li għandhom bżonn il-missjunarji li jaħdmu f'pajjiżi musulmani. "L-insara hawn isofru ta' kuljum, u mhux minħabba l-ikel; għandhom ikel, imma huma mkeċċija mill-fabbriki għax huma nsara; hu orribbli, ma tistax tfisser", qalet, waqt li nsistiet fuq il-ħtieġa ta' "tolleranza" u ta' "reċiproċità". Is-soru wriet ruħha kritika fuq l-atteġġjament ta' l-Ewropa fil-konfront ta' l-Islam: "Fl-Ewropa ma jsostnuniex, isostnu l-Islam; imma aktar ma huma kkunsidrati huma hemmhekk, tant aktar iebsa huma magħna hawnhekk". Il-missjunarja kkumentat li waqt li fl-Ewropa jkomplu jibnu moskej, hija rat jaqgħu slaleb mill-knejjes kollha, "iridu li t-tempji tagħna jkollhom soqfa ċatti, bla slaleb, biex wieħed ma jindunax li huma knejjes". Hija nsistiet fuq il-bżonn tat-talb, għax, kif qalet, li tkun missjunarju llum f'ċerti artijiet hu riskju.

TA' KENUNA
Bar & Restaurant
*Specialising in fresh fish, pasta, pizza and local dishes at affordable prices*
Tel: 2156 3566
2155 1645
Mobile: 7955 1645
Triq it-Torri ta Kenuna
Nadur - Gozo.

A Whole New Look
Sharmain's Styling Salon
57,
St. Joseph Square
Zala, Gozo
Tel: 2156 6236

# Għawdxin li għadna niftakru - 37 Minn Pawlu Mizzi

# KETUTU

Ma konniex tfal ħżiena fi żmienna. Imma konna mqarba u kif bdejna nilbsu l-qalziet twil ħadd ma kien isibilna tarfna. U konna niġru u naqbżu parapetti! U nistaħbew wara purtieri tan-nies! Nilagħbu fit-triq! Marsalforn kollu, kullimkien, kien donnu tagħna. Ma konna nibżgħu minn ħadd! Kif, imma, kien jitfaċċa Ketutu konna ngħibu. Qisna rajna l-babaw.

Għaliex għadni sallum ma nafx.

Żgur li mhux għax kien goff jew kattiv. Anzi! Kien dħuli u twajjeb. U, ma nafx f'Marsalforn kienx hemm xi ħadd li kellu qalbu tajba bħalu. Kien, imma, iwerwirni!

Darba kif rajtu quddiemi nifsi waqafli.

Konna niżlin Marsalforn bil-bagħal ta' Majsi ta' Zahra. Konna mgħobbija sa ruħna. Mtierah, mejda, siggijiet, imkwadri. U barra dawn, aħna, ommi u xi sebat itfal, 'l hawn u 'l hemm f'nofshom. Kif dorna għall-port sibnih wara l-kantuniera b'idu merfugħa qisu San Pawl.

'*Ejqaf Mojs,*' għajjat. '*Ma tofx li ma tistox issowk fowk dinnaħħa!*' qallu. '*Aww, ktiġej karuzza ftejt belħajj tusta twaġġa!*'

Majsi ma kellmux. Kien jaf li qed jgħid sewwa. U Ketutu kien diġa sa jieħu ismu. Imma, it-tfal bdew jibku u waqaf.

'*Manħarkikx uw niħduk lasse,*' qallu, '*ax andik ittfol. Mawr ew addej fowk el ġenb liħur!*'

'Ħlisniha!' għedt f'qalbi.

Darb'oħra ġie jħabbat id-dar bil-lejl.

'*Riġejn,*' qallha 'l ommi kif bexxqet il-bieb. '*Antkim iddawl tallampa jidir mittika. Dok minn Skallije jarawħ u jistew jaħsbewħ el militor!*'

U darb'oħra naraħ b'lapes u karta jilletika mas-seftura ta' ħdejna. Kienet qed taqla' n-naxra minn fuq perċa li kienet rabtet bejn sigra u oħra fit-talgħa tal-Qbajjar.

'*Ma tofx li ma tistox iddendil pavaljunoj bla permess!*' qallha bid-daħka. Daħket hi ukoll u kompliet taqlagħhom.

'*Manħarkikx,*' qallha, '*ax ktajtloj nifsej ġej naġġil minn emm isfil!*'

U qabel qalgħet l-aħħar biċċa kien diġa tewa l-karta u tafagħha bil-lapes b'kollox fil-but tal-ġakketta.

Dan kien il-Ketutu li konna naħarbu. Fil-veru sens tal-kelma kien iġiegħelna nagħmlu taħtna. Minkejja li qatt ma għamlilna xejn. Konna, imma, naħsbu li sata' jigżana. U kif narawh ġej konna naħarbuh. L-aktar meta konna nkunu nilagħbu gwerra. U min imur 'l hawn u min 'l hemm.

Dik kienet l-aħħar sena tal-gwerra. Marsalforn kien għadu mimli refuġjati Maltin u meta mort is-Seminarju sibt ħafna minnhom miegħi. Johnnie Anastasi, Tufigno, Garrone, Perrone, Pawlu Farrugia u ma nafx kemm oħrajn. Kienu kollha tal-kumpanija ta' kontra tagħna u billi ma kenux midħla tad-dixxiplina tas-seminarju bħal kienu ħadu r-riħ u bdew jinbxu.

Darba, ftit wara li bdejna l-iskola, daħlu fil-klassi mal-



ministru Dun Kelment żewġ viżitaturi barranin, mara u raġel. Il-mara ngħid li xi sinjora ta' Malta: ġakketta bajda bil-frilli u kappell iswed, kbir u tond, mitfugħ fuq għajnejha. U r-raġel kien ta'xi riġment Ingliż, bl-uniformi: beritta blu tal-pizz b'faxxa ħamra fin-nofs u b'arma tar-riġment fuqha, ġakketta u qalziet tal-kakì, u ma nafx kemm galluni fuq spallejh u medalji fuq sidru.

Kif daħlu qomna. U, wara li taw daqqa t'għajn madwarhom u spezzjonaw iċ-ċaċċisi tal-bibien, il-mara niżżlet xi noti fin-*note-book* tagħha, u kienu sa jitilqu meta l-fizzjal qabad ikellem lil dawk fl-ewwel bank.

Waqt dal-ħin kollu jien ma qlajtx għajnejja minn fuqu dal-fizzjal. Kien qisu wieħed minn dawk is-suldati taċ-ċomb li kont nixtri mingħand ta' Kuzzitu. U ridt inxebbħu ma' xi wieħed li kelli fil-kollezzjoni. Kif wasal ħdejja u rani skantat inħares lejh tbissem u qalli : 'Trid issir bħali?'

Ħasadni u għidtlu: 'Le! Jien pulizija rrid insir!'

U kullħadd infaqa' jidħak.

Jien bħal inksirt u bqajt inħares lejh bla ma għedt kelma oħra. Imbagħad taptapli fuq spallti u qalli: '*Good! Good! Keep it up*'.

U ħarġu.

Kif ħarġu, imma, is-ser tal-*mathematics* li kien magħna qalli: 'Dan x'fettillek tgħidilhom li trid issir pulizija?'

Ma kontx naf x'sa ngħidlu. Imbagħad baxxejt rasi u għidtlu: 'Minħabba f'dawk!'

'Dawk min?' staqsieni jidħak.

'Dawk!' komplejt ngħidlu. 'Mhux huma dejjem imqabbdin miegħi!'

U reġa' staqsieni: 'Imma, għax pulizija?'

'Bħal Ketutu!' Għidtlu. 'Għax ħa ngħidlek ...'

Lanqas ħallieni nispiċċa.

'Imbagħad bħal Ketutu!' qalli kważi b'ton ta'disprezz.

'U għaliex bħal Ketutu?' staqsieni.

Ma weġibtx!

'U fejn tafu int lil Ketutu?' kompla staqsieni.

'Marsalforn!' kont pront weġibtu biex ma jkomplix jistaqsi.

Donnu kien jistenniha dik it-tweġiba. Inġibed lura, U baqa', ma nafx għal kemm wara, imaxtar il-kelma u b'rasu tiela' u nieżla donnu jrid jiftakar f'xi ħaġa!

Kien midħla sewwa ta' Marsalforn das-ser. Tal-port l-iktar. Min jaf kemm stejjer kien sama' fuq dan Ketutu fid-dawra quddiem il-Baxan! Imbagħad semmieli lil tas-sinjura Fonz u liż-żewġ nisa xjuħ ta' Caruana. U qalli l-istorja ta' kif huhom kien qed itajjar il-ħamiema fuq il-bejt u hu u miexi lura, waqa' għal isfel u miet!

'Naf,naf,' għidtlu, 'jgħiduli kemm għamel Ketutu magħhom! Minkejja li kien għadu lavrant zgħir ma' mastrudaxxa!'

Imbagħad fehem għaliex bħal Ketutu.

Tassew dan Ketutu kien għalija l-pulizija mudell. Ma kienx il-liġi bħalma kienu jippretendu li huma oħrajn minn sħabu. Dawk li meta jilbsu l-uniformi mingħalihom saru rejiet ta' Franza. Uħud kienu tassew bla qalb. Niftakar fihom nitqalla'. U jibda jaħbat ma' moħħi Salvu idur it-toroq b'ingassa f'idu. U nisma' l-inwigħ ta' xi kelb jissara biex jeħles mill-irbit tal-ħabel m'għonqu!

Ketutu kien twajjeb, miġjub minn kulħadd. Anke mill-istess superjuri tiegħu. Kull surġent fl-Għassa kien iħobbu. Is-surġent Galea ta' Sannat, ta' Fittet, il-maġġur ta' Bendu. Anke De Piru u s-supretendent Bencini. Għax fabbli u jaf imur man-nies. Anke jekk xi darba kontra qalbu kien jeħtieġlu jagħmel xi ċitazzjoni.

Forsi, għax twajjeb, qalgħuhielu Ketutu. Hekk qaluli li tfisser bl-isqalli jgħiduha għal min hu ġwejjed. Ma naħlifx, imma. Jista' jkun li hu *pet-name* ta' xi ġenitur tiegħu. F'xi rħula ġie li tiltaqa' ma' dal-laqam. F'Ħad Dingli, per eżempju, hemm 'ta' Catuta'. Id-dar, imma, jagħjtulu b'ismu, Karmnu. U, fuq ix-xogħol b'kunjumu, Bezzina. Jew kontistabbli 292.

Darba kien qed jarana nilagħbu bixkla għand tal-Baxan u staqsejtu għaliex id-dar jagħjtulu mod u fuq ix-xogħol mod ieħor.

'*Ħekk! naħsip bix ma jibdlunejx ma Ġurġoj el leloj!*' Serju serju weġibni bla ma ħares lejja.

Qasam lil kullħadd bid-daħk.

Ngħid is-sewwa, meta kont iżgħar, kelli tassew ix-xewqa li nsir pulizjija. Kif tnisslet dil-ħajra fija ma nafx. Jista' jkun mill-ġirien billi kont nara ta' spiss l-maġġur ta' Lonz, Ġorġ tal-Kaċċatur, u s-surġent taċ-Ċavett. Kienu jnissluli suġġizzjoni! U biex aktar irrabbi ammirazzjoni lejhom anke uħud minn sħabi saru pulizija. Ma ninsiehx lil Kikku ta' Botu. Konna ħbieb u konna t-tnejn niktbu għat-*Times*. Kikku, imbagħad, sar spettur. U jien, għax ma kontx inġib mit-tul, ma daħħlunix.

Ketutu, imma, ma ħarigx minn moħħi. Għalija kien lil hemm mill-Korp tal-Pulizija. Nidħak niftakar! Sa żmienu kienu għadhom jimxu mal- *Laws and Regulation of Police for the island of Malta and its Dependencies* tal-1854. F'waħda minn ta' l-ewwel kien hemm li: 'It is prohibited to disfigure, rub out or destroy the names of the streets without the permission of the Police, or to paint thereon a name different from that prescribed by the Police.'

Mur ġibu l-Gvernatur Reid jara t-taħwid fl-ismijiet tat-toroq illum! Żgur li Ketutu wieħed ma kienx ikun biżżejjed biex jipperswadi lis-sinjuri tal-Kumitat tat-Toroq li Fomm il-Ġir mhix Forn il-Ġir, li Fuq it-Tomba mhix Pjazza Santu Wistin, li Taħt ta' Putirjal mhux Triq Putirjal, u li l-*mahdia* mhix mogħdija.

Ketutu ma kienx xi Pascal. Il-filosofija tiegħu dwar il-ħajja, imma, ma kenitx ħafna 'l bogħod. Ma kienx jgħaddi ġurnata bla ma jidħak jew jagħmel xi ċajta. Għalih il-pulizija kien raġel ieħor. U bħal kull raġel ieħor ma kellux jkun differenti min-nies oħra. Minkejja li l-ħajja għal kulħadd kienet kollha nżul u tlajja'.

L-aħħar darba li rajtu kien bil-qasab ġej mill-menqa. Kellu t-tifel miegħu. Ma kien, imma, qabad xejn ħlief kaħlija waħda. Mortifikazzjoni għalih! L-iktar għax sħabu kif jgħaddi minn fejn l-Għassa itertquh bil-botti. U bis-sinjuri avukati u maġistrati magħhom, kienu fil-veru sens tal-kelma jgħadduh ġuri.

'*Ussa tiftehx ħalkuk!*' qallu lit-tifel. '*Dawn ġridin. Jixurbowk kejf tejt kilme! U jaddewk ġuroj!*'

'X'għamilna Ketutu?' beda l-manifku.

'*Ma tofx,*' wieġbu Ketutu. '*Billejl dejjim aħjor.*' U serju serju kompla jgħidlu: '*U wara eċċent telmenka tlaqqat dejjim xe ħaġe!*'

U biex iħajru jemmnu u jurih li tassew qabad qabda ħut sew, tellagħlu l-kaħlija minn rasha.

'Sabiħa ħej!' qallu l-manifku jberraq għajnejh.

U Ketutu tafa' l-kaħlija fil-ġewlaq u reġa' tellagħha minn denbha.

'Sabiħa ukoll!' reġa' qallu l-manifku.

U Ketutu reġa' tefagħha u reġa' tellagħha għal ma nafx kemm-il darba, daqqa minn rasha u daqqa minn sieqha.

'*Ejjejt entalla waħde al waħde!*' qallu Ketutu.

Il-manifku mmuta.

U Ketutu baqa' sejjer kwiet kwiet lejn id-dar bit-tifel ikaxkar warajh bil-ġewlaq u l-landa ta' l-għalf. Ma laħaqx, imma, wasal fil-bieb li fil-ftit dawl li kien hemm fit-triq ma lemaħx lill-manifku bil-qasba fuq spalltu sejjer lejn wara ċ-ċint tal-menqa.

'*Ket tura,*' qal lit-tifel, '*be ftejt ħsip, mol ġridin ukill, tamil el ħbip!*'


**BOGI AUTO LTD**

■ Spare Parts
■ Batteries
■ Accessories

J.F. Kennedy Square, Victoria VCT 111, Gozo
Tel: 2155 1070 Fax: 2156 3073

Kummentarju (2)



# Għawdex.... x'futur?

minn FRANCO MASINI

**Għadna kif iċċelebrajna l-anniversarju ta' wieħed mill-aqwa Għawdxin li qatt taw servizz lil Għawdex, l-Arċipriet Saver Cassar. Lanqas kienu għadhom tbielu l-kuruni f'riġlejn il-monument tiegħu fit-Tokk meta ġriet l-aħbar kerha li s-servizz tal-*helicopter* bejn Malta u Għawdex kien ser jieqaf, kif fil-fatt ġara. Dan huwa d-destin ta' Għawdex li daqqa sejjer 'il hawn u daqqa 'l hemm. Mill-ewwel titfaċċa l-mistoqsija, kemm nistgħu aħna ninfluwenzaw il-futur ta' gżiritna? U l-mistoqsija mhux inqas importanti, min għandu s-setgħa li jgħin biex jagħġen il-futur ta' Għawdex?**

Jien dejjem sħaqt li d-destin ta' Għawdex huwa f'idejn l-Għawdxin. Jekk iridu għandhom il-qawwa li jiddeterminaw il-futur ta' gżirithom. Kull ma jonqoshom hija r-rieda. Dak li dari konna nsejħulu patrijottiżmu, mhux fis-sens nazzjonali, iżda fi sfond reġjonali, jiddispjaċini ngħid ma għadux quddiem nett fuq l-aġenda ta' l-Għawdxin. Dik l-ambizzjoni, il-ħerqa, ir-rieda li naraw lil Għawdex miexi 'l quddiem ftit li xejn għadek issibha. Dana forsi tort tal-progress li sar ma' tul is-snin, jew forsi minħabba li ħafna nies huma maħkuma mill-egoiżmu.





Iżda l-fatt jibqa li l-għajta favur Għawdex ftit issib riżonanza ma' ħafna mill-Għawdxin. Naraw ir-riżultat ta' dan meta fost il-progress li sar ma' tul is-snin li għaddew jibda jitnaqqar dan l-istess progress. Issa nitilfu s-servizz tal-*helicopter*, mbagħad niftakru li darba kellna biċċerija, kellna r-reġistri tal-Atti Notarili Għawdxin f'Għawdex stess, kellna servizz veloċi tal-baħar, Għawdex kien distrett elettorali għalih u affarijiet oħra li biż-żmien spiċċaw, u tiskanta kif ftit jiftħu ħalqhom biex jipprotestaw u biex jitħabtu biex dak li kien ta' Għawdex u spiċċa jerġa jiġi riattivat. Letarġija li jekk tibqa' tirrenja tfisser li dak li Għawdex akkwista b'tant sagrifiċċji u taħbit jibqa' jdub u fl-aħħar hemm il-periklu li anke jogħsfor darba għal dejjem.

Għaliex f'Għawdex il-progress li jsir irid ikun wieħed sostenibbli. Ikun sostnut bil-ħidma sfieqa, kontinwa u determinata ta' l-Għawdxin. B'ħames membri fil-Parlament, waħda minnhom Ministru, wieħed kien jistenna li t-tnaqqir tal-progress ma kienx jitħalla jsir.

Illum jeżistu strutturi li jagħmluha possibbli li dan il-progress ikun sostnut u mkattar. Illum, kontrarjament għal meta wieħed kellu bilfors jitħabat kontra l-mewġ, Għawdex għandu Ministeru għalih li ġie aċċettat mill-partiti politiċi kollha. Dan ifisser li Għawdex għandu postu fil-Kabinett tal-Ministri. Leħnu jasal sal-ogħla organu tal-istat. Dan ifisser illi l-Ministru għal Għawdex b'postha fil-Kabinett ma għandhiex bżonn tinkina







## GĦAWDEX FIL-BUDGET 2007

*Proġetti Ġodda*

- Lm9 miljuni għal proġetti kapitali fosthom Villa Rundle, Ġgantija, ix-xtajta qrib il-Port ta' l-Imġarr
- Lm3 miljuni oħra għall-bini ta' skola ġdida f'Victoria
- Lm3.3 miljun għall-impjant tat-tisfija tad-drenaġġ
- Lm 825,000 għal skemi ta' għajnuna lill-industrija f'Għawdex.
- Tnaqqis ta' 25% fir-rati tal-liċenzji turistiċi għall-Għawdxin
- Aktar xogħol ta' *back office* f'Għawdex
- Proġett ta' rbit għal *cruise liners* f'Għawdex
- Aktar bini ta' toroq residenzjali
- Aktar bini ta' toroq arterjali, it-Triq tax-Xlendi, it-Triq tar-Ramla u t-Triq Ta' Pinu
- Riabilitazzjoni tal-miżbla tal-Qortin
- *Radiology Unit* ġdid fl-isptar ta' Għawdex
- Teatru ta' l-operazzjonijiet ġdid fl-isptar ta' Għawdex

quddiem ħadd. Ma għandhiex iktar is-sura ta'tallaba biex tiġbor għal Għawdex xi ftit mill-frak li jaqa' taħt il-mejda. Illum jekk hemm gelgul ta' flus ġejjin mill-Unjoni Ewropea, Għawdex ikollu s-sehem tiegħu, kif fil-fatt ġara. Barra minn hekk bi spirtu awtentiku ta' sussidjarjetà l-Kunsilli Lokali ta' Għawdex jakkwistaw mhux biss il-finanzi, iżda iktar importanti jwettqu l-bżonnijiet ta' l-lokalitajiet kollha ta' Għawdex mill-kbir sal-iċken waħda. Allura b'dawn l-istrutturi qegħdin hemm f'posthom, kif jista' Għawdex ma jiħux dak li ħaqqu?!

It-tweġiba hija f'idejn l-Għawdxin. Jekk verament iħobbu l-gżira tagħhom, jekk għandhom ir-rieda qawwija Għawdex ikompli jistagħna. Din ir-rieda għandhom il-mezz biex jesprimuha. Mhux biss meta tasal l-elezzjoni, iżda kuljum billi jgħollu leħinhom, jitolbu dak li hu tagħhom. Jiena ċert li anke l-awtoritajiet nazzjonali lesti biex jgħinu. Laqtitni ħafna l-espressjoni tal-Prim Ministru fid-diskors tal-*Budget* li Għawdex huwa ta' valur għal Malta. Din hija ħaġa li ilna ngħidu speċjalment lil dawk li jaħsbu li l-investimenti li jsiru f'Għawdex jonqsu mill-investimenti li jsiru f'Malta.

Fl-opinjoni tiegħi l-futur ta' Għawdex huwa wieħed promettenti ħafna. L-investimenti infrastrutturali li tħabbru fil-*Budget* għas-sena d-dieħla jawguraw progress kbir għal Għawdex. Iżda biex dan jitwettaq hemm bżonn li dak li huwa vvotat fil-fatt isir. Importanti ħafna li kulħadd jagħti s-sehem tiegħu. Hemm bżonn li dak li huwa mwiegħed ma jibqax biss fuq il-karta. Irridu nkunu viġilanti biex il-vot ta' kważi Lm29miljun li qed jiġu vvutati jintefqu u ma nħalluhomx itiru mar-riħ. Dana jpoġġi piż kbir fuq il-Ministeru ta' Għawdex li jrid jiddedika ruħu bil-kbir biex jara li jitwettaq kif meħtieġ il-programm kif imniżżel fl-istess *Budget*.

L-Għawdxin iridu jkunu għalenija fir-rieda tagħhom li jaraw lil gżirithom miexja 'l quddiem. Iridu fuq kollox jissagrifikaw l-egoiżmu tagħhom biex il-kawża komuni ta' Għawdex miexi fil-progress issir realtà. Kulħadd ikollu bżonn xi pjaċir 'il hawn jew 'il hemm, iżda l-progress ta' Għawdex għandu jiżboq kull bżonn individwali. Għaliex wara kollox jekk ikompli jsir il-progress f'Għawdex igawdi kulħadd.

Rainbow Paints
*Shaun Debono* Tel: (00356) 21 554131
Fortunato Mizzi Str. Fax: (00356) 21 554131
Victoria, Gozo. Mob: 9947 2246
E-Mail: mirsha@vol.net.mt

GĦANDEK IL-BEJT
QED JOQTOR?
TKOMPLIX TONFOQ FLUS
F'TISWIJA LI MA SSERVIKX!
...ĦALLI F'IDEJN
GREZZJU BONELLO
**Jiġi jagħtik stima b'xejn**
"GrezJos", Triq Filfla, Għajnsielem.
Tel: **2155 7694** Mob: **9946 9102**




# L-Istorja Soċjali tal-Mediċina

*miġbura minn Dr. Mario Saliba*

***(IT-TMIEN PARTI)***

Moviment ieħor kien dak li huwa bbażat fuq il-moviment tal-ilma jew l-**idroterapija**. Din hija t-terapija ta' l-ilma li kien oriġinaha l-Awstrijak **Vincent Preissnitz** (1799 – 1852). Dan ovjament kien jemmen bil-qawwa tal-purita' u l-moviment tal-ilma. Huwa waqqaf numru ta' pixxini jew *spas* li għadhom popolari sallum fil-pajjiżi ta' l-Ewropa tal-Lvant. Is-saħħa hija kundizzjoni normali tal-ġisem; il-mard jiġi meta fil-ġisem tidħol materja minn barra li tikkontamina lill-ġisem. L-ilma skond Preissnitz inaddaf dawn it-tossiċi u jfejjaq lill-bniedem mill-mard. Iżda t-tajba hi li dak iż-żmien kien hemm min jemmen li dan jista' jsir permezz ta' doċċa kiesħa! Minkejja dan, l-idroterapija kompliet tkun żvilupata u għadha tintuża sallum għal-diversi kundizzjonijiet.

Biż-żmien inħolqu diversi setet li kienu jippretendu xi forma ta' kura b'użu ta' xi ħaġa. Fl-Amerika **Samuel A. Thomson** ivvinta numru ta' terapiji veġitali. L-iktar waħda favorita tiegħu kienet magħmulha mill-pjanta *Lobelia inflata* li ż-żerriegħa tagħha kienu jikkaġunaw rimettar u ħafna ħruġ ta' għaraq. Dan il-metodu ta' 'kura' kien impurtat fl-Ingilterra minn **Alfred Isaiah Coffin** li kien iġib l-ittri 'Dr' qabel ismu mingħajr ma kien tabib u li kunjomu ma tantx kien jawgura fejqan!

Nistgħu nsemmu f'din il-katerogija tipi oħrajn ta' terapiji fosthom l-*osteopatija* li kienet bdiet tintuża fl-Amerika minn **Andrew Taylor Still** fl-1874. Huwa kien jemmen li permezz ta' messaġġi l-ġisem kapaċi jfejjaq lil nnifsu. Fuq l-istess eżempju mexa **Daniel David Palmer** li fl-1895 introduċa il-*kiropractis.* Permezz ta' manipulazzjoni ta' ġogi speċjalment tad-dahar u tal-għonq dan kien iserraħ lill-klijenti tiegħu mill-uġigħ tad-dahar u tal-għonq. Għalkemm dawn il-metodi għadhom prattikati sallum il-mediċina taċċettahom għal ċerti kundizzjonijiet u b'mod limitat.

Minkejja dan xorta hawn nies li jipprovaw japprofittaw ruħhom mill-mard tal-oħrajn. Illum irridu noqogħdu attenti minn ċerti persuni li jagħmluha ta' esperti ta' dik il-ħaġa jew oħra. Hawn ukoll diversi setet li jdaħħlu r-reliġjon fin-nofs u jekk wieħed jaqa' taħt l-influwenza tagħhom jista' jkollu konsegwenzi koroh fuq saħħtu kemm psikoloġikament kif ukoll fiżikament. Dawn is-setet jipprattikaw il-qima lejn in-natura u jemmnu fil-qawwa jew enerġija li hemm madwarna li kapaċi tfejjaq lill-bniedem minn kull tip ta' mard li għandu. Għalhekk dawn huma setet perikolużi ħafna u wieħed irid joqgħod attent ħafna minnhom għax ħafna drabi jinfiltraw taħt forma ta' *mediċina alternattiva* imma din ma tkun xejn ħlief *mediċina irregulari.* Fl-aħħar tas-seklu 20 kienu jeżistu iktar '*tobba' irregulari* ta' dan it-tip milli tobba konvenzjonali reġistrati ma' l-awtorita' li tirregola l-prattika tal-mediċina. Fl-Amerika biss kien hemm 425 miljun prattikant tal-mediċina alternattiva ħdejn 388 miljun tabib normali.

## In-Nisa u l-Mediċina

Sa minn żmien il-Greċja tal-qedem il-prattika tal-mediċina kienet iddominata mir-raġel. In-nisa kienu jidħlu biss biex jieħdu ħsieb il-marid u iktar wara bħala qwiebel. Sas-seklu 19 kienu totalment esklużi milli jistudjaw għal tobba. Dan naturalment kien dovut ukoll mill-fatt li sa dak iż-żmien post tal-mara kien id-dar tieħu ħsieb il-familja u l-edukazzjoni terzjarja ma kenitx teżisti għall-mara.



L-ewwel mara tabiba kienet Elizabeth Blackwell li ggradwat ta' tabib fi New York mill-Geneva Medical School fl-1849 bl-unuri kollha, tant li ġiet l-ewwel fil-kors. Blackwell kienet mara ta' ħila u viżjoni. Hija kienet temmen li l-mara hija aqwa mir-raġel biex tikkura lill-marid. Għalhekk waqqfet infermerija fi New York u fl-1857 waqqfet l-ewwel unjin tan-nersis.



L-ewwel tabiba mara fl-Ingilterra kien jisimha Elizabeth ukoll u kunjomha Garrett. Għall-ewwel ma tawhiex permess biex tistudja għal tabiba u għalhekk kellha ssib xaqq fil-liġi biex tkun tista' tidħol, jekk mhux mill-bieb, mit-tieqa. Minħabba f'hekk kellha tistudja għal spiżjara u wara marret Pariġi fejn saret tabiba.

Fi żmien 5 snin stabbiliet klijentela tajba ħafna. Din ukoll fetħet infermerija u biex tkompli ssaħħaħ il-pożizzjoni tagħha żżewġet lis-sinjur James Anderson. Bil-għajnuna influwenti ta' żewġha hija kienet strumentali biex titwaqqaf l-Iskola Medika għan-Nisa f'Londra u hekk mhux talli hi stess għamlet suċċess imma għenet biex in-nisa ikollhom l-istess drittijiet bħall-irġiel.

Wara s-suċċess ta' Garrett in-nisa kisbu d-dritt għat-tagħlim kullimkien. Fil-Ġermanja biss kien hemm ċertu reżistenza u kien fil-bidu tas-seklu 20 li n-nisa bdew jingħataw iċ-ċans ukoll. Fl-Amerika kien wara t-Tieni Gwerra Dinjija li universitajiet magħrufa bħal Havard u Yale fetħu l bibien tagħhom għal studenti nisa. Sal 1976, 20 fil-mija ta' l-istudenti tal-mediċina fl-Ingilterra kienu nisa u sal-1996 iktar minn nofshom kienu nisa. Illum din hija sitwazzjoni normali tista' tgħid f'kull pajjiż inkluż hawn Malta.

## L-Anatomija: l-Istudju tal- ġisem tal-bniedem

Għal nisrani l-ġisem minn dejjem kien xi ħaġa sagra, anzi huwa Tempju ta' l-Ispirtu s-Santu, għalhekk irridu nuruh qima. Dan huwa rifless b'mod speċjali fir-rit tal-funerali fejn infakkru l-passaġġ tagħna minn "dan il-wied ta' dmugħ" għall-ħajja ta' dejjem.

L-Eġizzjani tal-qedem kienu jippruvaw jikkonservaw il-ġisem mejjet permezz ta' l-ibbalzmar. Huma tant kienu perfetti f'din is-sengħa li l-mumji ta' dak iż-żmien għadhom kif kienu eluf ta' snin ilu.



Il-prattika li l-katavri jitqattgħu biex ikunu studjati minn tobba ma kienx faċli li tiddaħħal u l-istudju ta' l-anatomija dam ma' daħal fil-mediċina. Din il-prattika kif rajna ma kenitx parti mis-sistema ta' Ippokrate u lanqas kienet prattika użata fl-Indja u ċ-Cina. L-ewwel tabib li beda jistudja direttament fuq il-katavri kien Herophilus (c.330 – 260 qK). Nafu żgur li kien jaqsam il-katavri fil-pubbliku u kien ġa sab il-glandola tal-irġiel jew il-prostita u dik l-parti ta' l-imsaren imsejħa *duodenum* (kelma Griega li tfisser 12-il saba', li huwa t-tul ta' din il-parti tal-musrana). Herophilus kien l-ewwel wieħed li qal li l-arterji huma mimlijin bid-demm u mhux bl-arja kif kienu jaħsbu qabel! Imma l-ikbar skoperta tiegħu kienet meta wera n-nervituri tal-ġisem u wera li dawn joriġinaw mill-moħħ u jmorru f'kull parti tal-ġisem. (Qabel kienu jemmnu li ċ-ċentru ta' l-intelliġenza qiegħed fir-ruħ li tinsab x'imkien ħdejn il-qalb). Kontemporanji ta' Herophilus bħal Erasistrats u Galen kienu jesperimentaw u jistudjaw fuq l-annimali ukoll. Għalhekk huma ndunaw li l-ġisem tal-bniedem mhux eżatt bħal tal-annimali.

Fid-dinja Islamika l-ġisem tal-bniedem mejjet kien mħares ukoll minn kull forma ta' studju u t-tobba ma setgħux jużaw katavri. Il-Vatikan ukoll kien ħaseb biex wara ħafna snin ta' ċaħda, ta permessi biex jintużaw il-katavri. Il-Papa Sixtus IV (1471 – 1484) kien ħareġ digriet fejn qal li iġsma ta' kriminali jistgħu jintużaw għal studju basta wara jingħataw difna kristjana. Minkejja dan, il-prattika ma kenitx popolari u fl-Ingilterra l-Att dwar l-Anatomija jew l-Istudju tal-ġisem kien ippubblikat fl-1832 minħabba n-numru ta' ħallelin li kienu jisirqu l-iġsma mill-oqbra. Illum nafu li l-istudju ta' l-anatomija huwa l-bażi li fuqu l-tobba jitgħallmu fuq il-mard.

L-ewwel dimostrazzjoni ta' katavru fil-pubbliku bit-tobba mdawrin miegħu saret f'Bolonja għall-ħabta tas-sena 1315 minn Mondino de'Luzzi (1270 – 1326). Dan kien kiteb ktieb dwar l-anotomija jismu *"Anotomia Mundini"* li baqa' l-ktieb ewlieni fuq dan is-suġġett għal numru ta' snin. Wara li Mondino wera t-triq, l-istudju ta' l-anotomija beda jiddaħħal fl-iskejjel tal-mediċina u minn Bolonja beda jinfirex madwar l Italja kollha. Artisti bħal Leonardo da Vinci (1452 1519) li huwa l-aqwa xjentist, inventur u artist, kienu interessati ukoll jistudjaw il-ġisem tal-bniedem. Irridu ngħidu li minkejja dan f'pajjiżi oħrajn bħall-Ingilterra u l-Ġermanja l-istudju ta' l-anatomija ma bediex qabel l-1550. L-iktar anatomista influwenti kien Andreas Vesalius (1514 -64) li twieled Brussel, iben ta' spiżjar u studja f'Pariġi u Padua minn fejn huwa ggradwa ta' tabib fl-1537. Ftit wara huwa sar professur u fl-1543 ippubblika l-ktieb monumentali tiegħu *De Fabrica Corporis Humani* (Dwar kif inhu mibni l-ġisem tal-bniedem).

Vesalius ikkoreġa l-iżbalji ta' Galen u oħrajn billi wera permezz ta' dimostrazzjonijiet fuq katavri l-iżbalji tagħhom. Vesalius waqqaf l-istudju ta' l-anatomija fuq sisien sodi u baqa' l-awtorità assoluta għal numru ta' snin. Mill-klassijiet ta' Vesalius ħarġu anatomisti oħrajn bħal Galriele Fallopio u Bartolommeo Eustachio li t-tnejn huma magħrufa għax partijiet mill-ġisem tal-bniedem huma msemmijin għalihom: hekk għandna t-tubi ta' Fallopio li huma t-tubi li jgħaqqdu l-għanqut tal-bajd ma l-utru tal-mara u t-tubu ta' Eustachio li huwa tubu li jgħaqqad il-gerżuma mal-widna tan-nofs.

*(jissokta)*

Xerri l-Bukkett

Bar
Restaurant Pizzeria
Dine while enjoying the best view in the Maltese islands
Triq iż-Żewwieqa Qala
Tel. 21553500

# ĦOLM IL-ĦAJJA



*Pariri lill-Adolexxenti minn MARY PULI*

## NAĦSBU GĦALL-MILIED!

### 1 *Storja*

Omm kien baqagħlha ġuvni magħha, kien joħroġ ma' sħabu iżda ma kienx jittardja wisq għax ommu kienet tibqa' tistennieh jasal lura. Kien lejlet il-Milied u ħareġ ma' ħbiebu. Għal kuntrarju din id-darba ttardja sewwa, u ommu ħassitha ser tiġġennen. Skuża ruħu u qalilha l-ġrajja kollha. Qalilha li fejn kien hu, kien hemm grupp ġuvintur u tfajliet, jieklu u jixorbu. Wieħed minnhom illarga għal ftit hin u ħalla t-tazza tal-luminata warajh. Waħda mit-tfajliet, biex iddaħħaq, tefgħetlu niskata trab fit-tazza. L-imsejken, meta mar lura, xorob li kien baqagħlu fit-tazza. Malli għaddew ftit minuti, beda jaqleb għajnejh, bdiet ħierġa ragħwa minn ħalqu u malli qam stabat ma' l-art. Sħabu beżgħu biċ-ċajta goffa li għamlulu. Ma kienx hemm x'tagħmel!

Il-ġuvni refgħu mill-art u ħadu d-dar bil-karozza tiegħu. Ħabbat u ħalla lill-ġuvnot wara l-bieb tad-dar t'ommu. Biċ-ċajta goffa li għamlulu, ma ħallewhx jibqa' jieħu gost, minbarra li nkwieta ħafna lil tal-familja, għax kienu żguri li la kien jixrob alkoħol u lanqas jieħu droga. Il-ġuvnott ma setax jagħtihom spjegazzjoni għax lanqas hu stess ma kien jaf kif ġralu hekk. Dan il-fatt qalithuli ommu stess meta kont qed nistenna fil-kju għand it-tabib.

Fil-Milied, tradizzjonalment, in-nies tiekol u tixrob iżżejjed u meta tkun fil-kumpanija ta' oħrajn, issibha iebsa ħafna biex tikkontrolla lilha nnifisha. Infatti meta nintiżnu wara l-istaġun tal-Milied, insibu li nkunu żidna maż-żewġ kilojiet mal-piż li kellna. Xi pjaċir!

### 2 Tagħlima

X'għandu jkun il-kontribut tagħna f'dan l-istaġun?

Ladarba nkunu bil-vaganzi nistgħu nagħtu daqqa t'id fid-dar u ngħinu fil-bżonnijiet żejda li jinqalgħu - tiżjin, xiri żejjed, tindif tad-dar. Id-dar hija tagħna wkoll, biżżejjed insibu l-ikel, il-ħwejjeġ, it-tindif.. kollox lest għalkemm inpoġġu bil-qiegħda u nieklu, għalkemm inneħħu l-għata tas-sodda u mmiddu rasna fuq l-imħadda.

Hemm ix-xiri tar-rigali, kartolini, l-armar tas-Siġra tal-Milied u tal-Presepju. Bħala żgħażagħ kapaċi nserrħu lill-ġenituri minn dan ix-xogħol żejjed. Mhux hekk?

### 3 Pariri

Nippjanaw il-vaganzi tajjeb ħalli jkollna l-ħin, inġibu kamritna f'ċerta ordni - naraw il-karti/noti importanti għalina, il-bqija neħilsu minnhom. Nirranġaw il-librerija tagħna, ħwejjiġna, naraw dawk li m'għadniex nilbsu għax qdiemu jew ma baqgħux jiġuna u nagħmlu post għal xi ħaġa oħra.

Nixtru l-kartolini li jfakkruna fit-Twelid ta' Ġesù mhux b'xeni jew figuri li m'għandhom x'jaqsmu xejn mal-Milied. Insibu xi messaġġi addattati għal dan iż-żmien, u niktbuhom fuq il-kartolini mhux sempliċement niffirmaw isimna u kunjomna, ħalli l-awguri jkunu aktar personalizzati.

Jekk se nagħmlu parti minn grupp li joħroġ mat-toroq tal-parroċċa jkanta l-għanjiet tal-Milied, jew *Christmas Caroling*, inħejju ruħna tajjeb. Niftakru niddeċiedu flimkien il-flus li joffrulna n-nies, għal min ser imorru. Nieħdu sehem fl-attivitajiet li jsiru fil-parroċċa biex jiġi ċċelebrat il-Milied, bl-isbaħ u bl-aħjar mod. Ngħinu bl-ideat u bil-kontribut tagħna.

Niftakru nagħtu l-awguri lil tad-dar, għax dawn jiġu qabel il-barranin. Jekk ilna ma naraw lin-nanniet u z-zijiet, jieħdu gost bina jekk nawgurawlhom personalment, u forsi b'rigal żgħir, biex nuruhom li ftakarna fihom u nħobbuhom.

Naraw tad-dar jaċċettawx li naddottaw tifel / tifla li jkun fid-djar tat-tfal, u m'għandux ċans li l-familjari tiegħu jeħduh għandhom għall-Milied. Inżuru xi Djar ta' l-Anzjani / Djar fejn hemm persuni b'xi diżabbiltà għax żgur li ser insibu whud waħedhom, u nferrħuhom ftit.

Jekk il-ġenituri tagħna huma mifrudin, nagħmlu kull ma nistgħu biex ninsew id-differenzi, u jekk qegħdin ma' ommna ma ninsewx lil missierna u vice-versa. Dawk kienu u jibqgħu l-ġenituri tagħna. Forsi bis-saħħa tagħna terġa' sseħħ l-għaqda bejniethom. Min jaf? Jekk aħna mifrudin minn ħutna, min jinsab mal-missier u min ma' l-omm, infittxu li għal dawn il-ġranet ningħaqdu u ngawdu ftit lil xulxin.

Jekk noħorġu mal-ħbieb biex niċċelebraw lejlet il-Milied u lejlet l-Ewwel tas-Sena tajjeb li l-ġenituri tagħna jkunu jafu min huma xi whud minn sħabna, u possibbilment bin-numru tat-telefon jew tal-mowbajl, biex f'każ ta' diffikultà jkollhom lil min jikkuntattjaw.

Ma nħallux lil ħbiebna jwaqqgħuna biex nixorbu żżejjed, għax ix-xorb żejjed iwaqqagħna għaż-żufjett minbarra l-ħsara li jagħmel lil saħħitna. Jekk ser insuqu aħna, aktar u aktar m'għandniex naqbżu l-limiti, għax fin-nofs hemm ħajjitna u ħajjet dawk li rikbu magħna. Jekk se jwassalna xi ħadd id-dar u dan ikun xorob, aħjar niftiehmu ma' xi ħaddieħor u/jew nikru taksi ħalli naslu d-dar qawwijin u sħaħ.

Niċċargjaw l-mowbajl u neħduh magħna, mhux biex nagħmlu l-messaġġi biss, imma biex meta nkunu ser nittardjaw ninfurmaw lil tad-dar. Mhux sewwa aħna niddevertu u tal-familja jinkwetaw id-dar minħabba fina.

Ma nafdawx il-mowbajls, portmoni, kartiera bil-flus, ċavetta tad-dar warajna, għax ma nsibuhomx.

Magħna jkun hemm oħrajn li la huma ta' l-istess twemmin tagħna u lanqas għandhom l-istess użanzi tagħna. Nirrispettawhom l-istess biex huma jirrispettaw lilna.

Meta nkunu mal-bar, u jkollna bżonn nillargaw, ma nħallux it-tazza bix-xorb fiha warajna, u lanqas l-ikel, biex ma nagħtux ċans lil min irid jagħmlilna xi ċajta goffa, idaħħaq in-nies bina.

Meta nitolbu lil tal-bar flixkun *drink*, naraw li jinfetaħ quddiemna u ma nitilqux it-tazza minn idejna. Nagħmluha ma' dawk li jafu jrażżnu lilhom infushom u ma jibżgħux jgħidu "Le" kull fejn jinħass il-bżonn.

Nawguralkom Milied mill-isbaħ!

***Dejjem tagħkom, Mary Puli.***



# Bejnietna n-Nisa

Tiktbilna SUSAN MULVANEY



## IL-QAWWA TA' L-INKWIET

Għodwa waħda, raġel iltaqa' mal-Mewt f'tarf il-belt fejn kien joqgħod, u staqsiha: "X'se tagħmel?" Weġbitu: "Se mmur nieħu mitt ruħ."

"Ħniena!" talabha.

"Jiddispjaċini. Ma hemmx ħniena. Minn din il-belt illum niġbor mija."

Meta ra kemm kellha rasha iebsa, ir-raġel ġera lejn il-belt u qal lil dawk kollha li ltaqa' magħhom dwar x'kien beħsiebha tagħmel il-mewt ħalli jkunu jistgħu jippreparaw ruħhom sewwa.

Filgħaxija, meta dalam, reġa' ltaqa' mal-Mewt u rrabjat qalilha: "Int għedtli dalgħodu li kont se tieħu mija. Għaliex mietu elf?"

"Le, ħabib, jiena 100 ħadt. L-oħrajn mietu bl-inkwiet."

Dan id-daqsxejn ta' rakkont juri dak li jgħidulna l-kumitati nazzjonali dwar is-saħħa mentali, kważi fil-pajjiżi kollha tad-dinja; nofs il-popolazzjoni hija magħmula minn nies li dejjem jinkwetaw - fuq kollox!

L-istess mard mentali jwassal għal ħafna kundizzjonijiet u jaffettwa s-saħħa tal-bniedem bil-kbir, mhux l-inqas minħabba l-emikranja, il-mard tal-qalb, id-dipressjoni, l-ulċeri, taħwid fis-sistema diġestiva , u, iva, saħansitra l-mewt. U ma ninsewx l-iljieli mqajmin li ngħaddu malli jkollna xi ftit ta' l-inkwiet, nitqallbu 'l hawn u 'l hinn. Mingħajr irqad ma nsibux serħan, ma nsibux paċi.

U dan iwassal biex neqirdu l-kwalità tal-ħajja tal-familja tagħna u ta' dawk ta' madwarna fuq il-post tax-xogħol. Il-ħajja soċjali tagħna tispiċċa fix-xejn għax ħadd ma jfittex iżjed il-kumpanija tagħna hekk kif nieħdu l-fama li aħna *compulsive worriers*!

L-inkwiet minn dejjem kien - u jibqa', fatali għall-qalb. Il-bidu tiegħu jwassal għat-tmiem tat-tama.

Għalhekk għandna ninsew id-dispjaċiri tal-bieraħ u ma naċċettawx il-biża' ta' għada. Minflok, għandna naċċettaw il-paċi ta' llum. Lil moħħna għandna neħilsuh minn inkwiet żejjed jew inkwiet għalxejn b'xejn. Bl-inkwiet ma nsolvu xejn. Li rridu nagħmlu huwa li npoġġu bilqiegħda fil-kwiet għal ftit mumenti u naraw kif l-aħjar insolvu l-kriżi li ninsabu fiha f'dak il-mument. U, ma għandniex ninsew ukoll, li l-bidu tas-soluzzjoni jiġi bit-talb.

Ta' Vestru
Bar, Restaurant & Pizzeria
Specializing in Local & Italian Food
Open daily for Lunch and Dinner
5, St. Joseph Square, Qala, Gozo.
Tel: 2156 4589, 2155 9090, Mob: 7970 6274

MARIO
DISPENSING OPTICIANS
57, MAIN GATE STREET, VICTORIA, GOZO.
Prop. Mario P. Grech F.A.D.O. (Lond.).
Appointments for
EYE TESTING / EXAMINATION
by the Latest Computer Technology
and Eye Specialists
Telephone: 55 65 28 / 56 33 31

# L-Irħula Għawdxin

*Versi ta' Fr. Geoffrey G. Attard*
*Ritratti ta' Joseph P. Zammit*








## 8. Il-Qala

*Sliem, ja l-ibgħad fost l-irħula*
*li mir-Rabat tbigħedt sew,*
*biex inżurek nieħu saħħti*
*daqs kemm int tinsab 'il ġew!*

*Kemm tassew taf tagħmel għażla*
*ħadt b'ħarriesa t-tnejn il-Kbar,*
*li 'l Ġesù tawh it-trobbija*
*qabel jitlaq minn ġod-dar.*

*San Ġużepp tas-safa x-xempju -*
*li ilum ma tantx issib;*
*martu x-Xebba mingħajr ħtija*
*it-tnejn 'l huma iżżomm hekk qrib!*

*Qabel tinżel ġewwa l-Ħondoq*
*is-Santwarju wisq għażiż*
*fejn l-Għawdxin bi ħġarhom resqu*
*biex tnaqqsilhom ftit mill-piż.*

*Fil-parroċċa l-ġdida, ix-xbieha*
*ta' Ġużeppi, it-titular*
*ġiet imxidda il-kuruna*
*ta' l-imħabba għelm, sinjal.*

*Kif kennint fl-imgħoddi l-iġfna,*
*ilqa' issa lill-bnedmin*
*li f'Ġużeppi jsibu l-faraġ*
*ma' Marija u mal-Bambin.*

# Djamanti ta' Għawdex

## Ritratti mill-kollezzjoni ta' Joe Zammit



Il-Knisja Arċipretali ddedikata lil San Ġużepp fil-Qala



Il-parti l-aktar antika (fuq wara) tas-Santwarju Nazzjonali tal-Kunċizzjoni fil-Qala



Dehra panaromika tar-raħal tal-Qala minn "Fuq il-Wileġ"


JCR Ltd.
SOLE AGENTS & IMPORTERS FOR THE BUILDING INDUSTRY
Sika
NUOVA LICATA
EDILCHIMICA
NOVAGLASS
GESSICA
Brick Factory, Triq il-Gruwa,
Xewkija - Gozo - Tel\Fax: 2155 6722
Triq San Gwakkin, Ind. Est.,
Mrieħel - Malta
Tel: 2144 2466 Fax: 2144 3303
ZENITH
PLANT B PLANT A
Modernizzar tal-Fabrika flimkien ma
Batching Plant Gdida u Kompjuterizzata
inkluz apparat gdid tal-bricks